

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 200


Volum 52

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

25 ta' Awwissu 2009
Avviż Nru

Werrej

Paġna

 I *Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet*

OPINJONIJIET

Il-Kumitat tar-Reġjuni

Id-79 sessjoni plenarja il-21 u t-22 ta' April 2009

2009/C 200/01	Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar pjan ta' azzjoni dwar il-mobilità urbana	1
2009/C 200/02	Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar qafas strateġiku ewropew għall-kooperazzjoni internazzjonali fl-oqsma tax-xjenza u t-teknoloġija	5
2009/C 200/03	Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-korrelazzjoni bejn is-suq tax-xogħol u l-ħtiġijiet reġjonali fis-settur tat-turiżmu	9
2009/C 200/04	Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar pjan ewropew għall-irkupru ekonomiku u r-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali	13
2009/C 200/05	Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-awtoritajiet lokali: atturi għall-iżvilupp	18
2009/C 200/06	Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-istrateġija l-għdida tal-baħar baltiku	23
2009/C 200/07	Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fis-sħubija tal-lvant	31
2009/C 200/08	Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar aġenda soċjali mgħdida: opportunitajiet, aċċess u solidarjetà fl-ewropa tas-seklu 21	37

MT
Prezz: 18 EUR
(Ikompili fil-paġna ta' wara)

III Atti preparatorji

Il-Kumitat tar-Reġjuni**Id-79 sessjoni plenarja il-21 u t-22 ta' April 2009**

2009/C 200/09	Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-enerġija: analiżi strateġika u prestazzjoni tal-bini	41
2009/C 200/10	Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar proposta għal deċiżjoni li tistabbilixxi l-programm "MEDIA Mundus"	51
2009/C 200/11	Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar is-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà fl-amministrazzjonijiet pubbliċi ewropej (ISA)	58
2009/C 200/12	Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar is-sikurezza tal-pazjenti	63
2009/C 200/13	Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-istabbiliment tal-fond ewropew ta' aġġustament għall-globalizzazzjoni	70
2009/C 200/14	Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar id-drittijiet tal-konsumatur	76



I

(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)

OPINJONIJIET

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

ID-79 SESSJONI PLENARJA IL-21 U T-22 TA' APRIL 2009

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar pjan ta' azzjoni dwar il-mobilità urbana

(2009/C 200/01)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

- jiddispijaċih għall-fatt li l-Kummissjoni naqset milli toħroġ bil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Mobilità Urbana mistenni peress li dan jista' jnaqqas il-potenzjal ta' politika dwar il-mobilità urbana;
- jilqa' b'sodisfazzjon il-bosta inizjattivi li ħarġu fil-livell tal-UE dwar il-politika urbana u l-fondi tal-UE li diġà ffinanzjaw firxa ta' inizjattivi urbani, u għaldaqstant jemmen li huwa meħtieġ li nimxu lil hinn mill-Green Paper u nwessgħu iktar l-ambitu politiku tal-politika dwar il-mobilità urbana;
- jenfasizza l-importanza tal-iżgurar ta' mekkaniżmi ta' finanzjar xierqa, flimkien ma' mekkaniżmi sabiex issir ħidma effettiva fi sħubija. Għaldaqstant il-KtR japprova mudell fejn il-Pjanijiet dwar il-Mobilità Urbana jkunu implimentati permezz ta' ftehimiet pubbliku-pubbliku/pubbliku-privat sostenibbli u dejjiema jew permezz ta' Ftehimiet ta' Mobilità;
- jitlob lill-Kummissjoni biex twaqqaf strument finanzjarju li jħeġġeġ liż-żoni urbani joħlqu Pjanijiet dwar il-Mobilità Urbana. Dan l-istrument finanzjarju għandu jkun disponibbli direttament għal żoni urbani, mingħajr ma jkollhom jistrieħu fuq l-approvazzjoni tal-Istat Membru. Pjanijiet dwar il-Mobilità Urbana għandhom ikunu r-responsabilità tal-bliet infushom;
- jitlob li l-Kummissjoni Ewropea tagħti aktar valur lill-proċess billi tiffinanzja inċentivi, skemi ta' għoti ta' premjijiet u skambju tal-aħjar Prattika. L-opinjoni tal-KtR dwar il-Green Paper issuġġeriet l-ekwivalenti ta' "Blue Flag Scheme" madwar l-Ewropa li tingħata fuq il-bażi ta' indikaturi speċifiċi lil żoni urbani b'livelli baxxi ta' tniġġis u konġestjoni.

Rapporteur ġenerali: Il-Kunsillier Sir Albert Bore, Membru tal-Kunsill tal-Belt ta' Birmingham (UK/PES)

Dokument ta' referenza

Konsultazzjoni mill-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2009

I. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Messaġġi ewlenin

1. jiddispjaċih għall-fatt li l-Kummissjoni naqset milli toħroġ bil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Mobilità Urbana mistenni peress li dan jista' jnaqqas il-potenzjal ta' politika dwar il-mobilità urbana;

2. jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew biex joħroġ rapport fuq inizjattiva proprja u d-deċiżjoni tiegħu li jikkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni;

3. jilqa' b'sodisfazzjon il-bosta inizjattivi li ħarġu fil-livell tal-UE dwar il-politika urbana u l-fondi tal-UE li diġà ffinanzjaw firxa ta' inizjattivi urbani, u għaldaqstant jemmen li huwa meħtieġ li nimxu lil hinn mill-Green Paper u nwessgħu iktar l-ambitu politiku tal-politika dwar il-mobilità urbana. Fid-dawl tal-benefiċċji potenzjali li mobilità urbana u metropolitana msaħħa u sostenibbli tista' toffri lill-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini tal-UE fiż-żoni urbani, lid-dekarbonizzazzjoni u d-dipendenza mnaqqsa fuq il-karburanti fossili, u lill-kompetittività ekonomika, huwa xieraq li l-UE ġġedded l-isforzi tagħha f'dan il-qasam ta' politika. L-aġenda trid tkun koerenti u — fil-kuntest tal-prinċipju tas-sussidjarjetà — l-UE trid tassumi rwol ta' appoġġ għal azzjonijiet fil-livell lokali u reġjonali billi tippromovi l-aħjar prattiki, l-iskambju tal-esperjenzi u t-tħeġġiġ tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku;

4. jagħraf il-fatt li l-UE diġà tipprowdi appoġġ importanti għal riċerka relatata mal-mobilità urbana; fil-qasam tar-regolamentazzjoni dwar it-trasport pubbliku u fir-rigward ta' kwistjonijiet ambjentali. Ir-reazzjoni tal-KtR għall-Green Paper tal-Kummissjoni dwar il-Mobilità Urbana enfasizzat il-valur miżjud potenzjali fit-tul tal-promozzjoni tal-Pjanijiet dwar il-Mobilità Urbana, bħal dawk li diġà ġew żviluppati pereżempju fil-bliet Franċiżi u Ġermaniżi, sabiex jiġu adottati b'mod usa' mill-bliet madwar l-Unjoni Ewropea, bħala mezz kif jiġu indirizzati l-konġestjoni urbana u t-tniġġis ambjentali; jistqarr li huwa favur parteċipazzjoni aktar qawwija tal-bliet fil-proġetti tal-UE fl-oqsma tal-mobilità urbana, il-ġestjoni tat-trasport pubbliku u l-kwistjonijiet ambjentali. Dan jista' jseħħ billi l-programmi ta' riċerka jiġu adattati skont il-bżonn;

5. jenfasizza l-importanza tal-iżguraw ta' mekkaniżmi ta' finanzjar xierqa, flimkien ma' mekkaniżmi sabiex issir ħidma effettiva fi sħubija. Għaldaqstant il-KtR japprova mudell fejn

il-Pjanijiet dwar il-Mobilità Urbana jkunu implimentati permezz ta' ftehimiet pubbliku-pubbliku/pubbliku-privat sostenibbli u dejjiema jew permezz ta' Ftehimiet ta' Mobilità. Dawn il-Ftehimiet ta' Mobilità għandhom ikunu jistgħu jiksbu fondi mis-settur privat u minn programmi lokali, reġjonali u nazzjonali;

6. huwa tal-fehma li hemm rwol għall-UE, f'ħidma mill-qrib mal-BEL, sabiex jiġu żviluppati strumenti finanzjarji innovattivi li jkunu kapaċi jiffinanzjaw l-infrastruttura meħtieġa għall-mobilità sostenibbli u l-investment f'vetturi b'użu baxx tal-karbonju. Waqt li sal-lum inizjattivi f'dawn l-oqsma jintlaqgħu tajjeb, hija meħtieġa bidla sabiex minn proġetti iżolati eżemplari nimxu għal ħidma mifruxa madwar l-Unjoni. Ftehimiet ta' Mobilità jistgħu jif-facilitaw it-twaqqif ta' sħubijiet b'saħħithom bejn il-partijiet interressati li jkunu jistgħu jifilħu għal riskji assoċjati mal-livell sostanzjali ta' self kummerċjali meħtieġ sabiex titmexxa 'l quddiem l-infrastruttura sostenibbli tat-trasport fuq skala kbira;

7. jappoġġja s-suġġerimenti tal-abbozz tar-rapport tal-Parlament Ewropew li fil-perspettiva finanzjarja għall-2014-2020, għandha tiġi analizzata l-possibilità ta' strument finanzjarju Ewropew li jkun jista' jippermetti l-kofinanzjar ta':

— Pjanijiet dwar l-Ivvjaġġar Urban u Metropolitan (Pjanijiet dwar il-Mobilità Urbana) u

— Investment fil-mobilità urbana u metropolitana li jilħaq l-oġettivi ambjentali u soċjoekonomiċi tal-UE;

8. jitlob lill-Kummissjoni biex twaqqaf strument finanzjarju li jħeġġeġ liż-żoni urbani u metropolitan joħlqu Pjanijiet dwar il-Mobilità. Dan l-istrument finanzjarju għandu jkun disponibbli direttament għal reġjuni u żoni urbani, mingħajr ma jkollhom jistrieħu fuq l-approvazzjoni tal-Istat Membru. Pjanijiet dwar il-Mobilità Urbana għandhom ikunu r-responsabilità tal-bliet infushom. Ta' sikwit, fil-livell lokali u reġjonali, proġetti jiddipendu milli jiżguraw it-taħlita t-tajba ta' investment mis-settur pubbliku u minn dak privat, u l-UE tista' taqdi rwol biex tiffaċilita dan;

9. jitlob li l-Kummissjoni Ewropea tagħti aktar valur lill-proċess billi tiffinanzja inċentivi, skemi ta' għoti ta' premijiet u skambju tal-aħjar prattika. L-opinjoni tal-KtR dwar il-Green Paper issuġġeriet l-ekwivalenti ta' "Blue Flag Scheme" madwar l-Ewropa li tingħata fuq il-bażi ta' indikaturi speċifiċi lil żoni urbani b'livelli baxxi ta' tniġġis u konġestjoni;

Kummenti ġenerali

10. Sistemi tat-trasport urban effiċjenti, effettivi u sostenibbli jgħinu ħafna lill-kompetittività ekonomika tal-bliet, ir-reġjuni u l-Unjoni Ewropea kollha kemm hi. Waqt li l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà twassal għall-konklużjoni li l-iżvilupp ta' sistemi bħal dawn huwa r-responsabilità tal-awtoritajiet lokali u reġjonali kkonċernati, hemm rwol għall-Unjoni Ewropea fil-promozzjoni tal-aħjar Prattika, il-faċilitar tat-tagħlim komuni, l-aċċelerazzjoni tat-trasferiment tat-teknoloġija u l-iżgurar tal-kompatibilità tat-teknoloġiji użati sal-punt meħtieġ sabiex jiġi faċilitat il-moviment ħieles tal-vetturi bejn l-Istati Membri;

11. Hekk kif ir-riċessjoni globali tmur għall-aħjar u l-intrapriżi Ewropej ibatu biex iżommu sehem tas-suq f'kuntest ta' swieq globali dejjem iktar kompetittivi, l-UE għandha tmexxi billi tagħti eżempju, u taqdi r-rwol tagħha biex tiżgura li l-kwalità tal-infrastruttura urbana għall-moviment tan-nies u l-prodotti tagħti lill-intrapriżi Ewropej vantaġġ fuq il-kompetituri globali, minflok ma ddgħajjef il-kapaċità tagħhom biex jikkompetu. Għaldaqstant, huwa importanti ħafna li jinżamm il-momentum wara l-inizjattiva tal-Mobilità Urbana li wasslet għall-pubblikazzjoni tal-Green Paper f'Settembru 2007, u li l-UE timpenja ruħha għal azzjonijiet tanġibbli li jmexxu din l-aġenda 'l quddiem.

Rakkomandazzjonijiet fl-Abbozz ta' Rapport tal-Parlament Ewropew:

Aċċellerazzjoni tar-riċerka u tal-innovazzjoni Ewropej fil-qasam tal-mobilità urbana

12. jappoġġja r-reviżjoni, l-evalwazzjoni u l-armonizzazzjoni immedjata tal-istatistika u l-bażi tad-data urbana attwali, sabiex tiġi evalwata l-ħtieġa li dawn jiġu aġġornati;

13. jappoġġja t-tnedija immedjata ta' portal tal-internet u forum Ewropew dwar il-mobilità urbana, sabiex jiġu ffaċilitati l-iskambju u t-tixrid tal-informazzjoni, tal-prattika tajba u tal-innovazzjonijiet, l-iktar fil-qasam tal-promozzjoni tat-trasport sostenibbli;

14. jappoġġja l-proposta għall-introduzzjoni ta' premju Ewropew annwali li jingħata lil inizjattivi u proġetti ta' kwalità għolja u li huma trasferibbli, iżda jissuġġerixxi li dan għandu jagħmel parti mill-introduzzjoni ta' premju ekwivalenti għall-"Blue Flag Scheme" madwar l-UE li jingħata fuq il-bażi ta' indikaturi speċifiċi lil żoni urbani b'livelli baxxi ta' tniġġis u konġestjoni ambjentali;

15. jappoġġja l-iżvilupp ta' inizjattiva CIVITAS ġdida, iżda jirakkomanda li l-mekkaniżmi għall-promozzjoni tal-introduzzjoni wiesgħa tat-tagħlim u l-innovazzjoni li jinħolqu fi ħdan proġetti CIVITAS jiġu riveduti u mtejbja kull fejn dan huwa possibbli;

16. bħala prinċipju jappoġġja ż-żieda fl-iffinanzjar għall-programm ta' riċerka u żvilupp tal-ITS, iżda jagħraf li sabiex jint-laħqu l-aspirazzjonijiet għall-integrazzjoni u l-interoperabilità tas-sistemi jridu jingħelbu sfidi kbar;

Tħeġġiġ tal-ottimizzazzjoni tad-diversi modi ta' ċaqliq permezz ta' titjib tal-programmazzjoni urbana

17. sabiex jiġu inklużi żoni usa' ta' vjaġġar mid-dar għax-xogħol, jappoġġja bil-qawwa l-promozzjoni ta' pjanijiet tal-ivvjaġġar urban sostenibbli u integrati (Pjanijiet tal-Mobilità Urbana) iżda għandhom jitqiesu kwistjonijiet potenzjali ta' sussidjarjetà, peress li waqt li jeżisti rwol għall-UE sabiex tinentiva l-preparazzjoni ta' dawn il-pjanijiet fl-ispirtu tal-promozzjoni ta' Prattika tajba, id-deċiżjoni li jinħolqu dawn il-pjanijiet hija r-responsabilità tal-bliet u r-reġjuni kkonċernati;

18. jappoġġja bil-qawwa l-proposta li l-iffinanzjar u l-kofinanzjar Ewropew ta' proġetti tat-trasport urban isiru fuq kundizzjoni li jinħolqu dawn il-pjanijiet ta' Mobilità integrati, li jżidu mal-inċentivar tal-UE għal dawn il-pjanijiet;

19. jappoġġja bis-sħiħ it-tfassil ta' linji gwida dwar il-finanzjamenti tal-UE fil-qafas tal-istrumenti tal-politika reġjonali għall-investimenti, il-ħidmiet u l-proġetti nazzjonali u reġjonali kkoordinati għat-trasport bejn il-bliet ta' daqs medju u ż-żoni ta' madwarhom sakemm dawn l-investimenti jirrispettaw l-għanijiet ambjentali u soċjoekonomiċi tal-UE, fosthom il-kisba tal-interoperabilità bejn il-mezzi kollha tat-trasport. Huwa jappoġġja wkoll l-introduzzjoni ta' strument finanzjarju Ewropew fi ħdan il-perspettiva finanzjarja għall-2014-2020, li jippermetti l-kofinanzjar tal-pjanijiet ta' Mobilità Urbana, fejn jiġu ffinanzjati mhux proġetti iżda riżultati li jissodisfaw l-oġettivi ambjentali u soċjoekonomiċi tal-UE, u jitlob li tiġi investigata l-possibilità għal finanzjar bikri disponibbli għal inizjattivi pilot fuq skala żgħira. Huwa rakkomandat ukoll li strumenti iktar ambizzjużi jinstabu sabiex jiġu pprovduti fondi fuq skala ikbar bħala appoġġ għall-pjanijiet ta' Mobilità Urbana, li jkunu kontinġenti fuq l-eżistenza ta' Ftehimiet ta' Mobilità Urbana pubbliku-pubbliku/pubbliku-privat li jiksbu fondi mis-settur privat u minn programmi lokali, reġjonali u nazzjonali;

20. jilqa' b'sodisfazzjoni it-tnedija ta' studju ta' esperjenzi fir-rigward tal-integrazzjoni tat-tariffi (inklużi smart cards) u jħeġġeġ aktar studju dwar il-forniment ta' tagħrif intermodali fil-konurbazzjonijiet tal-UE u jitlob li l-interoperabilità tal-ismart cards tiġi investigata wkoll sabiex fil-ġejjieni jkunu jistgħu jinkludu permessi ta' vjaġġar validi għal bosta żoni metropolitani fl-Unjoni Ewropea;

21. jappoġġja s-sejħa lill-Kummissjoni biex tfassal rapport dwar it-tariffi urbani u l-każ favur linji gwida dwar tariffi bħal dawn u dwar tariffi tat-triq għal dħul fiċ-ċentri urbani u tal-bliet kbar. Waqt li huwa minnu li l-kumplessitajiet assoċjati ma' ħidma bħal din huma konsiderevoli, hemm ukoll benefiċċji sostanzjali, l-iktar fir-rigward tal-kontribuzzjoni għal Pjanijiet ta' Mobilità Urbana koerenti u bħala pass lejn sistemi ta' pagamenti intermodali li jservu minn bankun wieħed ("one-stop");

It-trasport urban: settur industrijali u ta' teknoloġiji Ewropej li għandu jittqies fil-kuntest tal-Istrateġija ta' Liżbona u tal-pjan ta' rkupru tal-ekonomija Ewropea

22. jappoġġja bil-qawwa l-introduzzjoni ta' inizzjattiva Ewropea għall-istandardizzazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' tagħmir fir-rigward tas-sikurezza, il-kumdità (storbu, vibrazzjonijiet, eċċ.), netwerk ta' interoperabilità, aċċessibilità għal persuni b'mobilità mnaqqa, trasport sostenibbli u t-teknoloġiji tal-magni nodfa fuq il-bażi ta' verifika tal-karbonju;

23. jappoġġja bil-qawwa proporzjon sinifikanti tal-appropriazzjonijiet rilaxxati mill-pjan ta' rkupru tal-ekonomija Ewropea li qed jiġu allokati għall-ifinanzjar ta' investimenti u proġetti tat-trasport urban li għadhom għaddejjin u li jistgħu jiġu ffinanzjati b'mod immedjat, fejn dawn l-investimenti huma konsistenti mal-indirizzar tal-oġettivi ambjentali u soċjoekonomiċi tal-UE;

Koerenza aħjar ma' politiki oħrajn tal-UE

24. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tippromovi aktar koerenza fil-livell lokali ma' politiki oħrajn tal-UE, bħal dawk relatati mal-ambjent, l-iżvilupp urban sostenibbli, it-trasport ta' passiġġieri u prodotti f'żoni mhux urbani, il-bidla fil-klima u l-politika reġjonali.

25. itenni s-sejħa tiegħu għat-twaqqif ta' mekkaniżmu fil-livell tal-UE li jagħti rapporti dwar il-progress fit-tweqqif tal-Pjanijiet ta' Mobilità Urbana, sabiex iservu ta' xempju għal bliet oħrajn. Dan il-proċess għandu jinbeda bi studju benchmark iffinanzjat mill-UE li jħares lejn il-bliet madwar l-UE u l-approċċi tagħhom lejn it-tnaqqis tal-konġestjoni, it-tisħiħ ambjentali u l-provvediment ta' mezzi ta' trasport aktar sostenibbli, fosthom mezzi mhux motorizzati.

Brussell, il-21 ta' April 2009.

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Luc VAN DEN BRANDE

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar qafas strateġiku ewropew għall-kooperazzjoni internazzjonali fl-oqsma tax-xjenza u t-teknoloġija

(2009/C 200/02)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

- jirrimarka li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom rwol partikularment importanti x'jaqdu biex iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ERA) issir realtà;
- jenfasizza li l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu involuti bis-sħiħ u b'mod effettiv fil-ġestjoni ta' inizjattivi relatati mal-ERA;
- jagħraf il-ħtieġa għal kooperazzjoni bejn l-UE u pajjiżi ġirien fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija. Din għandha tinvolvi l-parteċipazzjoni tal-ġirien tagħna u mhux biss fi ħdan il-Programm Qafas tar-Riċerka tal-UE, iżda wkoll f'dimensjonijiet oħra taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, bħall-koordinazzjoni tal-programmi u l-infrastrutturi tar-riċerka, l-infurzar ta' prinċipji tal-qsim tal-għarfien u l-mobilità mingħajr xkiel tar-riċerkaturi;
- irid jiżgura l-użu kkoordinat tal-FP7, SF, CIP u EARDF, billi dan huwa essenzjali għall-kompetittività tal-UE u s-sinerġiji bejn il-politiki ta' koeżjoni, ir-riċerka, l-edukazzjoni terzjarja u l-innovazzjoni fil-livell nazzjonali u reġjonali, kif imsemmi f'opinjonijiet preċedenti tal-KtR.

Rapporteur: Is-Sur Jyrki Myllyvirta (FI/PPE), Sindku ta' Lahti

Dokument ta' Referenza

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew — Qafas strateġiku Ewropew għall-kooperazzjoni internazzjonali fl-oqsma tax-xjenza u t-teknoloġija

COM(2008) 588 finali

I. RAKKOMANDEZZJONIJET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Rilevanza għal-livelli lokali u reġjonali u l-Ktr

1. jirrimarka li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom rwol partikularment importanti x'jaqdu biex iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ERA) issir realtà. Il-kontribut tagħhom huwa essenzjali għall-iżvilupp ta' strateġiji reġjonali ta' riċerka u ta' innovazzjoni, u peress li għandhom l-esperjenza meħtieġa, ta' sikwit jiġġestixxu istituzzjonijiet ta' riċerka u jappoġġjaw ambjenti innovattivi. Barra minn hekk, b'mod ġenerali, il-bliet jew l-amministrazzjonijiet reġjonali għandhom setgħat leġiżlattivi rikonoxxuti u baġit għar-riċerka jew inkella jaqdu rwol ewlieni fattivitajiet ta' riċerka u żvilupp u jikkontribwixxu għall-kofinanzjament tagħhom. Sistemi istituzzjonali effettivi u li jaħdmu fil-livell lokali u reġjonali huma kruċjali għall-ippjanar u t-twettiq ta' attività ta' riċerka b'suċċess u li tagħti riżultati;

2. l-awtoritajiet lokali u reġjonali għalhekk huma fost il-partijiet interessati ewlenin fil-politiki u l-inizjattivi favur it-tisħiħ, u aktar importanti t-twessiegħ tal-ERA, b'mod partikulari l-viżjoni tagħha għal istituzzjonijiet ta' riċerka u akkademiċi b'saħħithom fi ħdan ambjenti innovattivi kif ukoll kooperazzjoni internazzjonali u koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' riċerka;

3. jenfasizza l-importanza ewlenija tal-bliet u r-reġjuni għall-iżvilupp ta' ambjent xieraq għall-innovazzjoni. Il-politiki tagħhom m'għandhomx biss impatt sostanzjali fuq it-twettiq taż-Żona Ewropea tar-Riċerka f'termini tal-mobilità tax-xjenzjati — billi dawn huma miġbudin biss minn ambjent versatili, tolleranti u innovattiv — iżda għandhom impatt ukoll bħala ċentri ta' żvilupp għall-infrastruttura tar-riċerka. Fost il-fatturi rilevanti f'dan ir-rigward hemm il-politiki lokali tal-innovazzjoni, iċ-ċentri tat-teknoloġija, l-inkubaturi tan-negozji, iċ-ċentri tax-xjenza u l-kapital ta' riskju (1);

Kummenti ġenerali

4. huwa tal-fehma li l-inizjattiva proposta hija kontribut importanti għat-tisħiħ u t-twessiegħ tal-ERA. Fl-opinjoni dwar "Iż-Żona Ewropea tar-Riċerka — perspettivi ġodda" (1) il-Kumitat enfasizza l-ħtieġa li jissaħħaħ il-proċess tat-twettiq tal-ERA bħala pass 'il quddiem lejn il-mira li l-Ewropa tkun l-iktar ekonomija dinamika fid-dinja (2);

5. jenfasizza li l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu involuti bis-sħiħ u b'mod effettiv fil-ġestjoni (2) ta' inizjattivi relatati mal-ERA. L-għarfien u l-innovazzjoni jridu jsiru l-istimolu ekonomiku ewlieni. Il-parteċipazzjoni attiva tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-ERA tgħin issaħħaħ il-produttività u l-kompetittività;

6. jinnota li fil-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija (S&T), il-bliet u r-reġjuni huma partikularment importanti. Permezz ta' programmi ta' appoġġ u kundizzjonijiet qafas strutturali u leġiżlattivi fil-kuntest tal-politiki tagħhom ta' riċerka, il-bliet u r-reġjuni jikkontribwixxu b'mod konsiderevoli għall-ħolqien ta' valur miżjud Ewropew fis-settur tar-riċerka u għat-twaqqif ta' Żona Ewropea tar-Riċerka vivaċi (1);

7. jilqa' l-Komunikazzjoni b'mod partikulari l-għan tagħha li ssaħħaħ il-bażi xjentifika u teknoloġika tal-UE biex b'hekk tissaħħaħ il-kompetittività tal-industrija tagħha u tgħin biex jiġu indirizzati l-isfidi globali fil-kuntest tar-"responsabbiltà globali";

8. ifakkar lill-Kummissjoni Ewropea li hu ser jissorvelja mill-qrib il-prinċipju li ġie miftiehem li l-bliet u l-"awtoritajiet reġjonali, kif ukoll partijiet interessati bħal universitajiet u organizzazzjonijiet ta' riċerka, is-soċjetà ċivili u n-negozju li għandhom ikunu impenjati attivament fil-governanza taż-ŻER" (3), u ser jiżgura wkoll li l-prinċipji tas-sussidjarjetà u ta' ġeometrija varjabbli jiġu rispettati;

9. jagħraf il-ħtieġa għal kooperazzjoni bejn l-UE u pajjiżi ġirien fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija. Din għandha tinvolvi l-parteċipazzjoni tal-ġirien tagħna u mhux biss fi ħdan il-Programm Qafas tar-Riċerka tal-UE (4), iżda wkoll f'dimensjonijiet oħra taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, bħall-koordinazzjoni tal-programmi u l-infrastrutturi tar-riċerka, l-infurzar ta' prinċipji tal-qsim tal-għarfien u l-mobilità mingħajr xkiel tar-riċerkaturi (5);

(1) CdR 83/2007 fin

(2) CdR 283/2008 fin

(3) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "It-tnedija tal-Proċess ta' Ljubljana — lejn realizazzjoni sħiħa tal-ERA", 30 ta' Mejju 2008.

(4) Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2006) 724, 4.12.2006, dwar l-approċċ ġenerali sabiex il-Pajjiżi fil-Viċinat tal-Ewropa jkunu jistgħu jieħdu sehem fl-aġenziji u l-programmi Komunitarji.

(5) COM(2007) 161 fin.

10. jenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija ma' pajjiżi ġirien li tista' tħalli impatt kbir fuq l-iżvilupp reġjonali fl-UE. Dan jista' japplika għar-Russja, bil-kapaċità sinifikanti tagħha għax-xjenza u t-teknoloġija, iżda wkoll għall-pajjiżi mhux Stati Membri tal-Lvant tal-Ewropa, fir-reġjun Balkan u fil-Mediterran;

L-importanza ta' programmi eżistenti tar-riċerka tal-UE u ta' strumenti ta' finanzjament għat-twessiegħ tal-ERA

11. jilqa' l-azzjonijiet sabiex is-Seba' Programm Qafas u s-CIP jinfetħu għal pajjiżi ġirien, azzjoni li għandha tagħti dimensjoni territorjali ulterjuri lil dawn il-programmi;

12. ifakkar fil-konklużjonijiet tal-grupp ta' esperti tal-ERA ⁽¹⁾ rigward l-importanza li qed tiżdied tal-partijiet interessati nazzjonali u reġjonali fl-iżvilupp ta' inizjattivi Ewropej ewlenin ġodda bħall-ERA-ENTs, Eurostars, EIT jew Joint Technology and Cluster;

13. irid jiżgura l-użu kkoordinat tal-FP7, SF, CIP u EARDF, billi dan huwa essenzjali għall-kompetittività tal-UE u s-sinerġiji bejn il-politiki ta' koeżjoni, ir-riċerka, l-edukazzjoni terzjarja u l-innovazzjoni fil-livell nazzjonali u reġjonali, kif imsemmi f'opinjonijiet preċedenti tal-Ktr ⁽²⁾;

14. jenfasizza bil-qawwa li r-riċerka, it-taħriġ u l-kapaċità innovattiva Ewropea għandhom jissaħħu fil-kuntest tal-appoġġ għal infrastruttura tar-riċerka, ir-riċerka għall-benefiċċju tal-SMEs, clusters reġjonali mmexxija mir-riċerka, il-potenzjal tar-riċerka fir-reġjuni "ta' konverġenza" tal-UE, kwistjonijiet li jikkonċernaw "ix-xjenza fis-soċjetà" u attivitajiet "orizzontali" fil-qasam tal-kooperazzjoni internazzjonali ⁽³⁾;

15. jirrakkomanda interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett tal-innovazzjoni, li tkopri x-xjenzi soċjali u tal-bniedem, u l-interazzjoni fertili tagħhom mal-kulturi urbani u reġjonali tal-lokalitajiet tagħhom;

16. jinnota li l-oġettiv li tinholq massa kritika fil-livell tal-istituti tar-riċerka u networks internazzjonali jiddependi mis-suġġett li qiegħed jiġi studjat, is-settur tar-riċerka u l-parteċipanti. Approċċ fejn instab soluzzjoni waħda għal kollox m'għandux jiġi applikat għas-sħubijiet internazzjonali kollha;

⁽¹⁾ Rapport tal-Grupp ta' Esperti dwar l-ERA "Niftħu għad-dinja: kooperazzjoni internazzjonali fix-xjenza u t-teknoloġija".

⁽²⁾ CdR 263/2007 fin.

⁽³⁾ CdR 155/2005 fin.

17. ifakkar fl-oġettiv imsemmi fil-Green Paper ⁽⁴⁾: li jintlaħaq bilanċ tajjeb bejn il-finanzjament istituzzjonali u dak kompetittiv. Skont il-fehmiet espressi f'opinjonijiet preċedenti dwar kwistjonijiet relatati, il-Kumitat tar-Reġjuni jsejjaħ għal dibattitu kontinwu dwar il-bilanċ xieraq bejn il-finanzjament istituzzjonali u dak kompetittiv;

18. b'konformità ma' dak li nnota qabel ⁽⁵⁾, il-Kumitat tar-Reġjuni jippreferi li l-għażla tas-suġġetti ta' riċerka interessanti u utli ssir mix-xjenzjati u mit-tims ta' xjenzjati nnifishom, inkluż fil-qasam tal-ħolqien tan-networks volontarji (minn isfel għal fuq) u orizzontali, u jippreferi dan it-tip ta' approċċ minn ġestjoni minn fuq għal isfel u t-tip ta' kooperazzjoni ritwalistika li din iġġib magħha;

19. jitlob għal koerenza fil-politiki fil-każ ta' programmi fuq diversi livelli u programmi li jinvolvu ħafna partijiet interessati, b'mod speċjali dawk li jinvolvu msieħba minn pajjiżi terzi, li jeh-tiegu sistema ta' gvernanza fuq diversi livelli li tkun effiċjenti ⁽²⁾;

Il-mobilità tar-riċerkaturi

20. waqt li jaqbel bis-sħiħ mal-idea li l-mobilità tar-riċerkaturi hija fattur essenzjali fil-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija, il-Kumitat jenfasizza dawn il-punti li ġejjin:

— il-progress fil-mobilità tax-xjenzjati, inkluż l-adattament leġislativ meħtieġ fl-oqasma tal-liġi tar-residenza u l-pensjonijiet kif ukoll miżuri ta' appoġġ immirati lejn il-familji, għandu jiġi kkunsidrat bħala partikularment importanti għall-iżvilupp ta' Żona Ewropea tar-Riċerka ⁽⁵⁾;

— il-prospetti tal-karriera u l-mobilità tar-riċerkaturi ⁽⁶⁾ għandhom jissaħħu permezz tal-identifikazzjoni tal-aħjar taħlita ta' politiki ta' għodod nazzjonali u Komunitarji u l-iżvilupp ulterjuri tal-ħiliet tar-riċerkaturi kollha. Għandu jiġi promoss fis-soċjetà l-interess fir-riċerka u fil-ħtiġijiet tal-innovazzjoni, b'mod partikulari fost iż-żgħażgħ.

21. jenfasizza l-bżonn li jinġibdu akkademiċi eċċellenti minn pajjiżi barra l-Ewropa u għalhekk jenfasizza s-sinifikat tal-programmi għall-mobilità tal-UE bħall-programm Marie Curie u jilqa' l-miżuri ta' appoġġ li ttieħdu f'ċerti reġjuni biex l-akkademiċi jiġu lura l-Ewropa ⁽⁵⁾;

⁽⁴⁾ COM(2007) 161 fin.

⁽⁵⁾ CdR 83/2007 fin

⁽⁶⁾ Key Issues Paper 2009 — il-kontribut tal-Kunsill tal-Kompetittività għall-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa.

L-infrastruttura globali tar-riċerka u programmi miftuħa tar-riċerka

22. jaqbel mal-konklużjonijiet li ntlaħqu mill-Kunsill tal-Kompetittività tat-30 ta' Mejju 2008 u jsejjaħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jappoġġjaw l-awtoritajiet reġjonali u lokali fl-applikazzjoni għal infrastrutturi moderni tar-riċerka, il-bini u l-implimentazzjoni tagħhom. F'dan il-kuntest il-Kumitat issuġġerixxa li:

- jiġi żgurat li l-awtoritajiet reġjonali u lokali jkunu involuti bis-sħiħ fl-iżvilupp tal-pjan direzzjonali tal-Forum għal Strateġija Ewropea dwar l-Infrastruttura tar-Riċerka (ESFRI) ⁽¹⁾, u b'mod speċjali, fil-prijoritizzazzjoni tal-35 proġett ewlieni ta' interess Ewropew li diġà ġew approvati;
- tiġi kkunsidrata l-importanza tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-involviment tagħhom fl-ERIs;
- jiġi żgurat li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu tassew involuti fil-gvernanza effiċjenti tal-ERIs ⁽²⁾.

23. jenfasizza l-importanza tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-promozzjoni ta' programmi ta' riċerka konġunti, inklużi dawk li jinvolve l-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi, peress li għandhom iktar kuntatt ma' sitwazzjonijiet lokali speċifiċi mill-aspett xjentifiku, teknoloġiku u ekonomiku, u għaldaqstant jafu meta hija meħtieġa l-kooperazzjoni fl-oqsma ta' importanza strateġika ⁽³⁾. Xi reġjuni Ewropej diġà qed jinvolve ruħhom b'suċċess fil-kooperazzjoni għall-koordinazzjoni ta' strumenti għal programmi ta' riċerka, bħal fil-każ tal-proġetti ERA-NET. Bħall-Istati Membri, il-bliet u l-awtoritajiet reġjonali għandhom ikunu involuti fil-promozzjoni ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni fil-qafas ta' programmar konġunt ⁽⁴⁾;

Is-sussidjarjetà, il-proporzjonalità u regolamentazzjoni aħjar

24. jinnota li l-Komunikazzjoni ma tqiesx l-aspetti lokali u reġjonali kollha u l-Kummissjoni Ewropea ma tippreżentax valutazzjoni tal-impatt għal din il-Komunikazzjoni. L-opinjoni

Brussell, il-21 ta' April 2009.

tagħmel referenza għas-setgħat tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u tenfasizza r-rilevanza partikulari tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija għall-bliet u r-reġjuni.

II. APPENDIĊI

Informazzjoni ġenerali dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea

Din il-Komunikazzjoni tfasslet bħala risposta għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Frar 2008, u hija waħda minn ħames inizjattivi tal-Kummissjoni wara d-dibattiti pubbliċi dwar il-ġejjieni taż-Żona Ewropea tar-Riċerka ⁽⁵⁾ u dwar il-globalizzazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni. Hija wkoll segwitu għall-konklużjonijiet tas-Summit Dinji tal-2005 dwar is-soċjetà tal-informazzjoni (WSIS).

B'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni għandha l-għan li ssahħ l-impenn tar-riċerka tal-Ewropa u tiffaċilita l-użu ta' teknoloġiji ġodda sabiex tirreaġixxi b'iktar effikaċja u effiċjenza għall-isfidi ewlenin li qiegħda tiffaċċja s-soċjetà tal-lum.

Sabiex tiġi riflessa l-ħtieġa għal aktar tisħiħ u twessiegħ tal-ERA permezz ta' kooperazzjoni msaħħa ma' msieħba internazzjonali, is-Seba' Programm Qafas tar-Riċerka (FP7) nfetħ għall-parteċipazzjoni minn pajjiżi terzi u jinkludi bosta strumenti ġodda sabiex titħeġġeġ il-kooperazzjoni internazzjonali. Madankollu, l-FP7 jirrappreżenta biss proporzjon żgħir tar-riċerka kollha fl-Ewropa. Għaldaqstant, din il-Komunikazzjoni tippromovi qafas Ewropew ġdid li jikkonsisti f'numru ta' prinċipji ċentrali u linji gwida għal azzjoni. Azzjonijiet taħt dan il-qafas ser isaħħu l-atturi pubbliċi u privati Ewropej fl-interazzjoni tagħhom mal-imsieħba tagħhom u ma' kompetituri fi bñadi oħra tad-dinja. Il-qafas propost ser jikkontribwixxi għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-għarfien — "il-ħames libertà tal-UE" — fil-livell globali, sabiex jitjeb il-profil tax-xjenza u t-teknoloġija tal-Ewropa madwar id-dinja u jitkattar l-għarfien espert Ewropew dwar l-ICT fid-dinja. Ser tqiegħed iż-Żona Ewropea tar-Riċerka fil-mappa globali, żona miftuħa għad-dinja, u ssahħha il-kompetittività tal-Ewropa fl-ekonomija globali ⁽⁶⁾.

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Luc VAN DEN BRANDE

⁽¹⁾ European Strategy Forum on Research Infrastructure (Forum għal Strateġija Ewropea dwar l-Infrastruttura tar-Riċerka). <http://cordis.europa.eu/esfri/home.html>

⁽²⁾ CdR 283/2008 fin

⁽³⁾ CdR 283/2008 fin

⁽⁴⁾ CdR 283/2008 fin

⁽⁵⁾ SEC(2008) 430, 2.4.2008.

⁽⁶⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: "Qafas strateġiku Ewropew għall-kooperazzjoni internazzjonali fl-oqsma tax-xjenza u t-teknoloġija" COM(2008) 588.

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-korrelazzjoni bejn is-suq tax-xogħol u l-ħtiġijiet reġjonali fis-settur tat-turiżmu

(2009/C 200/03)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI JIPPREŻENTA DAWN IR-RAKKOMANDAZZJONIJIET:

- jagħraf il-fatt li t-turiżmu jagħti sehem sostanzjali fil-PGD nazzjonali fl-Istati Membri kollha, anki jekk ir-rwol u l-benefiċċji tiegħu bħala attività ta' negozju jvarjaw ħafna bejniethom, kemm f'dak li għandu x'jaqsam mal-finanzi nazzjonali kif ukoll mal-iżvilupp lokali u reġjonali;
- jagħraf li l-industrija tat-turiżmu qed tiffaċċja bosta sfidi, fosthom l-isfida prinċipali tal-kriżi ekonomika. F'dan il-kuntest, il-bżonn li nistimulaw l-industrija tat-turiżmu u l-ispirtu intraprenditorjali fis-settur huwa urġenti, b'mod partikolari għax it-turiżmu għandu dimensjoni soċjali li tolqot l-impjiegi u l-koeżjoni soċjali u reġjonali;
- jenfasizza li l-iżvilupp tat-turiżmu għandu jkun vijabbli sabiex la naħlu r-riżorsi naturali u lanqas ma neqirdu l-ambjent. It-turiżmu għandu jirrispetta r-rikkezzi naturali tar-reġjuni kkonċernati, filwaqt li jagħraf jisfruttahom fi ħdan żvilupp sostenibbli u gradwali. L-għan għandu jkun li nikkonservaw u ngħollu l-livell tal-ambjent, li nħarsuh għall-ġenerazzjonijiet li jmiss u li noħolqu l-kundizzjonijiet li jif-favorixxu impjiegi ġodda.

Rapporteur: is-Sur Konstantinos Tatsis (EL/PPE), President tal-awtorità awtonoma ta' Drama-Kavala-Xanthi

I. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

1. jagħraf il-fatt li t-turiżmu jagħti sehem sostanzjali fil-PGD nazzjonali fl-Istati Membri kollha, anki jekk ir-rwol u l-benefiċċji tiegħu bħala attività ta' negozju jvarjaw ħafna bejniethom, kemm f'dak li għandu x'jaqşam mal-finanzi nazzjonali kif ukoll mal-iżvilupp lokali u reġjonali;

2. jinnota li t-turiżmu huwa sors essenzjali ta' ġid f'bosta ekonomiji reġjonali, iżda li s'issa d-dimensjoni Komunitarja kienet limitata ħafna; għalhekk jilqa' b'sodisfazzjon il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-"Tiġdid tal-Politika tal-UE dwar it-Turiżmu: Lejn partenarjat aktar b'saħħtu għat-Turiżmu Ewropew" u l-"Aġenda għal turiżmu Ewropew sostenibbli u kompetittiv";

3. jilqa' l-fatt li, fl-Artikolu 195 il-ġdid tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-Trattat ta' Liżbona), it-turiżmu huwa rikonoxxut bħala qasam ta' azzjoni komplementari tal-UE u, għalhekk, jispera li r-ratifikkazzjoni ta' dan it-Trattat isseħħ kemm jista' jkun malajr sabiex dan jipprovdni bażi legali soda għall-attività tal-UE f'dan il-qasam;

Ir-rwol tat-turiżmu

4. jinnota li s-settur tat-turiżmu huwa importanti għal diversi raġunijiet u jaqdi diversi rwoli għax jikkontribwixxi fl-ekonomija Ewropea iżda wkoll fl-iżvilupp tal-ekonomiji nazzjonali tad-diversi Stati Membri u fiż-żieda tal-PGD nazzjonali. Fl-istess waqt, l-iżvilupp tat-turiżmu, apparti li hu importanti għall-edukazzjoni u għas-saħħa kif ukoll għall-attivitajiet tal-ħin liberu u tal-mistrieħ, għandu impatt sinifikanti fuq is-settur tal-impjiegi, billi bosta professjonijiet jiddependu mill-flussi tat-turiżmu u wkoll il-faċilitajiet turistiċi u l-attivitajiet relatati mat-turiżmu jimpjegaw ħafna nies;

5. iżid jgħid li t-turiżmu jikkontribwixxi b'mod pożittiv fil-promozzjoni ta' koeżjoni soċjali aktar mifruxa, billi f'ċerti reġjuni, b'mod partikolari f'dawk li m'għandhom l-ebda sors ta' ġid ieħor, johlq il-possibbiltà li jiġu żviluppati u li jinħolqu l-intrapriżi permezz ta' parti mid-dħul iġġenerati mit-turiżmu stess. F'reġjuni li għandhom diffikultajiet ekonomiċi u fejn id-daqs tal-popolazzjoni ilu jiċkien għal żmien twil, it-ktabbir tal-industrija tat-turiżmu jista' jservi ta' kontrapż li f'ċerti każijiet ipatti għat-ktabbir negattiv u jippromovi l-bidliet strutturali meħtieġa;

6. jinnota li hemm bżonn li nenfasizzaw ir-rwol importanti li jaqdi t-turiżmu fil-proċess tal-iżvilupp ta' koxjenza soċjali Ewropea permezz tal-mobbiltà taċ-ċittadini tal-Unjoni. Il-kontribut li jagħti t-turiżmu sabiex isaħħaħ din il-koxjenza, permezz tar-relazzjonijiet u l-kuntatti li joħlqu taċ-ċittadini ma' Stati Membri,

ma' kulturi soċjali u ma' pajjiżi oħra, ikabbar is-sens ta' diversità u fl-istess waqt isaħħaħ is-sens ta' perspettiva komuni. Il-mobbiltà taċ-ċittadini li jġib miegħu l-iżvilupp tat-turiżmu fir-reġjuni Ewropej hija l-pilastru ċentrali tal-kunċett taċ-ċittadinanza Ewropea;

7. josserva li l-iżvilupp tat-turiżmu għandu rabta diretta ma' setturi oħra bħas-setturi tal-ambjent u l-kultura. Fir-rigward tal-ambjent huwa importanti li nipromovu politiki bbażati fuq żvilupp tat-turiżmu sostenibbli u vijabbli b'mod u manjiera li nisfruttaw l-ambjent u fl-istess ħin niproteġuh. Fir-rigward tal-kultura, it-turiżmu jippermetti kemm li nagħtu valur lill-kultura kontemporanja kif ukoll lir-rikkezzi tal-patrimonju kulturali Ewropew;

8. jenfasizza li, fil-livell reġjonali, it-turiżmu huwa sors ta' xogħol stabbli li jsaħħaħ u jstimula l-impjiegi u li jikkontribwixxi b'mod konsiderevoli fit-tweġiq tal-għanijiet tal-Istrateġija ta' Liżbona fil-qasam tat-tisħiħ tal-impjiegi;

L-isfidi tal-industrija tat-turiżmu fil-livell reġjonali

9. jagħraf li l-industrija tat-turiżmu qed tiffaċċja bosta sfidi, fosthom l-isfida prinċipali tal-kriżi ekonomika. F'dan il-kuntest, il-bżonn li nistimulaw l-industrija tat-turiżmu u l-ispiritu intraprenditorjali fis-settur huwa urġenti, b'mod partikolari għax it-turiżmu għandu dimensjoni soċjali li tolqot l-impjiegi u l-koeżjoni soċjali u reġjonali;

10. jenfasizza li l-iżvilupp tat-turiżmu għandu jkun vijabbli sabiex la naħlu r-riżorsi naturali u lanqas ma neqirdu l-ambjent. It-turiżmu għandu jirrispetta r-rikkezzi naturali tar-reġjuni kkonċernati, filwaqt li jagħraf jisfruttahom fi ħdan żvilupp sostenibbli u gradwali. L-għan għandu jkun li nikkonservaw u ngħollu l-livell tal-ambjent, li nħarsuh għall-ġenerazzjonijiet li jmiss u li noħolqu l-kundizzjonijiet li jiffavorixxu impjiegi ġodda;

11. jinnota li l-pjanijiet nazzjonali fil-qasam tal-ġestjoni tal-art għat-turiżmu fil-livell reġjonali huma strument li permezz tiegħu nistgħu noħolqu bilanċ tajjeb bejn l-iżvilupp ta' spirtu intraprenditorjali u t-tħaddim tal-ambjent naturali u, b'hekk, nevitaw il-ħela tar-riżorsi naturali u dawk tal-enerġija f'kull reġjun. F'ċerti reġjuni, diġà ġew stabbiliti l-limiti li jikkontrollaw in-numru ta' lukandi u nipproponu li din il-prattika tiġi diskussa fil-qafas ta' skambju tal-aħjar Prattika. F'dan il-kuntest, il-Kumitat jipproponi li nimponu kriterji konkreti biex nevalwaw dawn il-limiti, b'kunsiderazzjoni tal-għanijiet reġjonali fil-qasam tal-iżvilupp, il-bżonnijiet soċjali u l-ħolqien ta' impjiegi oħra;

12. jinnota li fis-settur tat-turiżmu jeżistu tliet tipi ta' kompetizzjoni. L-ewwel u qabel kollox, teżisti l-kompetizzjoni esterna bejn id-destinazzjonijiet nazzjonali tal-Unjoni Ewropea u d-destinazzjonijiet li ma jinsabux fl-Unjoni. Imbagħad, teżisti l-kompetizzjoni interna bejn id-destinazzjonijiet differenti tal-Ewropa stess. It-tielet forma ta' kompetizzjoni hija dik ta' bejn id-destinazzjonijiet nazzjonali tal-istess pajjiż. Kull tip ta' kompetizzjoni għandha l-karatteristiċi speċifiċi tagħha u teħtieġ approċċ speċifiku;

13. jinnota li l-karattru staġjonali tat-turiżmu huwa sfida oħra li trid tiffaċċja din l-industrija fil-livell reġjonali. In-natura tal-problema titlob soluzzjoni reġjonali u mhux nazzjonali, billi l-fattur staġjonali huwa marbut ma' karatteristiċi soċjali u reġjonali partikolari li jinfluwenzaw lill-flussi turistiċi b'mod dirett. Min-naħa l-oħra, fil-livell nazzjonali jeżistu diversi possibbiltajiet għall-iżvilupp u d-diversifikazzjoni tal-prodott turistiku skont l-istaġun;

14. jagħraf li t-turiżmu huwa industrija tas-servizzi kkaratterizzata minn kompetizzjoni kbira u minn klijenti li jfittxu l-kwalità. Għalhekk, l-impjegati tas-settur għandhom ikunu impjegati ta' livell għoli u mħarrġa sew;

15. jemmen li huwa importanti li nsaħħu l-intrapriżi tas-settur tat-turiżmu sabiex jibdeu jattiraw ħaddiema kwalifikati u mħarrġa f'livell għoli. B'hekk, il-prodott turistiku jkun jista' jiġġenera dinamiżmu akbar fl-Ewropa kollha, ikunu jistgħu jittejjbu s-servizzi li jingħataw lit-turisti u d-destinazzjonijiet turistiċi tal-Ewropa jsiru aktar attraenti;

16. jenfasizza l-bżonn li jissaħħu l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju permezz tal-prinċipju "L-Ewwel Aħseb fiż-Żgħir" li jinsab fir-regoli dwar dawn l-intrapriżi. Fil-biċċa l-kbira tiegħu, is-settur tat-turiżmu huwa magħmul minn SMEs. Għalhekk, hemm bżonn li l-qafas leġiżlattiv tagħhom ikun aktar favorevoli u li jittieħdu miżuri diretti sabiex inħarsu l-impjiegi li jeżistu u noħolqu impjiegi ġodda;

Proposti

17. jinnota li t-tisħiħ tal-industrija tat-turiżmu għandu jsir fil-qafas tal-politika globali tal-Unjoni fil-qasam tal-iżvilupp, b'kunsiderazzjoni tal-prijoritajiet essenzjali tagħha u tal-istrumenti prinċipali disponibbli fil-qasam;

18. jipproponi li jiġu implimentati l-inizjattivi pubbliċi u privati sabiex jiġu promossi aktar konnessjonijiet, kemm bl-ajru kif ukoll bil-baħar, bejn ir-reġjuni Ewropej u, b'hekk, titjieb il-mobbiltà għaċ-ċittadini Ewropej;

19. jinnota li, fil-qafas tat-tkabbir vijabbli u sostenibbli, it-tħaddim u l-ħarsien tal-ambjent jiffurmaw wieħed miż-żewġ pilastri prinċipali tal-iżvilupp;

20. josserva li t-tieni pilastru tal-iżvilupp huwa t-tisħiħ tad-dimensjoni soċjali tat-turiżmu fil-qafas tal-ħarsien tal-ambjent u l-bżonn li l-ġid li jinholq mit-turiżmu jinqasam fis-soċjetà kollha, fis-sens globali tagħha;

21. f'dan il-kuntest jipproponi li jittieħdu inizjattivi li jsaħħu l-impjiegi fil-qasam tat-turiżmu permezz ta' programmi ta' taħriġ għall-ħaddiema, jitnedew azzjonijiet li jiżvolġu rabta bejn it-turiżmu u l-ambjent u jippromovu l-iżvilupp sostenibbli tat-turiżmu, jingħata l-appoġġ meħtieġ sabiex jiġu introdotti teknoloġiji ġodda fil-prodott turistiku reġjonali u li dawn jiġu abbinati mal-kultura u s-servizzi furnuti bħalissa, tinholq sistema ta' netwerks bejn id-destinazzjonijiet turistiċi fil-livell Ewropew bil-għan li jitħares l-ambjent, tiġi appoġġjata l-produzzjoni lokali, jittejjbu s-servizzi u jitħeġġu l-prattiki intraprenditorjali li jikkontribwixxu għal progress soċjali aktar mifruq u li jxerrdu l-ġid fis-soċjetà kollha;

22. jinnota li l-prattiki u l-azzjonijiet Komunitarji eżistenti, bħall-proġett pilota dwar it-turiżmu soċjali u l-azzjoni "Destinazzjonijiet ta' Eċċellenza" (EDEN), għandhom jiġu rrinforzati u jin-għataw xeħta aktar settorjali. Għal dan il-għan, japprova l-prattika li kull sena jintgħażel numru ta' kategoriji li jinbidlu minn sena għal sena sabiex il-bidla li ssir fil-kontenut ma tiksirx il-kontinwità minn sena għall-oħra. Il-Kummissjoni Ewropea hija mħeġġa tieħu miżuri biex tħeġġeġ il-koperazzjoni transkonfinali u interreġjonali bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali bil-ħsieb li jiġu promossi l-prodotti turistiċi konġunti;

23. jinsisti fuq il-bżonn li nippromovu forum ta' "turiżmu ta' sostituzzjoni" sabiex nisfruttaw il-possibbiltajiet disponibbli kollha u sabiex noħolqu servizzi u nippromovu prodotti ġodda;

24. nippromovu li jiġi identifikat mudell Ewropew għall-iżvilupp tat-turiżmu sostenibbli permezz ta' programm li jiġbor fiħ il-kultura, il-prodotti turistiċi, il-ħarsien tal-ambjent, il-promozzjoni tal-kompetittività tat-turiżmu Ewropew, it-titjib tal-konnessjonijiet bejn ir-reġjuni, kemm bl-ajru u kemm bil-baħar, it-tħeġġiġ tal-ispirtu intraprenditorjali u l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda;

25. jipproponi li r-rwol li jaqdi ċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali (CEDEFOP) bħala rabta mal-awtoritajiet reġjonali għandu jissaħħa u għandu jintalab ikompli jistudja l-ħiliet mitluba fis-settur tat-turiżmu, skont il-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet tar-reġjuni, sabiex jitjiebu l-opportunitajiet ta' xogħol u tittejjeb il-kwalità tas-servizzi mogħtija;

26. jipproponi li titqies l-esperjenza Ewropea li nkisbet fil-qafas tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Lokali għall-Impjiegi, fuq l-eżempju tad-89 Patt pilota territorjali għall-impjiegi, u li l-pjanijiet jitħejjew fil-livell lokali b'kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali, ir-rappreżentanti tas-setturi tal-lukandi, tad-divertiment u tal-kultura, ir-rappreżentanti tal-impjegati f'dawn is-setturi, u l-atturi soċjali interessati tat-turiżmu alternattiv Ewropew, bil-ħsieb li titfassal politika koeżiva fil-livell reġjonali għall-promozzjoni

tal-impjiegi fis-settur tat-turiżmu; jirrakkomanda li l-miżuri bbażati fuq dawn il-pjanijiet ikunu eliġibbli għall-appoġġ mill-Fondi Strutturali;

27. jipproponi li jittieħdu miżuri biex jitnaqqsu t-taxxi temporanjament fl-ajruporti reġjonali sabiex jiżded it-traffiku f'dawn l-ajruporti u tissaħħaħ ir-rabta diretta tagħhom ma' sorsi ta' attività turistika.

Brussell, it-22 ta' April 2009.

*Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni*
Luc VAN DEN BRANDE

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar pjan ewropew għall-irkupru ekonomiku u r-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali

(2009/C 200/04)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI JIPPREŻENTA DAWN IR-RAKKOMANDAZZJONIJIET:

- jilqa' l-messaġġ ċar tal-President tal-KE Barroso fis-summit tal-G-20 f'Londra fit-2 ta' April 2009, fejn saħaq fuq l-importanza ta' ħames azzjonijiet koordinati għall-irkupru ekonomiku: il-koordinazzjoni dinjija tal-istimuli fiskali; il-ħolqien ta' domanda sostenibbli li tqanqal il-fiduċja, il-bżonn li titħeġġeġ il-gvernanza dinjija; li jitħeġġeġ il-kummerċ u stimuli fil-qasam tal-iżvilupp u l-bidla fil-klima;
- fil-kuntest tal-impatt asimmetriku tal-kriżi li huwa mistenni fid-diversi reġjuni, jisħaq fuq l-importanza tal-għan tal-koeżjoni territorjali fil-kuntest tal-miżuri proposti biex jissalvaw jew jinħolqu l-impjiegi u biex titqanqal l-attività ekonomika;
- jappoġġja l-approċċ tal-Unjoni Ewropea li ttiprovi l-appoġġ kbir meħtieġ għall-irkupru tal-ekonomija, kemm billi ttiprova tistimola l-poter tal-akkwist kif ukoll permezz ta' miżuri fl-oqsma ewlenin tal-Istrateġija ta' Liżbona (il-kompetittività u l-innovazzjoni, l-iżvilupp sostenibbli u l-koeżjoni soċjali).

Rapporteur: Is-Sur Dietmar Brockes (DE/ALDE), Membru tal-Landtag ta' Nordrhein-Westfalen

Dokument ta' referenza

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew — Pjan Ewropew għall-irkupru ekonomiku

COM(2008) 800 finali

I. KUMMENTI ĠENERALI

IL-KUMMITAT TAR-REĠJUNI

1. jinsab inkwetat ferm dwar id-deterjorazzjoni rapida fil-qagħda ekonomika tal-Istati Membri tal-UE u r-reġjuni u l-muniċipalitajiet tagħhom kif ukoll dwar il-fatt li l-kriżi kellha impatt kbir fuq l-ekonomija dinjija kollha;

2. jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni Ewropea ħejjet pjan ta' rkupru ekonomiku mingħajr telf ta' żmien, b'risposta għall-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, u fl-istess ħin jinnota li l-previżjonijiet ekonomiċi li fuqhom huwa bbażat il-pjan diġà ħadu xejra negattiva fid-dawl tal-iżvilupp li sar;

3. jilqa' l-messaġġ ċar tal-President tal-KE Barroso fis-summit tal-G-20 f'Londra fit-2 ta' April 2009, fejn saħaq fuq l-importanza ta' ħames azzjonijiet koordinati għall-irkupru ekonomiku: il-koordinazzjoni dinjija tal-istimuli fiskali; il-ħolqien ta' domanda sostenibbli li tqanqal il-fiduċja, il-bżonn li titħeġġeġ il-gvernanza dinjija; li jitħeġġeġ il-kummerċ u stimuli fil-qasam tal-iżvilupp u l-bidla fil-klima;

4. jenfasizza l-fatt li l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali hija sfida li qed tiffaċċja l-ekonomija tas-suq, u għalhekk jitlob lil dawk li huma responsabbli mill-qasam ekonomiku biex jirreaġixxu għall-kriżi b'determinazzjoni u b'mod kalm, u biex jagħmlu kuraġġ liċ-ċittadini billi jagħtu eżempju tajjeb;

5. jikkritika bil-qawwa l-eċċessi tas-settur tal-kapital finanzjarju osservati fl-użu tal-effetti ta' lieva u d-derivattivi bħall-obbligi ta' dejn kollateralizzat, is-sigurtajiet ibbażati fuq l-ishma u n-nuqqas ta' obbligi ta' kreditu (credit default swaps), kif ukoll in-nuqqas ta' kontroll tal-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet ta' monitoraġġ nazzjonali, Ewropej u internazzjonali u d-dgħufija tar-regolamentazzjoni finanzjarja;

6. jappella sabiex il-Kummissjoni tal-UE u l-Istati Membri, fid-diskussjonijiet li ser isiru dwar skema finanzjarja dinjija ġdida, jisħqu fuq revizzjoni xierqa u effettiva tas-sistema finanzjarja kollha kemm hi (inklużi s-servizzi bankarji tal-investment, il-hedge funds u l-ekwità privata), li għandha tevita li dawn l-eċċessi jergħu jiffaċċjaw. Din għandha tinkludi:

— it-tmiem tas-sistema tal-conduit banks u l-istabbiliment ta' kwoti tal-kapital obligatorji għall-istituzzjonijiet finanzjarji, li jkunu sikuri anke f'każ ta' kriżi,

— il-projbizzjoni ta' derivattivi bħal dawn li, fuq il-bażi tan-natura tal-istruttura tagħhom, ma jistgħux jiġu rregolati jew jinkludu riskji sistematiċi imprevedibbli minkejja r-regolazzjoni,

— il-prevenzjoni ta' sistemi ta' inċentivi fis-settur finanzjarju (bonuses, benefiċċji fiskali, eċċ.) li jippromovu r-riskji sistematiċi,

— grupp ta' artikoli ta' assoċjazzjoni pubbliċi għall-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu u monitoraġġ organizzat fil-livell internazzjonali ta' korpi bħal dawn;

7. huwa konvint iktar minn qatt qabel li l-ekonomija reali u s-sistema finanzjarja tagħha għandhom iservu lill-poplu; jikkunsidra li r-regolamentazzjoni u l-kontroll, b'mod partikolari tar-regoli tal-Ftehim ta' Basel II, għandhom jiġu estiżi għall-atturi kollha tas-sistema finanzjarja, inklużi l-hedge funds, l-ekwità privata u l-korpi finanzjarji oħra li mhumiex regolati;

8. iqis li r-riforma strutturali u fundamentali tas-sistema finanzjarja globali hija importanti daqs il-miżuri ta' appoġġ ekonomiku meħuda mill-UE u l-Istati Membri b'riżultat tal-kriżi ekonomika attwali. Permezz ta' fiduċja ġdida fis-swieq finanzjarji, l-ekonomija tas-suq tista' tevita li tiflew għalkollox ir-reputazzjoni tagħha u huwa biss permezz ta' korrezzjoni kkomunikata tajjeb taċ-ċaqliq kbir ta' xi oqsma fis-settur finanzjarju li tista' terġa' tiġi stabbilita din il-fiduċja;

9. iqis li perijodi straordinarji jirrikjedu miżuri straordinarji; bħalissa huwa importanti li naġixxu malajr, li nwarbru r-raġunament tradizzjonali tas-soltu, li nimxu mal-kriterji ta' Maastricht fil-forma riveduta tagħhom u li ntejbu l-flessibbiltà tal-kriterji tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir għall-finanzi pubbliċi (dejn u defiċit pubbliku);

10. fil-kuntest tal-impatt asimmetriku tal-kriżi li huwa mistenni fid-diversi reġjuni, jisħaq fuq l-importanza tal-għan tal-koeżjoni territorjali fil-kuntest tal-miżuri proposti biex jissalvaw jew jinħolqu l-impjiegi u biex titqanqal l-attività ekonomika;

11. jinnota li s-servizzi li joffru l-Istati Membri u l-muniċipalitajiet tagħhom jirrappreżentaw il-biċċa l-kbira tas-servizzi pubbliċi li jolqtu bl-iktar mod dirett il-kapaċità ta' adattament ta' popolazzjoni għall-kriżi ekonomika dinjija, iżda minħabba restrizzjonijiet baġitarji kbar fl-Istati Membri, il-muniċipalitajiet mhux ser ikunu jistgħu jaqdu dmirijethom għalkollox f'dan l-ambitu; madankollu, anke f'dawn il-kundizzjonijiet, il-prinċipji tal-istat tad-dritt għandhom jinżammu fl-Unjoni Ewropea kollha kemm hi u f'kull Stat Membru, għax jirrappreżentaw il-fiduċja taċ-ċittadini fl-awtoritajiet pubbliċi;

Stima ġenerali tal-Pjan Ewropew għall-irkupru ekonomiku

12. jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni Ewropea fasslet, malajr u b'determinazzjoni kbira, il-Pjan Ewropew għall-irkupru ekonomiku sabiex twaqqaf ir-rigressjoni ekonomika attwali;

13. jenfasizza l-fatt li f'din il-kriżi, l-Istati Membri tal-UE għandhom jieħdu azzjoni bħala komunità u ma jistgħux jerġgħu jaqgħu fi mgħiba nazzjonalista u protezzjonista;

14. għalhekk jenfasizza l-bżonn ta' koordinazzjoni stretta tal-UE u approċċ speċifikament Ewropew li għandu johlq qafas ta' miżuri komuni ta' azzjoni għal miżuri nazzjonali bbażati fuq is-sitwazzjoni ekonomika u fuq il-baġit speċifiku ta' kull Stat Membru; jemmen bis-sħiħ li jekk jintlaqtu l-funzjonijiet bażiċi tas-settur tal-gvern lokali mill-gvernijiet ta' xi Stati Membri, dawk l-Istati Membri partikolari u l-Unjoni Ewropea jkunu impediti milli jilhqgħu l-għanijiet ta' Liżbona u jikbru l-inugwaljanzi bejn l-iżvilupp fid-diversi reġjuni Ewropej;

15. jappoġġja l-proposti għal investiment fi proġetti tal-enerġija u l-infrastruttura tal-broadband ippreżentati mill-Kummissjoni Ewropea bħala parti mill-implimentazzjoni tal-Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku adottat mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2008 u f'Marzu 2009; madankollu, jikkunsidra li kemm il-limiti fuq l-użu mill-Kummissjoni tal-flus mill-baġit tal-UE li ma jintefqux, kif ukoll in-negozjati twal iżżejjed mal-Istati Membri dwar l-użu ta' dawk il-flus jenfasizzaw il-bżonn, kif diġà saħaq il-KtR fl-opinjoni tiegħu dwar ir-reviżjoni ta' nofs it-term tal-baġit ⁽¹⁾, ta' riforma strutturali tal-baġit tal-UE u b'mod partikolari tal-flessibbiltà msaħħa tiegħu;

16. jappoġġja l-approċċ tal-Unjoni Ewropea li tipprovdi l-appoġġ kbir meħtieġ għall-irkupru tal-ekonomija, kemm billi tipprova tistimola l-poter tal-akkwist kif ukoll permezz ta' miżuri fl-oqsma ewlenin tal-Istrateġija ta' Liżbona (il-kompetittività u l-innovazzjoni, l-iżvilupp sostenibbli u l-koeżjoni soċjali);

17. jilqa' l-impenn tal-Kunsill Ewropew tad-19 u l-20 ta' Marzu għall-Istrateġija mġedda ta' Liżbona għat-Tkabbir u l-impjieggi u jenfasizza l-importanza tal-ħidma li għadha għaddeja dwar il-futur tal-istrateġija tat-tkabbir u l-impjieggi wara l-2010. F'dan il-kontest ifakkar li l-Kumitat tar-Reġjuni ddeċieda li jniedi konsultazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali Ewropej dwar il-futur tal-istrateġija għat-tkabbir u l-impjieggi wara l-2010 ⁽²⁾;

18. jilqa' l-fatt li l-Kunsill Ewropew tad-19 u l-20 ta' Marzu għaraf il-prijorità li jiġi indirizzat l-impatt soċjali tal-kriżi "[b]-istimolu tal-impjieggi, b'mod partikolari bil-promozzjoni tal-kisba tal-ħiliet ġodda meħtieġa mill-impjieggi ġodda, [...bil-]bini fuq is-solidarjetà u [... billi] s-sistemi tal-protezzjoni soċjali jitħallew iwettqu r-rwol sħiħ tagħhom bħala stabilizzaturi awtomatiċi [...]" (Konklużjonijiet punt 19);

19. jiddispjaċih li waqt l-aħħar laqgħa tiegħu fi Brussell fid-19 u l-20 ta' Marzu 2009, il-Kunsill Ewropew ma għarafx l-importanza tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-ħidma sabiex tingħeleb il-kriżi ekonomika;

20. iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tieħu sehem f'negozjati internazzjonali għall-organizzazzjoni ġdida u l-istabilizzazzjoni dejjiema tas-sistema finanzjarja globali;

21. jemmen li l-programmi ta' investiment pubbliku u l-inċentivi finanzjarji maħsuba biex jappoġġjaw l-irkupru ekonomiku għandhom jgħinu wkoll fl-iżvilupp tat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'użu baxx tal-karbonju, u jappella sabiex il-Kummissjoni u l-Istati Membri jfasslu l-pjanijiet ta' rkupru ekonomiku tagħhom b'konformità ma' dan. L-għanijiet tal-UE fil-qasam tal-klima għall-perijodu wara l-2012 m'għandhomx jiġu mhedda mill-kriżi finanzjarja attwali;

22. jiltob lill-Istati Membri jiżviluppaw kemm jista' jkun malajr programmi ta' rkupru ekonomiku, jekk dawn għadhom ma ġewx żviluppatti, u jipprovdu r-riżorsi meħtieġa għall-implimentazzjoni finanzjarja tagħhom;

23. fit-tfassil tal-pjanijiet ta' rkupru nazzjonali, huwa indispensabbli li jiġi evalwat bi preċizzjoni l-impatt fit-tul tal-miżuri ekonomiċi li qegħdin jiġu proposti fuq is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali tal-pajjiż. Jekk dawn il-miżuri ma jkunux maħsuba sew, jippermettu biss li jiġu ffrankati fit-flus, iżda jistgħu jwasslu għal iktar telf minn benefiċċji, u dan it-telf jista' jkompli jiżdedd biż-żmien; bil-maqlub, id-dejn jista' jillimita l-lok għal ċaqliq fil-baġits nazzjonali, u għalhekk kull instatura ta' nfiq għandha tiġi eżaminata biex jiġi vverifikat jekk hijex meħtieġa u ekonomika;

24. jitlob li l-Fondi Strutturali Ewropej jintużaw sabiex jiżdeddu l-investimenti u tiġi mmodernizzata l-infrastruttura Ewropea;

25. iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipproponu flessibbiltà addizzjonali fi ħdan il-Fondi Strutturali tal-UE li tgħin sabiex jiġu solvuti d-diffikultajiet attwali tal-aċċess għall-finanzjament konġunt (match-funding) mis-settur pubbliku u privat;

26. jitlob lill-Kummissjoni teżamina kif dawk il-mekkaniżmi li huma soġġetti għar-regoli finanzjarji, ekonomiċi u baġitarji u li fiċ-ċirkustanzi attwali jistgħu jkomplu jintensifikaw il-kriżi, jistgħu jiġu kkontrollati permezz ta' derogi temporanji;

⁽¹⁾ CdR 16/2008 fin.

⁽²⁾ <http://www.cor.europa.eu/pages/EventTemplate.aspx?view=folder&id=bb54a097-28c8-4025-88cc-b9f8a63caeb7&sm=bb54a097-28c8-4025-88cc-b9f8a63caeb7>.

27. jitlob lill-Istati Membri, b'mod partikolari dawk li jinsabu fiż-żona tal-euro, biex jespjoraw il-possibbiltà ta' self Ewropew komprensiv u possibbiltajiet oħra garantiti b'mod konġunt mill-Istati Membri kollha;

28. jappoġġja l-proposta reċenti tal-Kummissjoni li tagħti iktar flessibilità lill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) sabiex dan l-istrument ikun jista' jintuża b'mod effettiv biex jittaffew l-effetti negattivi tal-kriżi fuq is-suq tax-xogħol; f'dan il-kuntest ifakkar li diġà kien issuġġerixxa ħafna mill-bidliet li issa qed jiġu proposti mill-Kummissjoni fl-opinjoni oriġinali tiegħu dwar l-EGF fl-2006 u jilqa' l-fatt li dawn is-suġġerimenti issa qed jiġu adottati;

Id-dimensjoni lokali u reġjonali tal-kriżi ekonomika

29. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li ħafna mill-proġetti relatati mal-infrastruttura pubblika u l-proġetti ta' żvilupp jiġu implimentati fuq livell reġjonali u lokali mill-awtoritajiet lokali u reġjonali rilevanti; huma responsabbli wkoll għal terz tal-infiq pubbliku u għal aktar minn żewġ terzi tal-investimenti pubbliċi fl-UE;

30. jixtieq jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li f'dawn l-aħħar snin ħafna awtoritajiet lokali u reġjonali ġew involuti f'arranġamenti ta' kiri transkonfinali għal infrastrutturi essenzjali, li ħafna minnhom issa huma mhedda minħabba l-kriżi finanzjarja u l-informazzjoni insuffiċjenti li ħafna minnhom kienu bbażati fuqha. Ħafna minn dawn l-iskemi għandhom iġorru riskji finanzjarji u legali li ma jistgħux jiġu kkwantifikati u għaldaqstant tista' tinthieġ azzjoni konċertata sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun il-konsegwenzi — li jistgħu jkun ta' ħsara għaċ-ċittadini — tal-problemi li jinħolqu minn skemi bħal dawn;

31. jitlob lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw ir-rwol importanti li jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex tingħeleb il-kriżi ekonomika; jitlob lill-Istati Membri biex jevitaw tnaqqis dirett fil-baġits għas-settur tal-gvern lokali, li diġà bata mit-tnaqqis fid-dħul minħabba l-kriżi ekonomika;

32. jiġbed l-attenzjoni għall-aħjar Prattika f'bona Stati Membri, li irrispettivament mis-sitwazzjoni ekonomika sabu mod biex jappoġġjaw lill-gvernijiet lokali bil-għan jikkompensaw għall-bżonnijiet dejjem jiżdiedu tagħhom għas-servizzi pubbliċi billi jipprovdu self u fondi addizzjonali għall-gvernijiet lokali;

33. jinsab inkwetat fir-rigward tal-fatt li l-isforzi favur il-konsolidazzjoni li saru fil-passat, fil-każijiet fejn ostakolaw l-investment nett pubbliku, għabu magħhom tnaqqis fil-kapital pubbliku; għalhekk l-investment pubbliku, b'mod speċjali fil-livell lokali u reġjonali, mar lura fl-oqsma tal-infrastruttura pubblika, it-toroq, il-kindergartens, l-iskejjel primarji u sekondarji, l-isptarijiet, in-netwerks tal-broadband u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija; min-naħa l-oħra, għandu jsir sforz akbar biex innaqqsu l-infiq tal-konsumatur bil-għan li nevitaw id-dejn u nħallu aktar spazju għall-ġenerazzjonijiet futuri biex ikunu jistgħu jiehdha azzjoni;

34. jitlob lill-Kummissjoni tressaq proposta għal regoli dwar l-għoti tal-mikrokreditu fi ħdan l-UE. Din il-proposta għandha tikkontribbwxixxi biex jiġu stabbiliti parametri għall-għoti tal-mikrokreditu sabiex jiġu evitati d-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni u sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess transkonfinali għall-mikrokreditu u l-kofinanzjament mill-baġit tal-UE. F'dan ir-rigward il-Kumitat tar-Reġjuni jappoġġja l-inizjattiva Jasmine li ħabbru l-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment f'Settembru 2008.

Is-sehem tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-ġestjoni tal-kriżi

35. jisħaq fuq il-fatt li l-miżuri li jittieħdu sabiex tingħata spinta lill-ekonomija għandhom jikkonformaw mal-prinċipju tas-sussidjarjetà fil-livelli reġjonali kollha tal-UE; fil-prinċipju, l-aħjar ħaġa tkun li jittieħdu miżuri addizzjonali li jistgħu jiġu implimentati malajr sabiex iżidu d-domanda fuq perijodu qasir. Dawn il-miżuri jistgħu jiġu implimentati malajr billi, pereżempju, isiru ħlasijiet antiċipati tal-fondi tal-UE;

36. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-miżuri li jittieħdu għandhom jagħmlu sens fuq perijodu fit-tul u jikkonformaw mal-Istrateġija ta' Liżbona; għandu jkun hemm fondi biżżejjed kemm għall-miżuri kif ukoll għall-ispejjeż li jirriżultaw minnhom;

37. jitlob lill-Kummissjoni tfassal proċeduri sempliċi u flessibbli għat-tħaddim tal-akkwist pubbliku, b'mod partikolari fl-amministrazzjonijiet reġjonali u lokali ta' dawk iż-żoni b'livell ta' investment baxx, sabiex il-fondi jaslu malajr u sabiex l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju u l-industrija tas-snaġja jiksbu l-kuntratti malajr u jkun jistgħu jholqu l-impjeg;

38. jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni ressqet xi proposti sabiex tħaffef u tiffaċilita l-użu tal-Fondi Strutturali fl-Istati Membri; huwa biss permezz ta' semplifikazzjoni kbira li l-proġetti fil-qasam tal-infrastruttura jistgħu jiġu implimentati u mħallsa malajr bil-Fondi Strutturali;

39. jenfasizza li l-Kummissjoni Ewropea għandha żżid l-isforzi tagħha f'din id-direzzjoni u tindirizza l-possibbiltà li tirrevedi l-qafas istituzzjonali tal-politika tal-koeżjoni b'mod aktar estensiv sabiex tissemplifika l-proċeduri ta' implimentazzjoni u tagħmilhom aktar flessibbli (ġestjoni, monitoraġġ, kontrolli) bil-għan li l-investment isir aktar attraenti u jitħaffef;

40. jitlob lill-Kummissjoni tippovdi kooperazzjoni u appoġġ sabiex tinstab soluzzjoni li tippermetti lill-awtoritajiet lokali u reġjonali li mhumiex f'qagħda finanzjarja tajba li jipparteċipaw f'dawn il-programmi, inkluż fil-qafas tal-prinċipju tal-koeżjoni; għandu jiġi kkunsidrat jekk għandhomx jithejjuw rati ta' kofinanzjament ġodda bil-għan li l-użu tal-fondi tal-UE jsir iktar faċli;

41. għalhekk il-KtR jitlob lill-Kummissjoni tieħu azzjoni biex tappoġġja lill-awtoritajiet lokali u reġjonali u lill-SMEs sabiex dawn jiksbu aċċess għall-finanzjament addizzjonali jew jipprovduh, skont il-bżonn. Għalkemm il-KtR jilqa' l-inizjattiva għat-titjib tal-prefinanzjament tal-proġetti tal-UE, id-diffikultajiet attwali fil-qasam tal-provvista ta' kofinanzjament sinifikanti ser jil-limitaw dak li jista' jinkiseb fil-prattika;

42. jenfasizza l-fatt li għandhom jitqiesu miżuri ta' appoġġ speċjali fil-livelli reġjonali u lokali għal dawk ir-reġjuni fejn il-qgħad qed jizzied b'rata mgħaġġla. F'dan il-kuntest għandha tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li tiġi riveduta l-mappa tal-għajnuna mill-Istat għar-reġjuni;

43. jitlob li l-miżuri jintgħażlu b'tali mod li l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju jkunu jistgħu jibbenefikaw minnhom;

44. jistenna li l-Kummissjoni tippreżenta stima adegwata, imfassla fuq il-bażi tal-kriżi finanzjarja, tal-ammont li ser jingħata bħala garanziji, b'mod partikolari lill-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju; jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn straordinarju u urġenti li l-iskemi li jikkonċernaw il-garanzija reċiproka u l-kapital riskjuż jingħataw spinta 'l quddiem sabiex l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju jkunu jistgħu jaċċessaw il-fondi faċilment, l-aktar fis-sitwazzjoni attwali li qed tolqothom b'mod partikolari;

45. jemmen fil-bżonn li tingħata għajnuna globali għall-miżuri ta' taħriġ u l-iżvilupp tal-kwalifiki; u jitlob lill-Kummissjoni tipproponi flessibbiltà addizzjonali sabiex il-programmi għall-iżvilupp reġjonali jkunu jistgħu jorganizzaw l-infiq tagħhom mill-ġdid biex jappoġġjaw il-prijoritajiet tal-Fond Soċjali Ewropew, pereżempju l-ksib ta' ħilet ġodda u t-tnaqqis tal-qgħad;

46. jiġbed l-attenzjoni għall-istrumenti stabbiliti bħall-konsultazzjoni, l-iżvilupp ta' netwerks u ċ-ċentri ta' informazzjoni li jipprovdu appoġġ għall-intrapriżi li jinsabu f'diffikultà; l-enfasi prinċipali għandha tkun fuq l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju għaliex minkejja l-bażi soda tagħhom xorta ntlawtu mill-kriżi ekonomika; meta tingħeleb il-kriżi huma proprju dawn l-intrapriżi li ser jagħtu kontribut kbir favur l-ekonomija;

47. jitlob lill-Kummissjoni sabiex f'Ġunju tħejji l-ewwel stima tagħha biex teżamina l-istadju ta' implimentazzjoni li waslu fih il-miżuri li tteħdu fil-livell Komunitarju u fil-livell tal-Istati Membri u tara jekk hemmx bżonn ta' programm addizzjonali;

48. iħeġġeġ lir-reġjuni jeżaminaw l-implimentazzjoni tal-miżuri fi ħdan l-approċċ tal-aħjar prattika;

49. jitlob lill-President tal-Kumitat iressaq din l-opinjoni quddiem il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Istat Membru li għandu f'idej il-Prezidenza tal-Kunsill;

50. jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea għall-bżonn li tiżgura li l-Istati Membri jikkonformaw għalkollox mal-Karta Ewropea tat-Tmexxija Awtonoma Lokali.

Brussell, it-22 ta' April 2009

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Luc VAN DEN BRANDE

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-awtoritajiet lokali: atturi għall-iżvilupp

(2009/C 200/05)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

- jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li, sa mit-titlu tagħha, tirrikonoxxi pubblikament ir-rwol li jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-kooperazzjoni internazzjonali mal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;
- jinnota bi pjaċir li l-Komunikazzjoni tqis ħafna mill-punti li huwa stess kien enfasizza fl-opinjonijiet preċedenti tiegħu tal-2005, l-2007 u l-2008 dwar is-suġġett;
- huwa u jenfasizza l-kontribut speċifiku tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, jagħraf il-ħtieġa li jiġu armonizzati l-azzjonijiet ta' kooperazzjoni fil-livelli kollha u jixtieq li jsir progress biex l-ALR tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw jiġu integrati b'mod sħiħ fil-politiki ta' żvilupp u kooperazzjoni;
- jilqa' u jaċċetta l-proposta li jkun il-punt ta' kuntatt fi ħdan l-istituzzjonijiet Ewropej għal djalogu strutturat mal-awtoritajiet dwar l-iżvilupp. Din il-proposta hija kompletament koerenti mar-rwol mogħti lilu fit-Trattati;
- jimpenja ruħu sabiex jieħu l-passi meħtieġa biex, flimkien mal-Kummissjoni Ewropea, jorganizza l-konferenza annwali dwar il-kooperazzjoni deċentralizzata billi jinvolvi lil dawk kollha li huma attivi fis-sistema ta' kooperazzjoni u jipproponi li din il-konferenza tiġi organizzata eżatt wara sessjoni plenarja tal-KtR, u jekk jista' jkun tinżamm għall-ewwel darba qabel tmien l-2009;
- jipproponi li, fi sħubija mal-Kummissjoni, tinħoloq u titmexxa "borża" f'forma ta' portal tal-internet li b'xi mod jikkostitwixxi kontinwazzjoni tal-konferenza annwali dwar il-kooperazzjoni deċentralizzata permezz ta' mezzi virtwali;
- jirrakkomanda li jitfasslu dokumenti dwar il-politika tal-iżvilupp tal-UE li jqisu l-ħtiġijiet ta' informazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;
- ifakkar li huwa importanti li wieħed ikun jaf min jagħmel xiex u fejn biex jiġi evitat xogħol doppju u biex il-ħidma f'dan il-qasam tiġi bbażata fuq informazzjoni disponibbli.

Rapporteur: Is-Sur Christophe Rouillon (FR/PSE), Sindku ta' Coulaines

Dokument ta' referenza

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni — Awtoritajiet Lokali: Atturi għall-Iżvilupp

COM (2008) 626 finali

I. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REGĠUNI,

A Kummenti ġenerali

1. **jilqa'** l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li, sa mit-titlu tagħha, tirrikonoxxi pubblikament ir-rwol li jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-kooperazzjoni internazzjonali mal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;

2. **jilqa' wkoll** l-approċċ tal-Kummissjoni li huwa bbażat fuq dan ir-rikonoxximent bil-għan li gradwalment jistruttura r-relazzjoni bejn il-politika Ewropea għall-iżvilupp u l-azzjoni ta' kooperazzjoni deċentralizzata tal-awtoritajiet lokali u reġjonali (ALR). Fl-aħħar, il-Komunikazzjoni tipproponi diversi modi kif dan ir-rikonoxximent tal-awtoritajiet lokali u reġjonali bħala atturi għall-iżvilupp jista' jiġi implimentat;

3. **jenfasizza** li, wara l-pubblikazzjoni ta' din il-Komunikazzjoni, bejn il-15 u s-17 ta' Novembru 2008, ġew organizzati l-“Ġranet Ewropej tal-Iżvilupp” għat-tielet darba fi Strasburgu. F'kuntast ta' kriżi ekonomika dinjija, dawn iffokaw fuq id-dimensjoni lokali tal-iżvilupp u taw l-opportunità biex tiġi promossa, f'diversi modi u quddiem pubbliku mdaqas, il-firxa wiesgħa tal-attivitajiet tal-ALR: il-preżentazzjoni u t-tqassim uffiċjali tal-“Karta Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-qasam tal-appoġġ għall-gvernanza lokali”, li l-kontenut tagħha jikkostitwixxi d-dokument mehmuż mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni; it-tnedija uffiċjali tal-pjattaforma l-ġdida tal-awtoritajiet lokali u reġjonali għall-iżvilupp, li l-ħolqien tagħha ġie rakkomandat mill-Kumitat tar-Regġuni fl-opinjoni tiegħu ta' Novembru 2005; il-promozzjoni tal-kooperazzjoni deċentralizzata għall-iżvilupp u l-ġemellaġġi permezz ta' ċerimonja ta' sħubija bejn il-Kummissarju responsabbli għall-Iżvilupp u l-Għajnuna Umanitarja u l-President tal-Kumitat tar-Regġuni;

4. **japprezza** l-preżentazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kontribut speċifiku tal-ALR fil-proċess ta' żvilupp u tal-gvernanza lokali u li, għall-ewwel darba, hija bbażata fuq eżempji preċiżi li joħorġu fid-dieher il-varjetà u r-rikkezza ta' dan il-kontribut;

5. **jinnota bi pjaċir** li l-Komunikazzjoni tqis ħafna mill-punti li huwa stess kien enfasizza fl-opinjoni preċedenti tiegħu tal-2005, l-2007 u l-2008 dwar il-kooperazzjoni tal-ALR għall-iżvilupp;

6. **ma jixtieqx** jirrepeti għalxejn l-aspetti kollha tal-kooperazzjoni deċentralizzata li diġà indirizza fid-dettall. Għalhekk sempliċiment **ifakkar** li l-kooperazzjoni deċentralizzata hija kkaratterizzata kemm mid-diversità tal-bażijiet legali tagħha skont l-Istati Membri tal-Unjoni kif ukoll mill-valur miżjud sinifikanti tagħha għall-proċess ta' żvilupp madwar id-dinja. L-effikaċja tagħha tiddependi mill-preżenza ta' rappreżentanti lokali eletti fir-regġuni, fejn huma l-eqreb tal-bżonnijiet tal-popolazzjonijiet benefiċjarji. L-ALR involuti fil-kooperazzjoni deċentralizzata jak-kumulaw esperjenza li tagħtihom kapacià ta' konsulenza u ta' għarfien li hija partikolarment prezzjuża għall-ġlieda kontra l-faqar u li tikkontribwixxi għall-ksib tal-Miri għall-Iżvilupp għall-Millennju ⁽¹⁾;

7. **ifakkar ukoll** li l-ALR jistgħu jaqdu rwol importanti fil-kooperazzjoni internazzjonali biex iħeġġu l-gvernanza demokratika fil-livell lokali. Għalhekk il-Kumitat tar-Regġuni **jilqa'** l-fatt li l-prinċipji u l-oqsma ta' azzjoni tal-“Karta Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-qasam tal-appoġġ għall-gvernanza lokali”, imsemmija f'punt 3, jikkumplimentaw il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni. Il-Kumitat **iħeġġeġ it-tixrid fuq firxa wiesgħa** ta' dan it-test li huwa l-frott ta' konsultazzjoni bejn l-Istati Membri u l-imsieħba tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, u li jenfasizza b'mod partikolari l-ħtieġa ta' koordinazzjoni bejn l-atturi differenti fil-livell lokali, iżda anki bejn il-livelli kollha ta' intervent (lokali, nazzjonali u dinji);

8. **jixtieq jenfasizza** li flimkien mal-gvernanza demokratika li tħeġġeġ il-parteċipazzjoni tal-pubbliku, il-kooperazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali hija fattur b'saħħtu għall-iżvilupp lokali, minħabba d-diversità tas-setturi ta' intervent tagħha u tal-atturi pubbliċi u privati li tista' tattira. B'hekk, din tista' tistimula

⁽¹⁾ Fl-2005, ħames snin wara l-adozzjoni tal-Miri għall-Iżvilupp għall-Millennju (miri stabbiliti għall-2015), ir-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (A/59/2005) fakkar li iktar minn biljun persuna għadhom iġhixu f'xifer il-miżerja, b'inqas minn dollaru kuljum. Ara r-rapport sħiħ: <http://daccessdds.un.org/doc/UNDOC/GEN/N05/270/79>.

l-organizzazzjoni tal-produzzjoni, tan-netwerks kummerċjali u tal-attivitàjiet ekonomiċi li jirrispettaw il-popolazzjonijiet u l-ambjent. Din id-dimensjoni hija partikolarment utli għat-territorji rurali żvantaġġjati peress li tippermetti l-għieda kontra l-faqar kif ukoll kontra l-fenomeni tal-migrazzjoni miż-żoni rurali għall-bliet jew it-tentazzjoni tal-migrazzjoni illegali barra mill-pajjiż;

9. **japprezza** li l-Komunikazzjoni tenfasizza r-rwol tal-ALR sabiex titqajjem kuxjenza fost il-pubbliku dwar il-problema tal-iżvilupp u tal-għieda kontra l-faqar fid-dinja. Huwa fatt ċert li l-impatt ta' din il-kuxjenza jista' jkun ħafna iktar qawwi jekk din tiġi bbażata fuq kooperazzjoni bejn awtorità lokali u reġjonali Ewropea u awtorità lokali/regionali jew aktar fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw. Dawn l-azzjonijiet biex titqajjem kuxjenza huma l-frott ta' sħubiji li jafu kif iwaqqfu assoċjazzjonijiet u komunitajiet favur l-iżvilupp, peress li huma prinċipalment ibbażati fuq l-għajnuna tal-assoċjazzjonijiet lokali li jgħaqqdu ċittadini li jieħdu interess fil-kwistjonijiet tal-iżvilupp. Barra minn hekk, billi jżidu l-interess fost il-pubbliku ġenerali dwar l-urġenza tal-iżvilupp, l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jikkontribwixxu anki għal integrazzjoni aħjar tal-popolazzjonijiet immigranti. Dawn l-azzjonijiet ta' solidarjetà u skambju jistgħu jkunu l-okkażjoni biex il-popolazzjonijiet immigranti jiskopru mill-ġdid il-kultura tal-orijini tagħhom u ma jibqgħux iħossuhom maqtugħin minn pajjiżhom.

B Kummenti

10. **jixtieq jagħmel għadd** ta' kummenti li jqis li huma essenzjali biex jiġi definit aħjar ir-rwol tal-ALR fil-politika Ewropea għall-iżvilupp;

11. **ifisser id-dubji tiegħu** dwar id-definizzjoni tal-kooperazzjoni deċentralizzata stabbilita fil-Komunikazzjoni (kaxxa preliminari — paġna 3 tal-Komunikazzjoni). Qabel, il-Kummissjoni kienet tiddefinixxi l-kooperazzjoni deċentralizzata bħala kooperazzjoni fil-livell sottonazzjonali, tkun xi tkun in-natura tal-atturi numerużi li setgħu jimplementawha. Min-naħa tiegħu, il-Kumitat jixtieq ifakkar li b'kooperazzjoni deċentralizzata huwa jifhem kooperazzjoni li tinvolvi *stricto sensu* lill-awtoritajiet lokali u reġjonali;

12. **jitlob** lill-Kummissjoni tagħraf li l-kooperazzjoni deċentralizzata taqdi wkoll rwol essenzjali għall-ħarsien u t-titjib tal-ambjent naturali u li, fil-livell lokali, tindirizza t-tħassib globali attwali dwar il-perikli tal-bidla fil-klima u fl-istess ħin tqajjem kuxjenza fost il-pubbliku kkonċernat f'dan ir-rigward;

13. **jixtieq jiġbed l-attenzjoni** għall-fatt li l-kontribut finanzjarju tal-ALR għall-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp m'għandux idgħajf l-importanza tal-kontributi kwalitattivi tagħhom. Il-valur miżjud tal-azzjonijiet tagħhom joħroġ l-ewwel u qabel kollox mill-fatt li l-interventi tagħhom fil-livell lokali huma bbażati fuq sħubiji li huma ddeċidew li jstabbilixxu, u mhux fuq l-implimentazzjoni ta' impenji li daħlu għalihom l-Istati. Barra minn hekk, ta' min isemmi l-eżempju ta' awtoritajiet lokali u reġjonali iżgħar u mingħajr mezzi finanzjarji sinifikanti li xorta waħda jwettqu azzjonijiet sostanzjali u rilevanti;

14. **jiddikjara mill-ġdid li** l-kooperazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali tikkostitwixxi d-dimensjoni lokali ta' strateġija globali ta' solidarjetà bejn ir-reġjuni għonja u r-reġjuni foqra tal-pjaneta tagħna. Huwa b'dan il-mod li l-awtoritajiet inġabru flimkien biex jiffurmaw raggruppamenti f'diversi modi. Dan l-isforz ta' koordinazzjoni għadu kif intlaqa' fil-konklużjonijiet li l-Kunsill tal-Ministri tal-Unjoni Ewropea adotta fl-10 ta' Novembru 2008 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni;

15. **jagħraf il-ħtieġa** li jiġu armonizzati l-azzjonijiet ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp fil-livelli kollha u jqis li d-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna tirrappreżenta progress deċiżiv. Għaldaqstant, jistenna li l-Kummissjoni, megħjuna mid-delegazzjonijiet tagħha fil-pajjiżi benefiċjarji, inizjalment timpenja ruħha biex thegġegħ l-iżvilupp ta' relazzjonijiet utli filwaqt li tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà u tqis l-ispeċifità tal-azzjoni tal-awtoritajiet;

16. Għal gvernanza aħjar, l-appropriazzjoni ⁽¹⁾ tal-politiki u l-istrateġiji ta' kooperazzjoni u żvilupp hija wieħed mill-prinċipji essenzjali tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi. Il-Kumitat tar-Reġjuni **jixtieq jenfasizza dan il-prinċipju b'mod partikolari, u jqis li**, minħabba l-fatt li hija qrib il-livell lokali, il-kooperazzjoni deċentralizzata hija partikolarment adattata għal dan il-għan. F'dan ir-rigward, **jixtieq** li jsir progress biex l-ALR tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw jiġu integratib'mod sħiħ fil-politiki ta' żvilupp u kooperazzjoni.

II. ASPETTI OPERATTIVI

17. **jilqa' bl-ikbar interess** il-proposti mressqa mill-Kummissjoni biex turi bil-fatti r-rikonoxximent tagħha tal-awtoritajiet lokali u reġjonali bħala atturi għall-iżvilupp u jixtieq jagħmel il-kummenti li ġejjin:

Dwar l-organizzazzjoni ta' djalogu strutturat

18. **Jilqa' b'mod partikolari** l-proposta tal-Kummissjoni li torganizza djalogu dwar l-iżvilupp mal-awtoritajiet lokali u reġjonali. Din il-proposta tindirizza l-isforzi kontinwi li wettqu l-awtoritajiet matul dawn l-aħħar snin sabiex jiġu rrikonoxxuti mhux biss bħala atturi iżda wkoll bħala kelliema b'mod sħiħ fil-gruppi ta' donaturi internazzjonali, bilaterali u multilaterali;

19. **jilqa' u jaċċetta** l-proposta tal-Kummissjoni li jkun il-punt ta' kuntatt fi ħdan l-istituzzjonijiet Ewropej. Din il-proposta hija kompletament koerenti mar-rwol mogħti lilu fit-Trattati, dak li jesprimi l-fehma tal-awtoritajiet lokali u reġjonali Ewropej;

⁽¹⁾ L-appropriazzjoni hija l-ewwel impenn ta' sħubija msemmi fid-Dikjarazzjoni ta' Pariġi tal-2005. B'dan l-impenn il-pajjiżi msieħba jeżerċitaw kapacià reali fuq il-politiki u l-istrateġiji tagħhom tal-iżvilupp u jiżguraw il-koordinazzjoni tal-azzjoni li tappoġġja l-iżvilupp. Ara t-test tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi u dokumenti oħra dwar l-implimentazzjoni tagħha fuq is-sit tal-OECD: www.oecd.org

20. **jimpenja ruħu** sabiex jieħu l-passi meħtieġa biex, flimkien mal-Kummissjoni Ewropea, jorganizza l-konferenza annwali dwar il-kooperazzjoni deċentralizzata proposta fil-Komunikazzjoni u **japprova** l-idea li jiġu involuti dawk kollha li huma attivi fis-sistema ta' kooperazzjoni fil-livell Ewropew. Mingħajr ma jiġu esklużi parteċipanti oħra, dan ifisser li l-Kummissjoni Ewropea tista' tiġi rappreżentata kemm mid-Direttorati Ġenerali kkonċernati tagħha kif ukoll minn għadd ta' delegazzjonijiet tagħha, bħala pijunieri tal-kooperazzjoni Ewropea fil-pajjiżi li jinsabu f'reġjuni differenti fid-dinja. Minbarra l-KtR, l-awtoritajiet lokali u reġjonali Ewropej u tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw ikunu jistgħu jipparteċipaw, anki permezz tal-assoċjazzjonijiet tagħhom. Il-Kumitat tar-Reġjuni jtenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni Ewropea għal appoġġ finanzjarju li jikkumplementa r-riżorsi li ser jipprovdi huwa stess. Sabiex il-membri tal-Kumitat ikunu jistgħu jinvolvu ruħhom bis-sħiħ fid-dibattiti ta' din il-konferenza, tkun idea tajba li l-konferenza tiġi organizzata eżatt wara sessjoni plenarja tal-KtR, u jekk jista' jkun tinżamm għall-ewwel darba qabel tmien is-sena 2009;

Dwar l-għodda ta' approċċ miftiehem

21. Il-Kumitat tar-Reġjuni **jilqa' l-pjan** tal-Kummissjoni li jiffasslu "linji gwida operattivi", iżda jistaqsi jekk dawn jikkonċernawx id-delegazzjonijiet tal-Kummissjoni fil-pajjiżi — sabiex jiġu ggwidati r-relazzjonijiet tagħhom mal-ALR b'mod aktar effettiv — jew jikkonċernawx pjuttost l-awtoritajiet lokali u reġjonali nnifishom. Fi kwalunkwe każ, jilqa' kull dokument li jiċ-ċara r-rwol tal-atturi differenti, anki jekk iħeġġeġ biss il-koordinazzjoni tal-attivitajiet rispettivi tagħhom;

22. Jekk dawn il-"linji" jikkonċernaw l-ALR, il-Kumitat **iqis** li dawn għandhom jikkunsidraw l-ispeċifitajiet tal-kooperazzjoni deċentralizzata u l-esperjenza miksuba tal-awtoritajiet lokali fil-qasam. Il-Kumitat **ma jqisx** li din hija kwistjoni fejn l-AL għandhom jiġu "ggwidati"; għandha pjuttost tingħata attenzjoni lill-ħtiġijiet ta' informazzjoni tagħhom u li jiġi żgurati li l-AL jifhmu l-għanijiet, il-loġika u l-mekkaniżmi — biex ma nsemmux il-vokabolarju — tal-politika tal-iżvilupp tal-UE, li ħafna drabi l-kumplessità tagħha hija suġġett tal-ispeċjalisti;

23. Għaldaqstant, **jirrakkomanda** li jiffasslu dokumenti bbażati fuq ħidma konġunta bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet lokali u reġjonali. Jeħtieġ li l-kontenut ta' dawn id-dokumenti jkun adattat, miktub b'lingwa ċara u jkun espressjoni awtentika tad-djalogu strutturat tal-Kumitat tar-Reġjuni bil-għan li jkun jistgħu jintużaw b'mod wiesa'. Dan jippermetti lill-awtoritajiet lokali, b'mod partikolari dawk b'numru limitat ta' persunal disponibbli għall-attivitajiet ta' kooperazzjoni, jinvolvu ruħhom b'mod aktar effettiv fid-dinamika Ewropea għall-iżvilupp u fl-ambjent internazzjonali tagħha;

Dwar l-identifikazzjoni tal-atturi u l-attivitajiet tal-kooperazzjoni deċentralizzata

24. **Jixtieq ifakkar** li, sa mill-ewwel opinjoni tiegħu dwar is-suġġett, il-Kumitat esprima l-fehma li l-identifikazzjoni tal-attivitajiet marbuta mal-kooperazzjoni deċentralizzata kienet **priorità**. Huwa importanti li wieħed ikun jaf min jagħmel xiex u fejn

biex jiġi apprezzat il-kontribut ta' din it-tip ta' kooperazzjoni, biex l-awtoritajiet fl-Istati Membri jitħeġġu jingħaqdu flimkien fil-ħidma tagħhom fuq l-istess territorju u biex, għal raġunijiet ta' sinerġija, l-azzjonijiet jitqassmu skont l-interess ċar tal-awtoritajiet benefiċjarji;

25. **jinnota b'sodisfazzjon** li, fil-konklużjonijiet tiegħu tal-10 ta' Novembru 2008 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill ħeġġeġ lill-Kummissjoni tibda taħdem f'din id-direzzjoni, fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli. Fil-fatt, diġà jeżistu xi elementi tal-bażi tad-data, fuq inizjattiva ta' ċerti Stati Membri jew permezz tal-Osservatorju li nħoloq f'Barcellona li, fost l-attivitajiet tiegħu, jinkludi r-relazzjonijiet bejn l-ALR Ewropej u dawk tal-Amerika Latina;

Dwar il-ħolqien ta' sħubiji ġodda

26. **Għadu kif enfasizza** kemm huwa importanti u urġenti li nkunu nafu bir-relazzjonijiet ta' kooperazzjoni deċentralizzata li diġà jeżistu jekk irridu nistabbilixxu skambji ta' informazzjoni u sħubiji ġodda li jilħqu l-aspettattivi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u li qegħdin jiffaċċjaw responsabbiltajiet ġodda tal-politiki ta' deċentralizzazzjoni iktar u iktar mifruxa. Għaldaqstant, il-Kumitat **jixtieq jiġbed l-attenzjoni** għall-ħtieġa li, kemm jista' jkun, jitnaqqas ir-riskju ta' konfużjoni u ta' frammentazzjoni marbut mal-ħolqien ta' sħubiji ġodda li ma jqisux dak li diġà jeżisti u li, minflok jippromovu l-koordinazzjoni li twassal għal gvernanza tajba, ikunu duplikazzjoni, propju dak li għandu jiġi evitat;

27. **jipproponi** li dawn "is-sħubiji l-ġodda" jkun ta' natura kwalitattiva u **japprezza** l-appoġġ muri għall-proposta mressqa f'opinjoni preċedenti tal-KtR li jiġi stabbilit mezz li jippromovi l-iskambju ta' informazzjoni: "il-borża" tal-kooperazzjoni deċentralizzata msemmija fil-Komunikazzjoni għandha titqies bħala għodda għal djalogu kontinwu mal-awtoritajiet lokali u reġjonali tar-reġjuni kollha tad-dinja impenjati f'azzjonijiet ta' kooperazzjoni deċentralizzata, u bejniethom. Għaldaqstant, **il-KtR**, fi sħubija mal-Kummissjoni Ewropea, **jipproponi li tinħoloq u titmexxa** l-hekk imsejħa "borża" f'forma ta' portal tal-internet li b'xi mod jikkostitwixxi kontinwazzjoni tal-konferenza annwali dwar il-kooperazzjoni deċentralizzata permezz ta' mezzi virtwali. Fil-fażi tat-twaqqif ta' din il-"borża", il-Kumitat ser iqis l-inizjattivi eżistenti biex jiġi evitat kwalunkwe proċess parallel;

Dwar it-tisħiħ tar-rabtiet eżistenti bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali

28. **Huwa konxju** mill-fatt li r-rabtiet kollha bejn l-awtoritajiet lokali Ewropej u l-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw mhumiex propjament azzjonijiet ta' kooperazzjoni deċentralizzata, billi jgħinu l-awtorità sieħba tistruttura l-iżvilupp tagħha skont il-prinċipju tal-gvernanza;

29. **huwa tal-istess idea** li r-relazzjonijiet “ta’ ħbiberija” jistgħu jiżviluppaw f’azzjonijiet iktar sostanzjali jekk l-awtoritajiet lokali kollha jkun jafu aktar dwar l-opportunitajiet ta’ kooperazzjoni deċentralizzata. Bħala istituzzjoni Ewropea li tirrappreżenta lill-awtoritajiet Ewropej fil-livelli kollha, il-KtR iqis li jista’ jaqdi rwol ewlieni u jista’ jikkontribwixxi sabiex l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu involuti aktar fil-proċess ta’ żvilupp permezz ta’ azzjonijiet awtentiċi ta’ kooperazzjoni deċentralizzata li xi kultant jistgħu jissarrfu fi skambji tekniki qosra skont il-ħtiġijiet tal-ALR msieħba;

30. Hekk kif diġà enfasizza fl-ewwel opinjoni tiegħu dwar il-kooperazzjoni deċentralizzata, **iqis** li r-rwol tal-korpi rappreżentattivi jew l-assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-pajjiżi msieħba huwa **fundamentali**. Dawn mhux biss joħolqu rabtiet u jippermettu skambji bejn ir-rappreżentanti lokali eletti li qegħdin jiffaċċjaw problemi simili, iżda jistgħu wkoll jistabbilixxu djalogu mal-gvernijiet ċentrali sabiex jiġu definiti l-prijoritajiet strateġiċi filwaqt li tingħata attenzjoni xierqa lil-livelli sottonazzjonali tal-iżvilupp.

31. Għaldaqstant, **jirrakkomanda** li jiġu promossi l-iżvilupp u l-istrutturar tagħhom, anki billi jiġi appoġġat it-twaqqif ta’ raggruppamenti reġjonali, u jsejjaħ għal mobilizzazzjoni għal dan il-għan, permezz ta’ appoġġ mill-kontropartijiet ta’ pajjiżi Ewropej jew tal-Unjoni Ewropea;

Kummenti addizzjonali

32. **Jirrakkomanda bis-sħiħ** li tiġi żgurata l-**koerenza** bejn il-prinċipji msemmija fit-test u l-programmi ta’ appoġġ tal-Unjoni Ewropea, fi kwalunkwe żona tad-dinja kkonċernata u permezz ta’ kwalunkwe strument ta’ kooperazzjoni Ewropea. Pereżempju:

— tiġi eżaminata r-relazzjoni bejn il-mekkaniżmi ta’ għajjnuna baġitarja — li issa qegħdin japplikaw b’mod dominati għall-kontribuzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri —, is-sussidji

mogħtija lill-awtoritajiet lokali mill-gvernijiet ċentrali u s-setgħat mogħtija lilhom bil-liġijiet ta’ deċentralizzazzjoni adottati minn diversi pajjiżi benefiċjarji tal-għajjnuna;

- il-Karta dwar il-gvernanza taferma f’diversi modi — li barra minn hekk ġie vverifikat anki fl-analiżi mwettqa mill-Bank Dinji u l-OECD — li deċentralizzazzjoni benefiċjarja tiddependi minn interazzjoni tajba bejn il-livelli kollha tal-gvern, li jfisser li l-livell ċentrali għandu jkun vijabbli u effikaċi. Għaldaqstant, il-Kumitat jixtieq li matul l-ewwelwazzjoni ta’ nofs it-terminu tal-programm tematiku “L-atturi mhux statali u l-awtoritajiet lokali fl-iżvilupp” ipplanat għall-2009, tiġi indirizzata l-kwistjoni tar-rilevanza tal-appoġġ lill-“awtoritajiet lokali” f’pajjiżi fejn, skont l-espressjoni tal-programm, “il-kundizzjonijiet huma diffiċli”;
- fir-rigward tal-mezzi finanzjarji disponibbli, il-programm tematiku huwa biss parti żgħira. Il-KtR jixtieq li l-atturi kkonċernati, kemm Ewropej kif ukoll ta’ pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, ikollhom għad-dispożizzjoni tagħhom informazzjoni preċiża dwar il-mod li bih l-awtoritajiet lokali huma involuti b’mod effettiv fl-implimentazzjoni ta’ ftehimiet ta’ kooperazzjoni, b’tali mod li jkun jista’ jsir xi titjib, jekk ikun meħtieġ. F’dan il-każ, l-għarfien u t-tixrid tal-prattiki t-tajba jintlaqgħu tajjeb ħafna;

33. **iqis** li, b’mod ġenerali, id-dokument tal-Kummissjoni jikkostitwixxi avvanz kbir, u jixtieq jenfasizza l-ispiritu pożittiv tiegħu fir-rigward tal-kooperazzjoni deċentralizzata implimentata mill-awtoritajiet lokali u reġjonali; **jesprimi** l-konvinzjoni tiegħu dwar il-fatt li hemm bżonn sinifikanti li jinżamm djalogu kontinwu u kostruttiv bejn l-atturi kollha kkonċernati sabiex jiġi appoġġat b’mod xieraq l-impenn tal-awtoritajiet lokali Ewropej kif ukoll dawk tal-pajjiżi benefiċjarji fil-proċessi ta’ kooperazzjoni u ta’ żvilupp. F’dan ir-rigward, il-KtR **jixtieq** u **huwa lest** li jaqdi bis-sħiħ ir-rwol tiegħu bħala istituzzjoni Ewropea li tiġbor fiha u tirrappreżenta l-awtoritajiet lokali Ewropej tal-livelli territorjali kollha.

Brussell, it-22 ta’ April 2009.

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Luc VAN DEN BRANDE

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-istrateġija l-ġdida tal-baħar Baltiku

(2009/C 200/06)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

- jinsab sodisfatt li l-Kunsill Ewropew talab lill-Kummissjoni Ewropea tfassal strateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku. Hemm ħafna raġunijiet għalfejn ir-Reġjun tal-Baħar Baltiku huwa xieraq ħafna biex iservi ta' proġett pilota għall-introduzzjoni ta' strateġija interna tal-UE għal makroreġjun u, bħal fil-każ tal-Istrateġija tal-Baħar Baltiku permezz tad-Dimensjoni tat-Tramuntana, jżid il-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi;
- jisħaq dwar il-ħtieġa li l-Istrateġija tal-Baħar Baltiku tinvolvi l-awtoritajiet lokali u reġjonali u tinkludi l-perspettiva taċ-ċittadini; huwa tal-fehma li r-Russja u n-Norveġja għandhom jiġu inklużi fl-istadji kollha tal-Istrateġija għall-Baħar Baltiku, mit-tħejjija sal-implimentazzjoni. Sabiex tkun effettiva, l-istrateġija trid tiġi integrata mad-Dimensjoni tat-Tramuntana;
- jissuġġerixxi li l-Kunsill jistabbilixxi objettivi u attivitajiet komuni b'rabta mal-istrateġija u jieħu deċiżjonijiet dwarhom. Id-deċiżjonijiet kollha għandhom jitħejjew minn grupp ta' ħidma mmexxi mill-Kummissjoni Ewropea u bil-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti tal-gvernijiet tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku, il-Kummissjoni Ewropea, MPE u rappreżentanti tal-livell lokali u reġjonali magħżula wkoll mill-membri tal-Kumitat tar-Reġjuni;
- jipproponi li din il-ħidma tiġi appoġġjata mill-Forum dwar il-Baħar Baltiku li jiltaqa' darba fis-sena. Il-forum ikun jiġbor taħt saqaf wieħed firxa wiesgħa ta' atturi interessati, magħżula skont l-istess prinċipji applikati għall-konferenza għall-atturi interessati li saret b'rabta mat-tfassil tal-Istrateġija tal-Baħar Baltiku, sabiex jiddiskutu l-mira tal-istrateġija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni.

Rapporteur:	Is-Sur Uno Aldegren President tal-Bord Eżekuttiv Reġjonali, il-Kunsill tal-Kontea ta' Skåne
--------------------	---

I. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Kummenti ġenerali

1. jinsab sodisfatt li l-Kunsill Ewropew talab lill-Kummissjoni Ewropea tfassal strateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku. Hemm ħafna raġunijiet għalfejn ir-Reġjun tal-Baħar Baltiku jidher li huwa xieraq ħafna biex iservi ta' proġett pilota għall-introduzzjoni ta' strateġija interna tal-UE għal makroreġjun u, bħal fil-każ tal-Istrateġija tal-Baħar Baltiku fid-Dimensjoni tat-Tramuntana, jżid il-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi;

2. jilqa' l-ħsieb li jitqiesu inizjattivi u strateġiji makroreġjonali għall-Baħar l-Iswed, ir-Reġjun tad-Danubju u l-Baħar tat-Tramuntana/Kanal Ingliż sabiex jinħoloq qafas għall-kooperazzjoni multilaterali li jtejjeb il-forom ta' kooperazzjoni li jeżistu; jirreferi għall-opinjoni tiegħu li għet adotta fl-2007 dwar ir-Reġjun tal-Baħar l-Iswed u l-opinjoni li qed iħejji bħalissa dwar ir-Reġjun tad-Danubju. Huwa importanti li r-reġjun tal-Baħar Baltiku, bħala reġjun pilota, jappoġġja l-introduzzjoni ta' strateġiji oħra u li jsir qsim tal-esperjenzi u jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-kooperazzjoni fil-ġejjieni;

3. jisħaq li r-rwol tal-gvernijiet lokali u reġjonali huwa ta' importanza kbira b'rabta mal-għanijiet kollha definiti mill-Kummissjoni għal din l-istrateġija;

4. josserva li mid-disa' pajjiżi li jmissu mal-Baħar Baltiku, tmienja huma Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, li jfisser li x-xatt Baltiku kważi kollu jagħmel parti mill-UE. Id-disa' stat, ir-Russja, huwa ta' importanza ġeopolitika u ekonomika partikolari għall-UE. L-istess jgħodd għan-Norveġja, bħala membru taż-ŻEE u għal żmien twil sieħba ewlenija għar-reġjun tal-Baħar Baltiku. Jekk inqisu wkoll il-firxa usa' ta' fejn jilħaq il-Baħar Baltiku, il-Belarus u l-Ukraina huma wkoll importanti mil-lat ambjentali;

5. jinnota li r-reġjun tal-Baltiku jippreżenta sensjela ta' sfidi partikolari li jistgħu jiġu indirizzati b'mod xieraq fuq livell reġjonali. Il-Baħar Baltiku huwa baħar intern baxx ta' natura fraġli b'ilma salmastru. Huwa wieħed mill-aktar ibħra interni traffikużi fid-dinja. B'hekk pereżempju mill-1995 'il quddiem it-trasport ta' sorsi tal-enerġija fil-Golf tal-Finlandja żdied b'seba' darbiet u bħalissa jilħaq mal-140 miljun tunnellata fis-sena. Id-differenzi ekonomiċi bejn il-pajjiżi li jmissu mal-Baħar Baltiku huma kbar u hemm dinamika ekonomika kbira;

6. ifakkar fid-differenzi territorjali kbar li hemm fir-reġjun. Fit-Tramuntana tal-Iżvezja u tal-Finlandja hemm reġjuni li huma ftit li xejn popolati u li jinsabu 'l bogħod mis-swieq tal-Ewropa ċentrali. Matul ix-xatt tan-Nofsinhar tal-Baħar Baltiku d-densità tal-popolazzjoni hija aktar viċin in-norma Ewropea u d-distanzi lejn is-swieq tal-Ewropa Ċentrali huma iżgħar;

7. jemmen li r-reġjun Baltiku huwa sors ta' materja prima importanti għall-UE, pereżempju minerali u materja prima tal-foresti u, jekk jitqiesu anki r-Russja u n-Norveġja, iż-żejt u l-gass ukoll.

8. jisħaq li l-Istrateġija tal-Baħar Baltiku għandha tinvolvi l-awtoritajiet lokali u reġjonali u tinkludi l-perspettiva taċ-ċittadini;

9. huwa tal-fehma li r-Russja u n-Norveġja għandhom jiġu inklużi fl-istadji kollha tal-Istrateġija għall-Baħar Baltiku, mit-tħejji sal-implimentazzjoni. Sabiex tkun effettiva, l-istrateġija tiġi integrata mad-Dimensjoni tat-Tramuntana. Bis-saħħa tad-Dimensjoni tat-Tramuntana, l-Istrateġija tal-Baħar Baltiku tinkludi wkoll ir-reġjun tal-Baħar ta' Barents;

10. jenfasizza li matul dawn l-aħħar għoxrin sena nħolqu bosta forum ta' koperazzjoni fuq il-livelli kollha, u mhux l-inqas fi ħdan relazzjonijiet aktar mill-qrib bejn ir-reġjuni mal-fruntiera u l-ġemellaġġi bejn il-bliet. Dan huwa element importanti fil-bini tal-Istrateġija tal-Baħar Baltiku, li jkun xieraq li wieħed japprofitta minnu fl-isforzi għall-ħolqien ta' identità komuni aktar ċara tar-reġjun tal-Baħar Baltiku, li hija prerekwiżit importanti biex l-istrateġija tiġi implimentata b'suċċess;

11. fi ftit kliem, ir-reġjun Baltiku joffri possibiltajiet u sfidi partikolari għall-introduzzjoni ta' perspettiva makroreġjonali fil-koperazzjoni tal-UE. Din il-perspettiva hija bbażata fuq it-twemmin li l-iżvilupp pożittiv fparti waħda mir-reġjun mhux ta' ħsara għall-iżvilupp fparti oħra, jew fi kliem ieħor: l-iżvilupp sostenibbli dejjem jiswa. Madanakollu din il-perspettiva makroreġjonali, kemm jista' jkun m'għandhiex tħeġġeġ il-ħolqien ta' oqsma regolatorji li jikkompetu bejniethom u li joħlqu sfida għall-acquis tal-Komunità: l-għan tal-Ewropa mhux li ssir sensjela ta' swieq interni differenti jikkompetu ma' xulxin;

12. huwa tal-fehma li l-Istrateġija tal-Baħar Baltiku tista' sservi ta' eżempju wieħed tal-implimentazzjoni ta' Politika ta' koeżjoni territorjali;

13. jisħaq ukoll li d-direzzjoni li l-Kummissjoni Ewropea ħadet għal din l-Istrateġija turi b'mod ċar kif l-iżvilupp sostenibbli huwa msejjes fuq tliet pilastri: is-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali. Ma' dan trid tisemma' l-importanza partikolari li għandhom il-kwistjonijiet ta' enerġija fir-Reġjun tal-Baħar Baltiku, li jridu jiġu riflessi kif xieraq fl-istrateġija. L-aċċess sikur u ambjentalment sostenibbli għall-enerġija huwa ferm importanti għall-iżvilupp ekonomikament sostenibbli fir-reġjun;

14. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-implimentazzjoni reġjonali tal-Politika Marittima Ewropea għandha tkun element ewlieni tal-Istrateġija tal-Baħar Baltiku. Bl-Istrateġija tal-Baħar Baltiku għandu jingħata nifs ġdid lill-oġettiv li r-reġjun tal-Baħar Baltiku jiġi żviluppat fl-aktar reġjun eżemplari fis-settur marittimu Ewropew kif intalab minn bosta organizzazzjonijiet tal-Baħar Baltiku kif ukoll mill-Konferenza Parlamentari tal-Baħar Baltiku. L-approċċ integrattiv tal-Politika Marittima Ewropea jixraq lill-approċċ transsettorjali tal-Istrateġija tal-Baħar Baltiku u għandu jiġi implimentat b'mod koerenti;

15. jappoġġja l-proposta ta' sitt organizzazzjonijiet tal-Baħar Baltiku ⁽¹⁾ għal pjan ta' azzjoni ta' ħames punti — "Clean Baltic Shipping". Fl-istess ħin jeħtieġ li nenfasizzaw l-approċċ integrattiv tal-Istrateġija tal-Baħar Baltiku u li nindirizzaw waħda mill-aktar problemi serji tar-reġjun li hija ż-żieda tal-emissjonijiet tal-vapuri. Għaldaqstant jeħtieġ li nippromovu l-kunċett bħala mudell għal proġetti oħra fil-pjan ta' azzjoni għall-Istrateġija;

16. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li hemm għadd kbir ta' eżempji tajbin tal-importanza tas-sħubijiet flivell lokali biex isir hemm żvilupp ekonomiku u soċjali pożittiv. Għalhekk ikun xieraq li fi ħdan l-Istrateġija għall-Baħar Baltiku tiġi mħeġġa s-sħubija lokali u reġjonali bejn l-ekonomija soċjali, kumpaniji privati u l-awtoritajiet lokali u reġjonali;

17. jisħaq li l-oġġettivi stabbiliti mill-Kummissjoni għall-Istrateġija tal-Baħar Baltiku — is-sostenibbiltà ekoloġika, reġjun għani ekonomikament, reġjun aċċessibbli, attraenti u sikur — huma tajbin, għalkemm mhux speċifiċi biżżejjed. Dan ser ifisser ħtiġijiet partikolari fl-għażla ta' prijoritajiet u punti ċentrali fil-pjan ta' azzjoni. Biex l-istrateġija tkun suċċess ser tkun kruċjali kemm il-kooperazzjoni mal-korpi amministrattivi responsabbli kif ukoll il-ħila li jinħolqu sistemi ta' gvernanza fuq diversi livelli bis-sehem tal-livelli lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tagħhom;

18. jenfasizza li sabiex l-Istrateġija tal-Baħar Baltiku tintlaq' fost il-poplu tar-reġjun bħala proġett konġunt, b'responsabbiltà konġunta, jeħtieġ li nkomplu niżviluppaw ir-rabtiet li jgħaqqdu l-popli ta' madwar il-Baħar Baltiku. Dan għandu jseħħ fi proċess transnazzjonali li jinvolvi liċ-ċittadini, l-iktar liż-żgħażaġh. Waħda mill-azzjonijiet għandha tkun li nesploraw u ntejbu l-ftehim reċiproku tagħna tal-istorja pereżempju billi b'mod konġunt noħolqu Ktieb dwar l-Istorja tal-Baħar Baltiku. L-għan ikun li tinħoloq u tissaħħaħ identità komuni tal-Baħar Baltiku.

Implimentazzjoni u gvernanza

19. ifakkar li fir-reġjun tal-Baħar Baltiku diġà jeżistu ħafna strateġiji għal bosta oqsma ta' politika, kemm fuq livell makroreġjonali kif ukoll nazzjonali. Barra minn hekk hemm għadd ta' eżempji ta' proġetti li twettqu b'suċċess f'dawn l-oqsma. L-opportunità kbira għall-ħolqien ta' valur miżjud li toffri l-Istrateġija għall-Baħar Baltiku tinsab fl-applikazzjoni ta' approċċ komprensiv territorjali u politiku u t-twittija tat-triq għal implimentazzjoni kkordinata u soda;

20. jenfasizza li s-suċċess tal-Istrateġija jiddependi fuq il-kontribut ta' firxa wiesgħa ta' atturi Ewropej, makroreġjonali, nazzjonali, reġjonali u lokali li għandhom jiġu inklużi f'kull stadju minn dak tat-tħejjija sal-implimentazzjoni;

21. jilqa' b'hekk il-proċess miftuħ ta' konsultazzjoni dwar l-Istrateġija tal-Baħar Baltiku li qed twettaq il-Kummissjoni Ewropea. Ġew organizzati għadd ta' konferenzi u gruppi ta' diskussjoni siewja. Dawn kienu xhieda tal-impenn wiesa' u sħiħ li jeżisti lejn il-kwistjonijiet marbuta mal-Baħar Baltiku, impenn li huwa riżors importanti biex fuqu tissejjes l-implimentazzjoni tal-Istrateġija.

(1) Il-Kooperazzjoni Sottoreġjonali tal-Istati tal-Baħar Baltiku — BSSSC, il-Kummissjoni tal-Baħar Baltiku CPMR, il-Forum għall-Iżvilupp Baltiku, l-Ewroreġjun Baltiku, l-Unjoni tal-Bliet Baltiċi, in-Netwerk tal-Gżejjer Baltiċi B7

dawn l-avvenimenti wrew ukoll li l-gvernijiet lokali u reġjonali huma protagonisti fir-rigward tal-erba' oġġettivi stabbiliti;

22. jenfasizza li s-suċċess tal-Istrateġija għall-Baħar Baltiku jiddependi mir-riżorsi disponibbli għall-implimentazzjoni. F'każ li jkun deċiż li ma jiġux allokati l-ebda fondi ġodda, dawn ser ikollhom jinkisbu billi jiġu stabbiliti mill-ġdid il-prijoritajiet skont ir-riżorsi disponibbli. Jeħtieġ li jinbdew minnufih id-diskussjonijiet dwar kif dan ser isir, billi nżommu dejjem f'moħħna l-għanijiet u l-ħtiġijiet tal-Istrateġija tal-Baħar Baltiku. F'ħafna minn dawn l-oqsma ta' politika hemm evalwazzjonijiet jew diskussjonijiet għaddejnin dwar riformi possibbli li fihom fost oħrajn jistgħu jiddaħħlu aspetti tal-Istrateġija tal-Baħar Baltiku;

23. jemmen li għalkemm l-isfidi huma magħrufa sew, bhalmha huma l-miżuri meħtieġa biex jintlaqgħu, ma jistgħux jintesew id-diffikultajiet li jeżistu. Ma jidherx li hemm rieda li jinħolqu istituzzjonijiet ġodda u jingħataw riżorsi ġodda. Minflok, qed jintqal li għandhom jsir użu aktar effettiv tal-strutturi u r-riżorsi eżistenti. Dan il-punt ta' tluq huwa ta' min ifaħħru, iżda l-KtR jixtieq jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li dan ma għandux iservi ta' skuża biex ma jintgħażlux il-prijoritajiet mill-ġdid u ma jsirux l-isforzi meħtieġa. Għal din ir-raġuni hemm b'żonn kbir ta' sens ta' tmexxija u ċertezza fil-ġarr tar-responsabbiltà;

24. jemmen li għalkemm l-approċċ li ttieħed huwa li mhux meħtieġ li jinħolqu strutturi u organizzazzjonijiet ġodda, jinħtieġu pjattaformi u fora ġodda fejn jiġu diskussi t-fassil u l-implimentazzjoni tal-Istrateġija u fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet marbuta;

25. jipproponi li l-Kunsill jistabbilixxi l-oġġettivi u l-attivitajiet b'rabta mal-istrateġija u jieħu deċiżjonijiet dwarhom. Id-deċiżjonijiet kollha għandhom jithejju minn grupp ta' ħidma mmexxi mill-Kummissjoni Ewropea u bil-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti tal-gvernijiet tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku, il-Kummissjoni Ewropea, MPE u rappreżentanti tal-livell lokali u reġjonali, magħżula wkoll mill-membri tal-Kumitat tar-Reġjuni;

26. jissuġġerixxi li din il-ħidma tiġi appoġġjata mill-Forum dwar il-Baħar Baltiku li jiltaq' darba fis-sena. Il-forum ikun jiġbor taħt saqaf wieħed firxa wiesgħa ta' atturi interessati, magħżula skont l-istess prinċipji applikati għall-konferenza għall-atturi interessati li saret b'rabta mat-tfassil tal-Istrateġija tal-Baħar Baltiku, sabiex jiddiskutu l-mira tal-istrateġija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni. Fil-laqgħa annwali tal-forum jiġi ppreżentat rapport ta' segwitu flimkien mar-riżultati bbażati fuq indikaturi reġjonali u eżempji. Fejn meħtieġ, il-korpi rilevanti jirrapportaw dwar oqsma ta' politika speċifiċi. Pereżempju, fil-kamp ambjentali l-Kummissjoni ta' Helsinki, HELCOM, tkun tieħu ħsieb ir-rapport. F'dak il-forum ikunu rrapreżentati wkoll ir-Russja u n-Norveġja;

27. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun irrappreżentat fil-Forum dwar il-Baħar Baltiku. Il-grupp interreġjonali eżistenti tal-KtR dwar il-politika għall-Baħar Baltiku jkopri l-istrateġija tal-Baħar Baltiku b'mod sodisfaċenti u jkompli għaddej bil-ħidma tiegħu;

28. jenfasizza li anke jekk l-Istrateġija tal-Baħar Baltiku hija strateġija għall-Istati Membri tal-UE li jinsabu fir-reġjun, ir-Russja ser taqdi rwol importanti fl-implimentazzjoni tal-biċċa l-kbira tal-oqsma ta' politika rilevanti. Għaldaqstant, dwar ċerti kwistjonijiet speċifiċi marbutin mal-istrateġija, għandu jsir djalogu mar-Russja, ibbażat fuq relazzjonijiet ugwali, biex jikkumplementa d-djalogu formali globali fi ħdan id-Dimensjoni tat-Tramuntana;

29. jemmen li f'kull pajjiż kopert mill-Istrateġija tal-Baħar Baltiku għandu jinħatar rappreżentant ewlieni tal-gvern li jkollu r-responsabbiltà speċifika għall-implimentazzjoni tal-istrateġija. Din il-persuna tista' sservi wkoll ta' intermedjarju. Jekk hu possibbli dan il-mudell għandu jimxi fuq dak li mill-2005 'il quddiem għie applikat għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Liżbona;

30. huwa tal-fehma wkoll li daww il-proġetti li jagħmlu parti mill-Istrateġija tal-Baħar Baltiku għandhom jitwettqu fi ħdan l-istrutturi eżistenti tal-Fondi Strutturali. Fir-rigward tal-kriterji għas-sussidji għandhom jitqiesu l-prijoritajiet tal-Istrateġija tal-Baħar Baltiku u l-korp għat-tehdid tad-deċiżjonijiet għandu jieħu ħsieb il-kontroll tar-riżultati. Responsabbiltà minnhom tkun il-promozzjoni ta' proġetti primarji ("flagship projects") bil-għan li jenfasizzaw il-perspettiva tal-Baħar Baltiku fikwistjonijiet li huma ta' importanza partikolari għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-Istrateġija. Barra minn hekk dawn għandhom ikollhom viżibbiltà għolja u jirreflettu l-mira li r-reġjun tal-Baltiku jsir reġjun eżemplari;

31. jemmen li peress li l-proġetti ser jaqdu rwol importanti għall-implimentazzjoni, dan ser jirriżulta fi hteieġa għal tagħlim effettiv, immirat lejn ir-riżultati għal daww li jippromovu l-proġetti u l-atturi involuti, ibbażat fuq l-esperjenza li tkun inkisbet minn proġetti mwettqa b'suċċess. Dan jista' jsir, pereżempju, bħall-pjan ta' tagħlim ifformulat fi ħdan l-istrateġija nazzjonali Żvediża għall-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali 2007-2013;

32. jirakkomanda li l-organizzazzjonijiet imsieħba eżistenti fir-reġjun tal-Baħar Baltiku jingħataw rwol speċjali billi, pereżempju, jieħdu sehem fil-Forum dwar il-Baħar Baltiku. L-organizzazzjonijiet jagħtu stampa ċara tal-koperazzjoni li nbni fir-reġjun fi żmien kważi 20 sena. Fi ħdan l-organizzazzjonijiet hemm ħafna eżempji siewja ta' kif pajjiżi fir-reġjun tal-Baħar Baltiku jistgħu jagħtu sehem kostruttiv u ta' suċċess għall-ħidma f'din iż-żona;

33. jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li l-koperazzjoni fir-reġjun tal-Baħar Baltiku tidher ukoll fl-għadd kbir ta' gemellaġi ta' bliet li saru fir-reġjun. Xi wħud minnhom swew ta' bażi għal koperazzjoni aktar mill-qrib f'attivitajiet fil-livell lokali u reġjonali, oħrajn kienu pjattaforma għal laqgħat bejn nies ġejjin minn partijiet differenti tar-reġjun. Permezz ta' dawn il-laqgħat jistgħu jinbnew pontijiet bejniethom u jissawru qofol ta' għarfien u fehma komuni. Inħolqot perspettiva komuni tal-istorja u l-isfidi u l-problemi li jeżistu;

34. jirakkomanda l-parteċipanti fil-Forum dwar il-Baħar Baltiku jingħataw ir-responsabbiltà li jxerrdu l-għarfien u jgħarrfu liċ-ċittadini dwar l-Istrateġija tal-Baħar Baltiku, peress li mingħajr l-involvement u s-sehem tagħhom ma nistgħux noħolqu l-koxjenza komuni meħtieġa;

Sostenibbiltà ambjentali

35. jenfasizza li l-Istrateġija tal-Baħar Baltiku għandu jkollha bħala punt ta' tluq l-istrateġiji u l-inizjattivi eżistenti li għandhom jitwettqu bis-sħiħ. Dan jgħodd fuq kollox għall-pjan ta' azzjoni għall-Baħar Baltiku tal-HELCOM u d-Direttiva Qafas dwar l-Istrateġija Marittima. Il-pjan ta' azzjoni tal-HELCOM għandu l-mertu li diġà ġie approvat mir-Russja;

36. jemmen li jkun xieraq li l-għan globali jkun żvilupp sostenibbli msejjes fuq it-tliet pilastri tal-Istrateġija ta' Liżbona u l-Aġenda ta' Göteborg — sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali. Barra minn hekk l-Istrateġija għandha tkun imsejsa bis-sħiħ fuq il-fehma li l-iżvilupp sostenibbli mhux logħba li fiha hemm biss min jirbaħ u min jitlef. Jinħtieġ li tinżamm il-perspettiva ġenerali għall-kunċett li l-oqsma differenti ta' politika huma marbuta u flimkien jiffurmaw il-baży għall-iżvilupp sostenibbli;

37. jisħaq li l-fatt li matul dawn l-aħħar snin il-qagħda ekonomika fir-reġjun tal-Baħar Baltiku marret ferm għall-agħar m'għandux iwassal biex jitwarrbu t-temi ambjentali;

38. huwa tal-fehma li l-objettiv tas-sostenibbiltà ambjentali juri b'mod partikolarment ċar l-importanza tal-inklużjoni tar-Russja u tar-reġjun usa' milħuq mill-Baħar Baltiku, jiġifieri anki l-Belarus u l-Ukrajna, fl-Istrateġija għall-Baħar Baltiku. Hawnhekk biżżejjed insemmu kwistjonijiet marbuta mat-trattament tal-ilma, it-trasport, l-użu tal-enerġija, ma' Kaliningrad u San Pietruburgu;

39. jissuġġerixxi li waħda mill-miri ambjentali għandha tkun li r-reġjun tal-Baħar Baltiku jsir mudell tal-aħjar Prattika fil-qasam tas-sostenibbiltà ambjentali;

40. jemmen li problema partikolari tal-Baħar Baltiku hija li huwa baħar baxx b'kuntatt limitat mal-oċean. L-ilma tiegħu huwa relattivament kiesaħ, li jfisser li s-sustanzi kimiċi jdumu ma jiddekomponu. Anki l-bijodiversità hija limitata minħabba l-ilma salmastru u l-klima kiesħa. Biex l-ilma jinbidel jeħtieġ tul ta' żmien. Dan kollu jfisser li jrid jgħaddi ħafna żmien sakemm jonqos l-ammont ta' sustanzi kimiċi jew biex l-ilma jaddatta ruħu għal ammont żejjed ta' fertilizzanti;

41. jiġbed l-attenzjoni għall-hteieġa ta' ppjanar tal-ispazju għar-reġjuni kostali, b'konformità mal-proposti tas-sitt organizzazzjonijiet u netwerks tar-reġjun tal-Baħar Baltiku (BSSC, B7 in-Netwerk tal-gżejjer Baltiċi, l-Ewroreġjun Baltiku, il-Forum dwar l-Iżvilupp tal-Baltiku, il-Kumitat għall-Baħar Baltiku tas-CPMR, l-Unjoni tal-Bliet Baltiċi (UBC)). Dan għandu jinbena fuq il-ħiliet ta' ppjanar li jeżistu u billi jiġi mħares bis-sħiħ il-prinċipju tas-sussidjarjetà;

42. jemmen li jridu jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra billi jitnużaw enerġiji li jiġġeddu u li jirrispettaw l-ambjent permezz tat-trattament effettiv tal-emissjonijiet. L-emissjonijiet mit-trasport bl-art, bil-baħar u bl-ajru jridu jitnaqqsu għal livell ta' sostenibbiltà aċċettabbli;

43. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li waħda mill-aktar problemi serji fir-reġjun tal-Baħar Baltiku hija l-fertilizzazzjoni żejda. L-għan tal-pjan ta' azzjoni tal-HELCOM huwa li l-Baħar Baltiku jilħaq status ambjentali tajjeb sal-2021. Din hija mira ambizzjuża f'dak li għandu x'jaqsam ma' fertilizzazzjoni żejda. Fil-bidu jkun possibbli li jintlaħqu riżultati importanti bi spiża raġonevoli billi tittieħed azzjoni fuq is-sorsi ewlenin ta' tniġġis. Iżda biż-żmien l-ispiża marġinali għal dawn il-miżuri, flimkien mal-ħtieġa għas-sostenibbiltà, tiżdied;

44. jenfasizza l-ħtieġa li, bħala parti mir-reviżjoni li qed issir bħalissa tal-politika Agrikola Komuni, jiġu identifikati u jitqiesu l-konsegwenzi tal-biedja fuq l-ambjent. Jirrakkomanda wkoll il-projbizzjoni tal-użu tal-fosfati għad-deterġenti. Tali projbizzjoni tinsab diġà fis-seħħ fil-Ġermanja, fl-Iżvezja u fi Stati Membri oħra l-iktar fir-rigward tad-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ. Jeħtieġ li nirvedu d-Direttiva 98/34/KE tat-22 ta' Ġunju 1998 u r-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-31 ta' Marzu 2004 sabiex nipprojbixxu l-użu ta' din is-sustanza fil-livell tal-UE fid-deterġenti kollha, fosthom id-deterġenti industrijali u d-deterġenti li jintużaw fil-magni tal-ħasil. Anki tindif aktar effettiv tal-ilma mormi mill-fosfati jista' jwassal għal riżultati tajbin;

45. jinnota li t-trasport bil-baħar huwa u se jibqa' ta' importanza deċiżiva għall-integrazzjoni ekonomika tar-reġjun Baltiku. Iżda hemm bżonn li jiġi ttrattat l-impatt ambjentali li dejjem qed jikber. Hawnhekk il-pjan ta' azzjoni tal-HELCOM joffri punt ta' tluq tajjeb u hemm għadd ta' miżuri li jistgħu jittieħdu li jkunu wkoll effiċjenti fejn jidħlu spejjeż. Fuq kolloxx hemm bżonn ta' tnaqqis drastiku fl-emissjonijiet ta' dijossidu tal-kubrit u tan-nitroġenu. Fil-konferenza ta' diskussjoni fi Gdansk f'Ottubru li għadda tressqu numru ta' proposti, fosthom, pereżempju, il-projbizzjoni tal-bastimenti li ma jissodisfawx l-istandards attwali tas-sigurtà marittima. Miżura oħra li tista' tittieħed hija l-introduzzjoni ta' skambju tal-kwoti tat-tniġġis għad-dijossidi tal-kubrit u n-nitroġenu għall-bastimenti fuq il-mudell applikat għal attivitajiet fuq l-art. Barra minn hekk, għandu jiġi pprojbit l-użu tar-ramm fiż-żebgħat kontra t-tmermir tal-vapuri u dgħajjes. Għandu jsir aktar faċli għall-bastimenti ankrati f'port li jużaw l-elettriku mill-art;

46. jinnota wkoll li anki t-tindif tal-ilma mormi huwa qas importanti li fih jista' jsir titjib u li fih il-kompetenza tal-awtoritajiet lokali u reġjonali hija ta' importanza ewlenija. Hawnhekk ta' min isemmi l-"Water Users Partnership" li giġbed l-attenzjoni lejha l-Ewroreġion Baltiku fil-kontribut tiegħu għall-konsultazzjonijiet dwar l-Istrateġija tal-Baħar Baltiku li hija mmirata lejha lejn ġestjoni aħjar tar-riżorsi tal-ilma;

47. jenfasizza li l-istokkijiet tal-ħut m'għandhomx jinżammu fil-livell preżenti biss iżda jinbnew mill-ġdid. Il-ġestjoni tal-istokkijiet tal-ħut għandha timxi ma' prinċipji li jirrispettaw l-ekosistema fraġli tal-Baħar Baltiku; f'dan il-kuntest jilqa' l-fatt li l-karatteristiċi speċifiċi tar-riżorsi tas-sajd fil-Baħar Baltiku huma rikonoxxuti fir-Regolament (KE) Nru 2187/2005 tal-21 ta' Diċembru 2005 dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi fil-Baħar Baltiku, fil-Belts u fis-Sound; jiġbed l-attenzjoni l-iktar għall-fatt li dan ir-Regolament ġie adottat wara konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet interessati u sa mill-1 ta' Jannar 2006 issemplifika l-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd fil-Baħar Baltiku b'mod konsiderevoli u permezz tiegħu l-ġestjoni multilaterali tar-riżorsi tas-sajd bejn

l-Istati li jmissu mal-Baħar Baltiku fi ħdan il-Kommissjoni Internazzjonali tas-Sajd fil-Baħar Baltiku setgħet titwarrab u minflokha tidħol il-ġestjoni bilaterali (l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa).

48. ifakkar li għalkemm it-turiżmu li huwa element importanti ta' ekonomija li qed tiffjorixxi fir-reġjun Baltiku, għandu jkun sostenibbli mil-lat ambjentali. Ambjent nadif u mhux mimsus huwa fattur kruċjali li għandu jintuża biex jiġbed it-turisti lejn ir-reġjun, iżda fl-istess ħin it-turiżmu johlqo theddida għall-ambjent u b'hekk ir-reġjun ma jibqax tant attraenti;

Reġjun għani

49. josserva li wara tul ta' żmien ta' żvilupp ekonomiku kbir, ir-reġjun Baltiku issa daħal f'fażi ta' riċessjoni ekonomika. Jeħtieġ li tittieħed azzjoni minnufih, iżda fl-istess ħin m'għandhiex tintesa l-perspettiva strateġika li tirrappreżenta l-bażi tal-Istrateġija tal-Baħar Baltiku. L-iżvilupp ekonomiku huwa fih innifsu marbut mal-bidla, u anki jekk problemi serji jwarrbu l-perspettiva strateġika, xorta jibqa' l-isfidi ġenerali — l-iżvilupp demografiku u l-kompetizzjoni internazzjonali bħala parti mill-globalizzazzjoni;

50. madanakollu jsostni li għandhom jitkomplew l-isforzi għall-implimentazzjoni effettiva u kkordinata tas-suq intern fir-reġjun. Dan huwa fattur importanti għall-prosperità ekonomika tar-reġjun Baltiku. Ġeneralment huma l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju li jintlaqtu minn ostakli għall-kummerċ u diffikultajiet li toħloq il-burokrazija. Hemm periklu li l-interpretazzjonijiet differenti tar-regolamenti joħlqu ostakli reġjonali ġodda għall-kummerċ. Jeħtieġ li fi ħdan l-amministrazzjonijiet u fis-sistemi ġudizzjarji ta' kull pajjiż jitjeb l-għarfien dwar is-suq intern. Huma wkoll importanti l-fora li fihom jista' jkun hemm kordinazzjoni u skambji ta' esperjenza. B'raba ma' dan niġbdu l-attenzjoni għan-netwerk SOLVIT (<http://ec.europa.eu/solvit/>) fejn jistgħu jiġu indirizzati l-problemi fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-suq intern;

51. jenfasizza li l-attività tal-intrapriżi, l-iktar ta' dawk żgħar u ta' daqs medju, hija prerekwiżit għal ekonomija li qed tiffjorixxi fir-reġjun Baltiku. Għalhekk jeħtieġ li jiġu promossi l-ispirtu tan-negozju u l-attività tan-negozji. Għandu jitjeb l-aċċess għal kapital ta' riskju għall-SMEs;

52. jemmen li għandhom isiru sforzi biex jitjeb l-aċċess għal kapital ta' riskju għat-twaqqif tal-intrapriżi, u speċjalment kapital għall-bidu tan-negozju ("seed money"). Barra minn hekk għandhom isiru sforzi biex jissaħħa l-ispirtu tan-negozju, speċjalment fost in-negozjanti ġodda;

53. jinnota li fit-twaqqif ta' intrapriżi ħafna drabi l-prijorità tingħata lill-użu ekonomiku tal-innovazzjoni, mingħajr ma tingħata importanza lil-livell ta' diffikultà teknika tagħhom. Għal din ir-raġuni l-Kunsill tar-Reġjuni jirrakkomanda li fl-Istrateġija tal-Baħar Baltiku jiġu diskussi kwistjonijiet bħall-politika kkordinata tal-clusters, sistemi kkordinati ta' innovazzjoni, programmi ta' innovazzjoni u proġetti flagship. Għandhom jittejjbu l-possibiltajiet għall-atturi li jitolbu fondi għar-riċerka u għall-iżvilupp minn pajjiżi oħra li jinsabu fir-reġjun Baltiku, barra pajjiżhom;

54. jixtieq jiġbed l-attenzjoni li l-attitudnijiet għall-intraprenditorija jiġu fformati minn età żgħira ħafna. Għal din ir-raġuni jeħtieġ li l-introduzzjoni tal-ispirtu tan-negozju u t-tagħlimdwaru jsiru fl-iskejjel, l-universitajiet u l-kulleġġi;

55. jissuġġerixxi li l-pajjiżi inklużi fl-Istrateġija għall-Baħar Baltiku jfasslu programm komuni għall-promozzjoni tat-turiżmu sostenibbli fir-reġjun. F'dan il-kuntest ta' min jisħaq partikolarment dwar il-valur tan-natura u tal-ambjent, kif ukoll il-wirt kulturali u storiku għani tar-reġjun;

56. jiġbed attenzjoni għall-fatt li r-reġjun Baltiku fih riżorsi għanja ta' materja prima, speċjalment minerali u injam. Għandu jitqies it-tfassil ta' strateġija għall-minerali speċifikament għar-reġjun Baltiku billi titqies il-proposta għal Direttiva li tistabbilixxi qafas għall-protezzjoni tal-ħamrija (COM(2006) 232 finali) (ara l-opinjoni tal-KtR CdR 321/2006) li filwaqt li tistabbilixxi l-għanijiet komuni għall-protezzjoni tal-ħamrija, tagħti ammont kbir ta' flessibilità lill-Istati Membri li jagħżlu kif għandhom jilhqqu dawn l-għanijiet (l-obbligu li jiksbu r-riżultati iżda l-flestibilità li jagħżlu l-istrumenti tagħhom). Biex ekonomija tifforixxi huwa importanti li dawn ir-riżorsi ta' materja prima jiġu prodotti u sfruttati b'mod sostenibbli u effiċjenti. Dan iwassal għal talbiet għolja fl-infrastruttura għat-trasport sostenibbli;

57. josserva li l-kwistjonijiet marbuta mal-enerġija huma u ser jibqgħu ta' importanza ewlenija għall-iżvilupp ekonomiku tar-reġjun tal-Baħar Baltiku. F'dan il-kuntest huwa importanti li jsiru sforzi biex tiġi promossa aktar effiċjenza fl-użu tal-enerġija, iżda l-provvista żgura u stabbli ta' riżorsi ta' enerġija u tal-elettriku tibqa' ta' importanza vitali. Għal raġunijiet storiċi l-Istati Baltiċi għadhom magħqudin man-netwerk elettriku tar-Russja. Għandhom jiġu integrati f'network elettriku Nordiku u Ewropew u jsiru parti minn suq tal-enerġija għall-UE u r-reġjun tal-Baħar Baltiku. Dan ser jitlob konnessjonijiet, bidliet għar-regoli u investimenti fl-infrastruttura;

58. jenfasizza li l-moviment ħieles tal-impjegati huwa parti importanti mill-integrazzjoni fir-reġjun Baltiku. L-implimentazzjoni konsistenti tal-moviment ħieles tal-persuni hija importanti;

59. japprova l-pożizzjoni li ħa n-Netwerk tat-Trade Unions tal-Baħar Baltiku (BASTUN) li d-dimensjoni soċjali għandha tiġi inkorporata fl-Istrateġija tal-Baħar Baltiku. L-Istrateġija għandha tintuża biex tiżgura li fir-reġjun ikun hemm swieq ġusti u li jaħdmu tajjeb. Kundizzjonijiet tajba tax-xogħol għandhom jitqiesu bħala aspett importanti tal-kompetittività tar-reġjun. Huma vantaġġ li qed isir dejjem aktar importanti fil-kompetizzjoni għal ħaddiema kwalifikati sew;

60. jisħaq li l-għarfien, u miegħu l-hekk imsejħa "ħames libertà", jiġifieri l-moviment ħieles tal-għarfien, ser jaqdu rwol ewlieni fil-kompetittività u l-iżvilupp ekonomiku tal-gejjeni. Aspett importanti huwa l-mobilità tal-istudenti fir-reġjun tal-Baħar Baltiku. Iżda sal-lum din it-tip ta' mobilità għadha ma tinkludix dan ir-reġjun tassew. Il-persentaġġ ta' żgħażaġħ interessati li jistudjaw fir-reġjun Baltiku huwa żgħir minkejja l-importanza ta' dan il-fattur għal integrazzjoni ekonomika aktar sħiħa. Jidher li ma jitqiesx bħala fattur ta' suċċess għall-karriera li wieħed jagħmel l-istudji tiegħu

fir-reġjun Baltiku. Punt importanti għall-Istrateġija tal-Baħar Baltiku hija l-analiżi meħtieġa tar-raġunijiet li jwasslu għal dan, u x'jista' jsir biex l-istudji f'pajjiż ieħor tal-Baltiku jitqiesu bħala alternattiva aktar attraenti. Hawnhekk jidħlu l-kwalità tal-istudji u x'aktarx anki l-għarfien tal-lingwi;

61. jemmen li l-mobilità tar-riċerkaturi u tar-riżultati tar-riċerka hija fattur importanti għas-suċċess tal-iżvilupp fir-reġjun Baltiku. Sabiex tiġi promossa l-mobilità tar-riċerkaturi, jeħtieġ li jkun hemm proġetti interessanti kif ukoll fondi. Trid tiġi żviluppata l-koperazzjoni bejn id-diversi atturi interessati, mhux biss bejn l-universitajiet u l-kulleġġi, iżda wkoll bejn id-dinja akkademika, in-negozju u s-settur pubbliku fi ħdan qafas ta' mudell magħmul minn tliet partijiet integrati (triple helixmodels);

Reġjun aċċessibbli u attraenti

62. huwa tal-fehma li biex ir-reġjun Baltiku jsir reġjun aċċessibbli u attraenti, l-isforzi għandhom jikkunsidraw li dan jinvolvi kemm l-infrastruttura fiżika, pereżempju s-sistema tat-trasport, kif ukoll infrastruttura bbażata fuq l-għarfien għat-trażmissjoni tal-għarfien, tal-informazzjoni, tas-servizzi, fost l-oħrajn. Barra minn hekk, jirrigwarda b'mod partikolari r-rabta mill-qrib tal-istrutturi u s-sistemi nazzjonali biex jinholq network reġjonali. Illum il-ġurnata għadha mxerrda t-tendenza, li l-ippjanar tal-infrastruttura jieqaf fil-fruntiera. L-għan hawnhekk irid ikun il-ħolqien ta' reġjun tal-Baħar Baltiku integrat, li jimplika li l-perspettiva tal-Lvant-Punent tittieħed bis-serjetà daqs il-perspettiva tat-Tramuntana-Nofsinhar. Il-kuritur tat-trasport Lvant-Punent joħloq ukoll opportunità għas-swieq li jinsabu fil-Lvant u x-Xlokk tar-reġjun tal-Baħar Baltiku;

63. jiġbed attenzjoni għall-fatt li strutturalment ir-reġjun Baltiku huwa kkaratterizzat minn żbilanċ kbir bejn iż-żoni fit-Tramuntana li huma popolati minn ftit nies u dawk fin-Nofsinhar fejn il-popolazzjoni hija iktar densa. Id-distanzi bejn iċ-ċentri popolati fit-Tramuntana huma kbar, u n-netwerk tat-trasport mhuwiex daqstant tajjeb. Il-konnettività tal-pajjiżi Baltiċi u ta' ħafna mir-reġjuni fit-Tramuntana maż-żoni ewlenin tar-reġjun tal-Baħar Baltiku għandha tissaħħaħ u ssir parti min-Netwerk trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T). Jeħtieġ b'mod immedjat li tittejjeb il-kapaċità ferrovjarja;

64. jemmen li biex tiġi promossa l-integrazzjoni, il-flussi tat-traffiku transkonfinali għandhom jiġu sinkronizzati flimkien b'mod iktar tajjeb milli kienu sinkronizzati s'issa. Pereżempju wieħed jista' jantiċipa fluss aħjar tat-traffiku jekk it-trasport bil-ferrovija jitqies minn lat iktar komprensiv u d-direttivi stabbiliti tal-UE dwar it-trasport bil-ferrovija jkun kkoordinati aħjar;

65. josserva li waħda mill-karatteristiċi tas-sistema reġjonali tat-trasport fir-reġjun Baltiku hija li l-mezzi ta' trasport kollha huma importanti indaqs. It-trasport isir kemm fuq l-art u bil-baħar, pereżempju t-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija u permezz ta' rotot qosra bil-baħar, iżda wkoll bl-ajru. Għalhekk huwa kruċjali li jitfasslu kurituri tat-trasport b'mod li jkun jista' jkun hemm tranżazzjoni organizzara bejn il-mezzi differenti ta' trasport, fi kliem ieħor l-intermodalità. Dan jippreżenta sfidi loġistiċi kbar, u l-aspett ta' sostenibilità mhuwiex inqas importanti;

66. jenfasizza li biċċa xogħol importanti ser tkun li jsir użu aħjar tas-sistemi eżistenti. Għandhom jinstabu u jitneħħew il-postijiet fejn jista' jinġema' t-traffiku. Sistemi transnazzjonali, nazzjonali, reġjonali u lokali tat-trasport għandhom jintrabtu ma' xulxin f'network;

67. huwa tal-fehma li l-partijiet transkonfinali tat-TEN-T għandhom jiġu żviluppati mill-iktar fis, filwaqt li wieħed għandu dejjem iżomm f'moħħu t-titjib tal-modalità kif ukoll il-koperazzjoni fi ħdan networks loġistiċi kompetittivi;

68. jenfasizza wkoll li anke jekk it-traffiku fuq l-art u l-baħar huwa s-sinsla tal-ġarr tal-merkanzija u sa ċertu punt anke tal-ġarr tal-persuni, l-importanza tat-trasport bl-ajru għall-mobilità tal-persuni fir-reġjun m'għandhiex tintesa. Li huwa żgur hu li l-infrastruttura tal-avjazzjoni għandha tiġi żviluppata iktar, mhux l-inqas fl-ajruporti reġjonali;

69. ifakkar x'importanza għandu l-pont li jgħaddi minn fuq l-Istrett ta' Oresund, bħala investiment infrastrutturali għall-ħajja ekonomika tar-reġjun u biex titneħħa l-konġestjoni potenzjali tat-traffiku. Barra minn hekk, jekk jinbena pont li jgħaddi minn fuq Fehmarn ikun ta' importanza kbira u din l-idea għandha tiqies immedjatament;

70. jemmen li barra minn investiment fl-infrastruttura fiżika għandu jiġi promoss l-iżvilupp ta' infrastruttura msejsa fuq l-għarfien li tkun integrata u taħdem tajjeb, jiġifieri t-teknoloġiji tal-informazzjoni u komunikazzjoni għandhom isiru prijorità. Investiment ta' dan it-tip ser ikun ta' importanza partikolari għall-kompetittività u l-iżvilupp tal-gejjenji u hemm bżonn li jkun hemm investiment kemm fis-software kif ukoll fil-hardware. L-iżvilupp usa' tan-networks tal-broadband fir-reġjun, li jista' jservi bħala proġett mudell tax-xorta tiegħu, jaqa' ma' din l-aħħar kategorija. Għandu jkun hemm sorveljanza reġjonali, biex jiġu żgurati t-trasparenza u l-kordinazzjoni. In-newtralità ta' min jipprovi s-servizz hija importanti, għax b'hekk l-iżvilupp tal-broadbands ma jkunx marbut ma' min jipprovi s-servizz, u ma jwassalx għal monopolju lokali jew reġjonali. L-"infrastruttura f'forma ta' servizzi" tikkonsisti pereżempju fi standards komuni, bħall-identifikazzjoni elettronika fiż-żona Baltika kollha. Dan huwa meħtieġ għall-kummerċ f'servizzi bbażati fuq l-IT;

Reġjun sikur

71. ifakkar li l-Baħar Baltiku huwa u ser jibqa' wieħed mill-iktar ibħra navigati fid-dinja. Bħalissa f'dan il-baħar jinnavigaw iktar minn 2 000 bastiment kuljum. Anke jekk ir-reċessjoni ekonomika tħalli l-marka tagħha hawnhekk, in-navigazzjoni tal-vapuri ser tibqa' tmur għall-aħjar. Barra minn hekk, il-Baħar Baltiku, independentament mill-ilmijiet territorjali tar-Russja, ġie identifikat mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) tan-Nazzjonijiet Uniti bħala żona ta' baħar partikolarment sensittiva (Particularly Sensitive Sea Area — PSSA), u dan joffri l-opportunità li jittieħdu miżuri ta' protezzjoni marbuta man-navigazzjoni fil-Baħar Baltiku;

72. jiġbed attenzjoni għall-fatt li l-kwantità ikbar ser titlob dejjem aktar li ssir thejġija u kapaċità li tittieħed azzjoni komuni. Il-mistoqsija kontroversjali mhijjex jekk iżda meta se jseħħ inċident aktar serju fil-Baħar Baltiku. F'każ li jiġri dan l-effetti

jinħassu lil hinn mill-fruntiera, u għalhekk tinbet il-ħtieġa għal thejġija u kapaċità għal azzjoni transkonfinali;

73. jappoġġja miżuri ta' preparazzjoni kkordinati u struttura kkordinata biex tittieħed azzjoni effettiva. Il-perspettivi lokali u reġjonali għandhom ikunu integrati mill-bidu nett. Il-KtR jirrakkomanda li tiġi implimentata l-"Baltic Master Project Action Plan" permezz ta' ppjanar preventiv ta' preparazzjoni, l-iżvilupp u t-titjib tal-ippjanar għaż-żoni kostali fir-reġjun sħiħ tal-Baħar Baltiku, kif ukoll sorveljanza aħjar tal-movimenti tal-bastimenti fil-Baħar Baltiku; f'dan il-kuntest jixtieq jiġbed l-attenzjoni għar-Regolament dwar it-tankers taż-żejt b'buq wieħed (1) u jilqa' l-adozzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Marzu 2009 tat-tielet pakkett leġislativ dwar is-sigurtà marittima — il-pakkett Erika III. Il-pakkett, li ser jidħol fis-seħħ sal-2012, ma jkoprix biss il-kumpens tal-passiġġieri iżda ukoll l-ispezzjonijiet u jgħammar lill-bastimenti tas-sajd b'sistema awtomatika ta' identifikazzjoni u traċċar (AIS), sistema ta' kontroll fil-portijiet, assigurazzjoni, investigazzjonijiet tal-inċidenti u l-għażla tal-awtorità li tiddeċiedi dwar il-post ta' refuġju fejn jista' jiddaħħlu l-bastimenti li jiltaqgħu mal-problemi; madanakollu l-Kumitat jenfasizza l-bżonn li l-kapaċità tal-monitoraġġ tat-trasport li teżisti fil-Golf tal-Finlandja tiġi estiża sabiex tkopri wkoll il-Baħar Baltiku. Barra minn hekk nipproponu li jiġi stabbilit mekkaniżmu konġunt tal-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli.

74. jenfasizza li aspekk importanti li jeħtieġ iktar attenzjoni fil-qafas tal-Istrateġija tal-Baħar Baltiku huwa l-kwistjoni tas-saħħa pubblika. Jistgħu jinħolqu problemi minħabba l-migrazzjoni taż-żgħażaġħ lejn il-bliet bħala parti mit-trasformazzjoni mgħaġġla ekonomika. Id-diskrepanza kbira bejn is-sezzjonijiet tal-popolazzjoni, fejn jista' anke jiżdied il-faqar, pereżempju fejn jidħlu t-ftal, hija u tibqa' problema soċjali kbira. Problemi oħra, li għandhom jiġu kkordinati u ttrattati fuq livell reġjonali, huma l-emarġinazzjoni, li twassal għal abbuż mill-alkoħol u d-droga, u l-problemi tas-saħħa li jirriżultaw mill-istil ta' ħajja;

75. jemmen li huwa importanti li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa flimkien mal-pajjiżi tar-reġjun Baltiku li jmissu mal-UE. Fir-Russja, il-Belarus u l-Ukraina hemm problemi mifruxa relatati mal-qasam tas-saħħa pubblika. Punt ta' tluq importanti f'dan il-każ għandu jkun id-dimensjoni tat-Tramuntana u l-pjattaforma rilevanti tagħha, in-"Northern Dimension Partnership in Public Health and Social Well-being" (NDPHS). Din is-sħubija għandha tkun punt ta' tluq importanti u għandha tingħata aktar importanza;

76. jenfasizza li l-ewwel prijorità tal-NDPHS għandha tkun il-kontroll tat-tixrid ta' mard infettiv. Taħt din il-kategorija jaqa' mard bħal pereżempju l-HIV/AIDS u t-tuberkolożi u l-problema ta' mikroorganiżmi li huma reżistenti għall-antibijotiċi. Barra minn hekk, prijorità oħra għandha tkun it-titjib tal-benessri soċjali;

(1) Regolament (KE) Nru 417/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2002 dwar id-dħul gradwali aċċellerat ta' ħtiġiet ta' buq doppju jew ta' disinn ekwivalenti għal tankers taż-żejt b'buq wieħed.

77. ifakkar li l-kriminalità organizzata hija waħda mit-theddidiet kbar għas-sigurtà fir-reġjun Baltiku. Organizzazzjonijiet kriminali qed isiru dejjem iktar irfinati fil-mezzi li jużaw u transkonfinali. L-istati li jmissu mal-Baħar Baltiku għandhom għalhekk jikkoperaw flimkien fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-kuntrabandu tad-drogi u t-traffikar tal-persuni fir-reġjun. Għandha tingħbed l-attenzjoni għal dan fl-Istrateġija tal-Baħar Baltiku. Diġà hemm koperazzjoni reġjonali bejn il-pulizija b'konformità mat-"Task Force on Organised Crime in the Baltic Sea Region" (BSTF). In-Norveġja, l-Iżlanda u r-Russja kif ukoll il-Europol u l-Interpol huma msieħba f'din il-koperazzjoni. Din

il-koperazzjoni għandha tissaħħaħ b'konformità mal-Istrateġija tal-Baħar Baltiku bħala estensjoni tal-koperazzjoni fi ħdan l-UE.

78. jenfasizza l-ħtieġa li tiġi mħarsa infrastruttura kritika, jiġifieri mekkaniżmi jew sistemi li huma meħtieġa biex ikunu żgurati funzjonijiet soċjali ċentrali, il-kura medika, is-sigurtà u l-benessri ekonomika jew soċjali taċ-ċittadini. It-twaqqif jew it-tneħħija ta' dawn il-mekkaniżmi jista' jkollu konsegwenzi serji. It-trasport, il-provvista tal-enerġija u l-iskambju tal-informazzjoni huma eżempji ta' attivitajiet ċentrali, li huma meħtieġa għal infrastruttura li tiffunzjona.

Brussell, it-22 ta' April 2009.

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Luc VAN DEN BRANDE

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fis-sħubija tal-lvant

(2009/C 200/07)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

- jisħaq fuq ir-rwol tal-awtoritajiet reġjonali u lokali fil-qafas tal-PEV rigward is-Sħubija tal-Lvant. Huwa ser jiffoka b'mod partikolari fuq il-kontribut tagħhom għall-iżvilupp territorjali, it-titjib fir-relazzjonijiet ekonomiċi, l-iżvilupp tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, il-faċilità tal-mobilità u l-appoġġ tagħhom għat-twaqqif ta' kuntatti reċiproċi;
- beħsiebu jiżviluppa forom ta' kooperazzjoni iktar mill-qrib mal-pajjiżi involuti fis-Sħubija tal-Lvant. Il-ħolqien ta' *Assemblea Lokali u Reġjonali tal-Ewropa tal-Lvant u l-Kawkażu tan-Nofsinhar* bħala l-pjattaforma istituzzjonali għad-djalogu regolari u l-kooperazzjoni jista' jkun għan fil-perijodu l-qasir għal kooperazzjoni formali wara li jkun għew żviluppati forom konkreti u tanġibbli ta' kooperazzjoni;
- iħeġġeġ bis-sħiħ lill-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex flimkien mal-gvernijiet ċentrali jipparteċipaw sa mill-ewwel fażi fit-tfassil ta' ftehim ta' assoċjazzjoni, ta' dokumenti strateġiċi u ta' pjanijiet ta' azzjoni bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi msieħba tas-Sħubija tal-Lvant, u b'mod partikolari fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, rigward it-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-Programmi Indikattivi Nazzjonali;
- iħeġġeġ il-promozzjoni ta' rabtiet iktar stretti bejn l-awtoritajiet reġjonali u lokali tal-UE u l-kontropartijiet tagħhom fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant bis-saħħa tal-pjattaformi istituzzjonali Ewropej eżistenti għad-djalogu politiku regolari u permezz ta' proġetti konġunti konkreti bil-għan li tinstab triq komuni għat-twaqqif potenzjali futur ta' *Assemblea Lokali u Reġjonali għall-Ewropa tal-Lvant u l-Kawkażu tan-Nofsinhar*.

Rapporteur ġenerali: is-Sur István Sértő-Radics (HU/ALDE) Sindku ta' Uszka

Dokumenti ta' Referenza

Talba ta' konsultazzjoni mill-Presidenza Ċeka tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar "Ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġionali fis-Sħubija tal-Lvant" u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar "Is-Sħubija tal-Lvant",

COM(2008) 823 finali

I. KUMMENTI ĠENERALI

IL-KUMMITAT TAR-REĠJUNI

1. jenfasizza l-importanza tal-iżvilupp il-ġdid tas-Sħubija tal-Lvant (SLV) fi ħdan il-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV). Id-differenzi bejn il-pajjiżi tal-PEV u l-aħħar żviluppi politiċi tagħhom, id-diskrepanza bejn l-istennijiet u d-dibattitu dwar il-proċess tat-Tkabbir, ir-relazzjoni strateġika tal-UE mar-Russja u t-talba għat-twaqqif ta' Dimensjoni tal-Lvant id fid mal-Proċess ta' Barcellona: l-Unjoni għall-Mediterran, wasslu għas-Sħubija tal-Lvant wara li saret proposta mill-Iżvediżi u l-Pollakki. Il-pajjiżi tal-PEV li għandhom jiġu kkunsidrati fl-iżvilupp tas-Sħubija tal-Lvant huma l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Belarus, il-Ġeorġja, il-Moldova u l-Ukraina. Bl-eċċezzjoni tal-Belarus, dawn il-pajjiżi huma membri tal-Kunsill tal-Ewropa. Il-Kummissjoni Ewropea (KE) ħejjiet abbozz ta' proposta, li ser jiġi deċiż fis-Summit tas-Sħubija tal-Lvant fir-Rebbiegħa tal-2009. Ser ikun kruċjali li s-Sħubija tal-Lvant ittejjeb il-kooperazzjoni transkonfinali jew interreġionali u t-tisħiħ istituzzjonali, fejn l-awtoritajiet lokali u reġionali jistgħu jaqdu dmirhom fit-tisħiħ tar-relazzjonijiet u l-promozzjoni tal-integrazzjoni Ewropea, sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet tal-PEV attwali;

2. jisħaq fuq ir-rwol tal-awtoritajiet reġionali u lokali fil-qafas tal-PEV rigward is-Sħubija tal-Lvant. Huwa ser jiffoka b'mod partikolari fuq il-kontribut tagħhom għall-iżvilupp territorjali, it-titjib fir-relazzjonijiet ekonomiċi, l-iżvilupp tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, il-faċilità tal-mobilità u l-appoġġ tagħhom għat-twaqqif ta' kuntatti reċiproċi;

3. jilqa' s-suċċess li kellhom ċerti miżuri u inizjattivi u l-fatt li l-PEV tibni fuq il-Ftehimiet ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK) eżistenti, li għadhom iservu bħala l-bażi legali għar-relazzjonijiet. Huwa f'dan il-qafas li qed jiġu adottati Pjanijiet ta' Azzjoni tal-PEV bejn l-UE u l-pajjiż imsieħeb u b'hekk qed tiġi stabbilita l-aġenda għar-riformi politiċi u ekonomiċi. Fost l-inċentivi offruti għall-progress fir-riforma nsibu: iktar integrazzjoni fil-programmi u n-netwerks Ewropej, iktar għajnuna u aċċess għas-swieq imtejjeb. Filwaqt li d-divrenzar, is-sjieda u l-integrazzjoni reġionali huma prinċipji ewlenin tal-PEV, din tkopri firxa wiesgħa ta' pajjiżi b'diversi problemi u hemm bżonn approċċ iktar immirat;

4. jaqbel mat-talba tal-proposta għal iktar profondità fil-kooperazzjoni bilaterali eżistenti bis-saħħa tal-ħelsien mill-visa, żona ta' kummerċ ħieles, appoġġ imsaħħaħ għar-riformi settorjali, kuntatti personali intensifikati, Pjanijiet ta' Azzjoni ġodda li jkollhom benchmarks ċari u rabta mal-konformità mal-istandards Ewropej, u ftehimiet sussegwenti b'saħħithom għall-Ftehimiet ta' Sħubija u Kooperazzjoni. Barra minn hekk, il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea se jkollha għal tisħiħ fil-kooperazzjoni multilaterali, li tkun komplementari għad-Dimensjoni tat-Tramuntana u s-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed u li tkun orjentata lejn il-proġetti. Bħala oqsma ta' prijorità għall-kooperazzjoni l-proposta tidentifika l-politika, is-sigurtà, il-moviment fil-fruntieri u transkonfinali, l-ekonomija u l-finanzi, l-ambjent u s-soċjetà;

5. jaqbel ukoll mal-proposta tal-Kummissjoni Ewropea, li tbassar integrazzjoni ekonomika iktar profonda bis-saħħa ta' żoni ta' kummerċ ħieles komprensivi skont is-sħubija tad-WTO tal-pajjiżi msieħba, żieda fil-mobilità permezz tal-faċilitazzjoni tal-visa u l-ġestjoni tal-fruntieri; is-sigurtà tal-enerġija permezz tar-rikonossiment tal-interdipendenza tal-enerġija; l-appoġġ għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali bis-saħħa tal-programmi reġionali u transnazzjonali. Sabiex tiġi promossa l-kooperazzjoni multilaterali, is-Sħubija tal-Lvant ser tippovdi forum għall-iskambju tal-informazzjoni, toħloq attivitajiet konġunti u tak-kumpanja l-proċess ta' modernizzazzjoni. Il-kooperazzjoni multilaterali hija pjanata fil-livell ta' kap tal-gvern u dak ministerjali kif ukoll permezz ta' pjattaformi tematiki biex jiġu stabbiliti l-objettivi u jiġi evalwat il-progress. Hemm pjattaformi pjanati għad-demokrazija, il-gvernanza u l-istabbiltà; is-sigurtà ekonomika; is-sigurtà tal-enerġija; il-kuntatti personali bejn in-nies;

6. mingħajr preġudizzju għar-regola definita meta ġiet adottata l-perspettiva finanzjarja, fejn żewġ terzi tal-baġit tal-PEV għandhom ikunu allokatu għan-nofsinar u terz għal-lvant, il-Kummitat jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea biex l-allokazzjonijiet jiżdiedu minn EUR 450 miljun fl-2008 għal EUR 785 miljun fl-2013. Dan ifisser żieda ta' EUR 350 miljun u allokazzjoni mill-ġdid ta' EUR 250 miljun mill-allokazzjonijiet għall-programmi reġionali tal-PEV 2007-2013. It-tnedija tal-Inizjattiva tas-Sħubija tal-Lvant hija pjanata għar-Rebbiegħa tal-2009 matul Summit speċjali tas-Sħubija tal-Lvant. Sa dak inhar ikunu għadhom fis-seħħ il-PEV l-antika u l-Istrument tagħha;

7. jinnota li l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI), li jinkludi wkoll lir-Russja, huwa mfassal biex ikun iktar flessibbli u mmexxi mill-politika u biex jimmira lejn l-iżvilupp sostenibbli u l-approssimazzjoni mal-politiki u l-istandards tal-UE. Għall-perijodu baġitari 2007-2013 ġew allokati madwar EUR 12-il biljun. Din is-somma tirrappreżenta żieda fil-fondi ta' 32 %. Madankollu, 62 % ta' dawn il-fondi huma identifikati għall-ġirien tan-nofsinar u hemm biss 38 % allokati għall-ġirien tal-Lvant. Id-differenza hija inqas kbira fuq livell *per capita*, iżda ma tirrappreżentax l-isforzi favur it-tisħiħ tad-Dimensjoni tal-Lvant;

8. jinnota wkoll li l-programmi nazzjonali tal-ENPI huma żviluppjati fil-Karti ta' Strateġija tal-Pajjiżi (Country Strategy Papers — CSP) u l-fondi jiġu allokati skont il-Programmi Indikattivi Nazzjonali (National Indicative Programmes — NIPs). Il-Karti ta' Strateġija tal-Pajjiżi jelenkaw bejn tlieta u erba' prijoritajiet għal kull pajjiż imsieħeb; madankollu, kollha jinkludu referenza għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet amministrattivi u gvernanza tajba. Għall-pajjiżi kollha msieħba l-gvern lokali u reġjonali għandu jkollha bħala sottokategorija għall-prijorità tal-Istat tad-Dritt fil-Programmi Indikattivi Nazzjonali. Aspett ieħor li jtaffi kemm jista' jkun l-effetti tal-PEV fuq l-awtoritajiet lokali u reġjonali huwa li s-CSP u l-Programmi Indikattivi Nazzjonali jelenkaw il-kuntatti bejn in-nies iżda dawn jinsabu kważi esklużivament fil-livell tal-edukazzjoni u tar-riċerka. Kif intwera fil-programmi tal-Kooperazzjoni Transkonfinali, il-gvern lokali u reġjonali jista' jaqdi rwol f'dan il-qasam u għandu jiġi rikonoxxut ta' dan;

9. jinnota wkoll li fil-Karta ta' Strateġija tal-ENPI dwar il-Kooperazzjoni Transkonfinali 2007-2013, il-KE tidentifika erba' oqsma ta' kooperazzjoni: l-iżvilupp ekonomiku u soċjali; l-isfidi komuni fl-oqsma tal-ambjent, is-saħħa pubblika u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata; il-ġestjoni tal-fruntieri; u l-kuntatti bejn in-nies. Għandha tkun meħtieġa parteċipazzjoni qawwija min-naħa tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u dan jitlob ukoll kooperazzjoni fuq skala żgħira, appoġġ imtejjeb għall-miżuri tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-awtoritajiet lokali u reġjonali u li tingħata prijorità lil azzjonijiet għat-titjib fil-kwalità tal-ħajja fiż-żoni madwar il-fruntieri;

10. josserva li bosta sfidi li jiffaċċjaw il-pajjiżi tar-reġjun, bħall-iżvilupp ta' passaġġi transnazzjonali, il-ġestjoni ta' kwistjonijiet ambjentali, il-ġestjoni tal-fruntiera, il-migrazzjoni transkonfinali, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata transnazzjonali u l-attivitajiet bejn in-nies (people-to-people), għandhom karattru inerenti transkonfinali u ġieli jistgħu jiġu indirizzati b'mod effiċjenti biss permezz ta' sforz ta' kooperazzjoni sottonazzjonali. Għaldaqstant, fir-rigward tal-Karta tal-ENPI tal-UE dwar l-Istrateġija Reġjonali tal-Lvant 2007-2013, il-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi msieħba kif ukoll bejn il-KE u l-pajjiżi msieħba għandha tkun ta' għajjnuna biex jinkisbu l-oġġettivi ta' żona komuni tal-PEV fejn ikun hemm vantaġġ ċar bl-għajjnuna mil-livell sottonazzjonali.

11. huwa konvint li l-inizjattivi miż-żewġ naħat tal-UE u l-imsieħba tas-Sħubija tal-Lvant li jiffokaw esklużivament fuq approċċ diplomatiku mhux ser isibu soluzzjoni sostenibbli sakemm id-demokrazija lokali ma titqiegħedx fil-qalba tad-dibattitu, kemm f'termini tat-tisħiħ tagħha kif ukoll tal-kooperazzjoni diretta bejn ir-reġjuni u l-bliet fiż-żewġ naħat tal-UE u s-Sħubija tal-Lvant;

12. b'din l-attitudni, jilqa' l-fatt li r-rwol tal-programm interreġjonali huwa wieħed li jappoġġja l-implimentazzjoni effettiva tal-PEV u jimmira li gradwalment jissaħħaħ id-djalogu u l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-ġirien tagħha kif ukoll bejn il-ġirien stess skont il-Karta ta' Strateġija tal-ENPI dwar il-Programm Interreġjonali 2007-2013. Il-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-atturi lokali ser tinkludi skambju ta' esperjenza dwar il-programmi tal-PEV u għandha l-għan li ssaħħaħ il-gvernanza demokratika u l-iżvilupp reġjonali u lokali sostenibbli. Hemm enfasi kbira fuq l-approċċ minn isfel għal fuq (bottom-up) għall-identifikazzjoni u l-iżvilupp tal-isħubijiet, għall-proġetti b'ħafna partijiet interessati u għat-tixrid tar-riżultati lill-awtoritajiet tal-gvern lokali fil-pajjiżi msieħba;

13. jisħaq li s-Sħubija tal-Lvant għandha twassal sabiex dik li qabel kienet purament sistema ta' kooperazzjoni intergovernattiva ssir proġett għad-djalogu bejn iċ-ċittadini u b'mod partikolari għall-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi tal-UE u s-Sħubija tal-Lvant, u li b'hekk tiġbor lill-awtoritajiet lokali u reġjonali f'qafas ta' proġetti prattiċi u miftiehma bħala parti minn strateġija ġenerali bbażata fuq il-bżonnijiet taċ-ċittadini u s-solidarjetà;

14. iqis li waħda mill-kundizzjonijiet għal kooperazzjoni ta' suċċess bejn il-pajjiżi tal-UE u dawk tas-Sħubija tal-Lvant u sabiex ikun hemm sħubija iktar b'saħħitha permezz tal-PEV hija li jiġu identifikati kwistjonijiet katalisti sabiex il-benefiċċji prattiċi jinf-tiehmu miċ-ċittadini. Dan jista' jseħħ billi d-dikjarazzjonijiet ta' prinċipju jsiru miżuri konkreti. Dan ifisser il-parteċipazzjoni b'saħħitha tal-mexxejja eletti u komunikazzjoni ċara u attiva;

15. jinnota li azzjoni iktar b'saħħitha min-naħa tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u s-soċjetà ċivili fl-ordni pubblika hija ħafna drabi mxejja mid-dgħufija tad-demokrazija lokali u n-nuqqas ta' kwalunkwe proċess veru ta' deċentralizzazzjoni fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant;

16. jinnota wkoll li d-deċentralizzazzjoni u l-gvernanza lokali parteċipattiva mhux dejjem imorru id f'id. F'xi stati, kemm fl-UE kif ukoll lil hinn mill-fruntieri tagħha, l-awtoritajiet lokali u reġjonali jaqsmu bejniethom l-isfida taż-żieda fil-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet u tal-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tal-pubbliku u l-impenn tas-settur assoċjattiv fit-tfassil tal-istrateġiji u fl-iżvilupp tal-proġetti kbar urbani jew reġjonali;

17. jesprimi r-rieda u l-impenn tal-awtoritajiet lokali u reġjonali biex isaħħu s-Sħubija tal-Lvant. Il-ġestjoni m'għandhiex tkun biss f'idejn il-gvernijiet nazzjonali u l-KE. Is-soċjetà ċivili f'sens usa' u diversi atturi għandhom isiru partijiet interessati tas-Sħubija tal-Lvant. L-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-intrapriżi u l-NGOs (mill-UE u mill-pajjiżi msieħba) għandhom isiru element integrali tal-proċess sħiħ tas-Sħubija tal-Lvant;

18. b'konformità ma' opinjonijiet preċedenti dwar dan is-suġġett jišhaq fuq l-importanza tal-impenn tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fis-sens li huma parti integrali tal-proċess ta' ppjanar, implimentazzjoni u monitoraġġ / evalwazzjoni tas-Sħubija tal-Lvant u l-PEV. Dan jgħodd b'mod partikolari għall-oqsma fejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom poteri wesgħin u diretti;

19. konsegwentement, itenni t-talba tiegħu biex l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu rikonossuti bħala msieħba ewlenin fil-PEV fir-rigward tas-Sħubija tal-Lvant;

20. jirrikonoxxi r-rwol u l-esperjenza tad-diversi netwerks u assoċjazzjonijiet tal-awtoritajiet lokali, reġjonali, nazzjonali, Ewropej u internazzjonali impenjati fil-kooperazzjoni deċentralizzata fis-Sħubija tal-Lvant kif ukoll il-kompetenzi u l-għarfien fuq il-post. Għalhekk, l-isforzi għandhom ikunu iktar mxerrda u l-oġettivi tal-proġetti għall-kooperazzjoni deċentralizzata għandhom jikkonformaw iżjed ma' dawk tas-Sħubija tal-Lvant għall-aħjar riżultati;

21. iqis li l-għan tal-PEV li tappoġġja l-proċess ta' trasformazzjoni fil-pajjiżi ġirien jikkonforma mal-istandards tal-UE. L-ambizzjoni prinċipali tal-PEV kienet li tmur lil hinn mill-orizzont tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) u lil hinn minn sempliċement ir-relazzjonijiet esterni tal-UE ma' pajjiżi terzi. Il-pajjiżi msieħba tal-PEV ingħataw il-prospett ta' parteċipazzjoni fil-qasam integrat tal-UE tal-erba' libertajiet jekk jimplimentaw l-acquis rispettiva tal-UE, għalkemm mingħajr il-perspettiva li jsiru msieħba tal-UE;

22. jappoġġja l-modernizzazzjoni politika, ekonomika u settorjali tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant li qed issir mill-istituzzjonijiet il-ġodda bħall-Istrument il-Ġdid tas-Sħubija (New Partnership Instrument) u l-istrumenti settorjali;

23. jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni Ewropea stiednet lill-KtR jieħu sehem fis-Sħubija tal-Lvant, b'mod partikolari fil-ħidma tal-pjattaformi tematiċi dwar "id-Demokrazija, gvernanza tajba u stabbiltà u dwar il-kuntatti bejn in-nies".

24. konsegwentement, beħsiebu jiżviluppa forom ta' kooperazzjoni iktar mill-qrib mal-pajjiżi involuti fis-Sħubija tal-Lvant. Il-ħolqien ta' *Assemblea Lokali u Reġjonali tal-Ewropa tal-Lvant u l-Kawkażu tan-Nofsinhar* bħala l-pjattaforma istituzzjonali għad-djalogu regolari u l-kooperazzjoni jista' jkun għan fil-perjodu l-qasir għal kooperazzjoni formali wara li jkun għew zviluppatti forom konkreti u tanġibbli ta' kooperazzjoni;

II. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

25. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tirrevedi l-proċess ta' thej-jija tal-Programmi Indikattivi Nazzjonali li għandhom jiġu negozjati bejn l-UE u pajjiż tas-Sħubija tal-Lvant skont il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tal-pajjiż, kif ukoll skont l-interessi tiegħu u tal-UE. L-ippjanar fil-livell nazzjonali għandu jsir b'mod konġunt bejn il-gvern ta' pajjiż imsieħeb u l-Kummissjoni Ewropea, u l-KE għandha taħdem flimkien mal-pajjiżi msieħba fit-tħejija tal-programmi nazzjonali ta' implimentazzjoni tal-Programm Indikattiv Nazzjonali tagħhom;

26. għaldaqstant isejjaħ lill-imsieħba biex jiżguraw implimentazzjoni progressiva tal-prijoritajiet u l-għanijiet tal-Programm Indikattiv Nazzjonali u l-mekkaniżmu ta' komunikazzjoni bejn l-UE u l-pajjiż imsieħeb għandu jiġi rivedut. B'hekk, jekk is-Sħubija tal-Lvant għandha l-għan li tkun politika iktar effiċjenti, rappurtaġġ regolari u laqgħat għall-feedback għandhom ikunu obligatorji u korp ta' kontroll għandu jingħata r-riedni biex jissorvelja dan il-proċess;

27. jilqa' l-enfasi tas-Sħubija tal-Lvant fuq il-mobilità iżda jikkunsidra li l-proposta tal-Kummissjoni mhijiex ċara biżżejjed dwar il-kontenut tal-patti mistennija dwar "il-Mobilità u s-Sigurtà" (punt 3.3 tal-Komunikazzjoni); għalhekk iħeġġeġ lill-KE biex tispjega aħjar il-proposta tagħha sabiex l-imsieħba tas-Sħubija tal-Lvant ikunu jafu u jifhemu b'mod ċar dak li jrid isir u x'jistgħu jistnew lura mill-UE;

28. jilqa' l-intenzjoni tal-Parlament Ewropew li jaċċetta l-istedina mill-Kummissjoni Ewropea biex l-Assemblea EuroNest issir parti integrali tas-Sħubija tal-Lvant;

29. jappoġġja rwol ta' monitoraġġ għall-KtR u l-Assemblea Lokali u Reġjonali tas-Sħubija tal-Lvant, speċjalment fir-rigward tal-monitoraġġ tax-xogħol tas-sottokomitati konġunti tal-pajjiż tal-UE u s-Sħubija tal-Lvant li jindirizzaw kwistjonijiet relatati mal-pjattaformi tematiċi dwar id-Demokrazija, gvernanza tajba u l-istabbiltà u dwar il-Kuntatti bejn in-nies, li jinkludu kwistjonijiet tal-iżvilupp soċjali u ekonomiku, l-iżvilupp reġjonali, il-kooperazzjoni transkonfinali, ir-riformi amministrattivi u d-deċentralizzazzjoni fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant;

30. iħeġġeġ lill-korpi tal-gvernanza tas-Sħubija tal-Lvant mhux biss li jagħtu rikonossiment politiku lill-awtoritajiet lokali u reġjonali, iżda biex jinkorporawhom b'mod formali u effettiv fil-proċess ta' kooperazzjoni u fis-Sħubija tal-Lvant;

31. iħeġġeġ bis-saħħa lill-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex flimkien mal-gvernijiet ċentrali jipparteċipaw sa mill-ewwel fażi fit-tfassil ta' ftehim ta' assoċjazzjoni, ta' dokumenti strateġiċi u ta' pjanijiet ta' azzjoni li huma mfassla b'mod bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi msieħba tas-Sħubija tal-Lvant, u b'mod partikolari fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, rigward it-tħejija, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-Programmi Indikattivi Nazzjonali;

32. għalhekk, isejjaħ lill-gvernijiet tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant biex jistabbilixxu mekkaniżmi għad-djalogu nazzjonali strutturat u għal konsultazzjoni mal-aġenti sottonazzjonali (reġjonali u lokali), l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili, billi jgħaqqdu lin-netwerks u l-assoċjazzjonijiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;

33. jikkunsidra li l-istrumenti settorjali eżistenti tal-PEV (id-djalogu tematiku, il-parteċipazzjoni fil-Programmi u l-Aġenziji Komunitarji, u l-ftehimiet settorjali) għandhom jiġu armonizzati mal-offerta tas-Sħubija tal-Lvant, li fil-qosor hija relazzjoni settorjali kuntrattwali bbażata fuq żewġ prinċipji fundamentali — l-approssimazzjoni obbligatorja mal-acquis settorjali rispettiv tal-UE u l-aċċess għall-istituzzjonijiet u programmi settorjali tal-UE. L-istatus ta' osservatur għal ftehim settorjali għandu jkun idea fundamentali tas-Sħubija tal-Lvant li jikkorrespondi assolutament mal-bżonn dikjarat biex jissaħħa l-impenn tal-UE fir-rigward tal-ġirien tagħha tal-Lvant u viċversa;

34. jissuġġerixxi b'mod speċjali li kemm l-Istrument il-Ġdid tas-Sħubija kif ukoll l-istrumenti settorjali għandhom ikunu parti integrali ta' pakkett tas-Sħubija tal-Lvant li l-UE tinneogza individwalment ma' kull pajjiż imsieħeb. Dan il-pakkett ta' strumenti tas-Sħubija tal-Lvant jipprovdi l-bażi għall-armonizzazzjoni kif ukoll evalwazzjoni trasparenti ta' diversi strumenti tas-Sħubija tal-Lvant. Il-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant għandhom jingħataw benchmarks trasparenti u ċari ħalli jkun jafu fl-idea direzzjoni mexjin fir-rigward tal-UE u s-Sħubija;

35. beħsiebu jespandi u jtejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali mill-pajjiżi tal-UE u s-Sħubija tal-Lvant u li din jagħmilha parti integrali tar-relazzjonijiet tal-UE mal-imsieħba tal-Ewropa tal-Lvant. Ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali ma jistax jiġi sostitwit f'bosta oqsma ta' politika li huma koperti mis-Sħubija tal-Lvant, bħalma huma l-gvernanza tajba, ir-riforma amministrattiva u d-deċentralizzazzjoni, l-iżvilupp soċjali u ekonomiku, l-iżvilupp reġjonali u l-politika ta' koeżjoni, il-kooperazzjoni transkonfinali, il-ħarsien tal-ambjent, kwistjonijiet ta' ordni pubblika, il-prevenzjoni u r-reazzjoni għal diżastri naturali u kaġunati mill-bniedem, il-kooperazzjoni kulturali, l-edukazzjoni, it-turiżmu u l-iskambju ta' studenti u studjużi;

36. jagħti bidu għal djalogu mal-KE sabiex jinstabu modi li bihom ikunu jistgħu jiġu impenjati l-awtoritajiet lokali u reġjonali mill-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant fi Programm Komprensiv għat-Tisħiħ tal-Istituzzjonijiet. Dan il-programm huwa intiż biex tittejjeb il-kapaċità amministrattiva tal-imsieħba tal-Lvant u b'hekk għandu jkopri s-setturi rilevanti kollha tal-kooperazzjoni li jinkludu dawk is-setturi fejn ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali ma jistax jiġi sostitwit. Barra minn hekk, il-KtR għandu jfassal il-pjan proprju tiegħu dwar kif jista' jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-programm tat-Tisħiħ tal-Istituzzjonijiet b'kooperazzjoni mal-imsieħba tiegħu mill-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant;

37. huwa determinat li jkkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-implimentazzjoni tas-Sħubija tal-Lvant fil-qasam tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-pajjiżi tas-Sħubija. Il-KtR għandu jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni dwar l-iffirmar tal-"Memoranda ta' Ftehim" dwar il-politika reġjonali mal-imsieħba tal-Lvant bil-għan li tissaħħa il-kapaċità amministrattiva fil-livell nazzjonali u lokali. Dan għandu jingħaqad mal-istrument tat-tisħiħ tal-istituzzjonijiet u l-programm ta' azzjonijiet tal-KtR u/jew il-kooperazzjoni mal-imsieħba mill-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-pajjiżi tas-Sħubija. Il-kooperazzjoni għandha timmira li taqsam

l-aħjar Prattika u esperjenza mill-politika tal-UE dwar l-iżvilupp reġjonali u l-politika tal-koeżjoni;

38. huwa determinat ukoll li jgħin u/jew jikkonsulta — b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali mill-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant — lill-Kummissjoni Ewropea u lill-gvernijiet nazzjonali fil-proċess ta' identifikazzjoni ta' programmi pilota għall-iżvilupp reġjonali li jindirizzaw il-bżonnijiet tal-iżvilupp reġjonali u lokali fil-pajjiżi tas-Sħubija mfassla fuq il-politika ta' koeżjoni tal-UE. Barra minn hekk, il-KtR għandu jagħti bidu għal diskussjonijiet mal-imsieħba tiegħu mill-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant bil-għan li jappoġġja l-kooperazzjoni diretta tagħhom mar-reġjuni tal-UE u li jsahha il-parteċipazzjoni tagħhom fi programmi transnazzjonali eżistenti fix-Xlokk, iċ-Ċentru u t-Tramuntana tal-Ewropa. Il-KtR għandu jħeġġeġ ukoll lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-pajjiżi tal-Sħubija tal-Lvant biex jisfruttaw l-oportunità għida offrta mis-Sħubija tal-Lvant fir-rigward tal-proġetti finanzjati mill-ENPI għall-kooperazzjoni transkonfinali fil-fruntieri mal-pajjiżi tas-Sħubija;

39. se jagħti bidu għal diskussjoni mal-Kummissjoni Ewropea sabiex jispeċifika l-parteċipazzjoni tiegħu fil-pjattaformi tematiki dwar id-Demokrazija, gvernanza tajba u l-istabbiltà u dwar il-Kuntatti bejn in-nies. Il-KtR għandu jagħti bidu għall-ħolqien ta' panels speċifiċi (ir-raba' livell operattiv tas-Sħubija tal-Lvant) li jitrattaw il-kwistjonijiet qrib l-aġenda essenzjali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali bil-għan li jiġi appoġġjat ix-xogħol tal-pjattaformi tematiki tas-Sħubija (it-tielet livell operattiv). Il-Kummissjoni tista' tistieden b'mod reċiproku lir-rappreżentanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jieħdu sehem fil-ħidma tal-pjattaformi tematiki u/jew panels speċifiċi fejn hu xieraq u/jew meħtieġ. Sabiex jiġi speċifikat ir-rwol tal-KtR fiż-żewġ pjattaformi tematiki msemmija hawn fuq kif ukoll biex tinkiseb koordinazzjoni aħjar mal-Kummissjoni hemm bżonn diskussjonijiet addizzjonali;

40. huwa determinat li jgħin lill-Kummissjoni Ewropea fit-tfassil tal-programm għat-taħriġ u n-netwerking tal-awtoritajiet lokali bil-għan li jissaħħa l-kapaċitajiet amministrattivi u li tiġi promossa r-riforma tal-gvernanza lokali skont il-pjattaforma tematika dwar id-Demokrazija, gvernanza tajba u l-istabbiltà. Il-KtR ser jellabora u jressaq il-proposti tiegħu dwar Programm Kulturali speċifiku tas-Sħubija tal-Lvant li ser jitnieda taħt il-pjattaforma tematika dwar il-Kuntatti bejn in-Nies. Il-KtR se jagħti bidu għal diskussjoni mal-Kummissjoni dwar il-possibbiltà li jieħu sehem f'ħidma fil-pjattaformi tematiki dwar il-Kooperazzjoni u l-konverġenza ekonomika bil-politiki tal-UE u dwar is-Sigurtà tal-enerġija billi hemm aġendi parzjali f'dawn l-oqsma ta' politika fejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jagħmlu kontribut importanti;

41. jikkunsidra b'mod speċjali l-kontribut tiegħu għal inizjattiva prestiġjuża dwar il-Prevenzjoni ta' diżastri naturali u dawk kkaġunati mill-bniedem, kif ukoll it-tħejija u r-rispons għalihom, sabiex jissaħħa l-kapaċitajiet tal-ġestjoni tad-diżastri fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali. Il-KtR se jagħti bidu għal diskussjoni mal-imsieħba tiegħu mis-Sħubija tal-Lvant dwar il-kontribuzzjoni li jistgħu jagħmlu l-awtoritajiet lokali u reġjonali għall-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva prestiġjuża;

42. iħeġġeġ il-promozzjoni ta' rabtiet iktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet reġjonali u lokali tal-UE u l-kontropartijiet tagħhom fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant bis-saħħa tal-pjattaformi istituzzjonali Ewropej eżistenti għad-djalogu politiku regolari u permezz ta' proġetti konġunti konkreti bil-għan li tinstab triq komuni għat-twaqqif potenzjali futur ta' Assemblea Lokali u Reġjonal għall-Ewropa tal-Lvant u l-Kawkażu tan-Nofsinhar;

43. iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tarmonizza, tikkoordina u torbot sew flimkien l-approċċ il-ġdid mad-diversi programmi, proġetti u strumenti Komunitarji sabiex jiġu sfruttati l-esperjenzi rilevanti, tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-attivitajiet u jakkumula l-progress;

44. jikkunsidra li jekk tingħata responsabbiltà akbar lir-rappreżentanti eletti fil-livell lokali u reġjonali tinħoloq gvernanza fuq diversi livelli li tgħaqqad livelli istituzzjonali differenti fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, tat-tfassil, u tal-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki pubbliċi u l-politiki tal-iżvilupp;

45. jissuġġerixxi l-użu tar-riżorsi umani lokali, tekniċi u akkademiċi għat-twaqqif ta' proġetti u li jkun hemm parteċipazzjoni kbira kemm jista' jkun taċ-ċittadini sabiex jieħdu fidejhom is-sjieda tal-proċess ta' kooperazzjoni u l-proġetti sussegwenti;

46. jagħraf inizjattiva miftuħa għall-parteeipazzjoni ta' pajjiżi terzi — b'mod partikolari l-Federazzjoni Russa u t-Turkija — li jistgħu jkunu involuti fil-ħidma ta' pjattaforma tematika, panel jew inizjattiva, skont il-każ, u sakemm ikun hemm qbil li l-interess komuni f'suġġett, prossimità ġeografika jew rabtiet ekonomiċi eżistenti ifisser li din il-parteeipazzjoni għandha tkun benefiċjali.

47. jitlob lill-President tiegħu jressaq din l-opinjoni lill-Presidenza tal-UE, lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kaprijiet tal-Istat tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant.

Brussell, it-22 ta' April 2009

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Luc VAN DEN BRANDE

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar aġenda soċjali mġedda: opportunitajiet, aċċess u solidarjetà fl-Ewropa tas-seklu 21

(2009/C 200/08)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

- jilqa' l-mod kif l-aġenda ssaħħaħ il-ħidma tal-Kummissjoni dwar il-politika soċjali. L-aġenda mġedda u l-miżuri li ttipponi jikkonsistu essenzjalment f'xogħol prattiku ta' tħejija li l-Kummissjoni diġà bdiet. Għalhekk l-aġenda tinkludi relattivament ftit inizjattivi ġodda għat-tisħiħ tal-viżibbiltà jew il-kontenut sostanzjali tal-politika soċjali tal-UE;
- jenfasizza l-importanza tal-koeżjoni soċjali u reġjonali biex jinkisbu l-oġġettivi tal-Istrateġija mġedda ta' Liżbona u jiġbed l-attenzjoni għar-rwol tal-livell lokali u reġjonali f'dan il-qasam;
- ifakkar li l-attivitajiet soċjali u ekonomiċi ma jsostnux u ma jikkomplementawx lil xulxin b'mod awtomatiku, iżda għandu jiġi żgurat bilanċ effettiv u reċiproku b'mod kontinwu bejn l-oġġettivi u l-mezzi tagħhom. Dan huwa partikolarment importanti issa meta l-bidliet b'pass mgħaġġel fl-ekonomija dinjija qed iżidu l-inċertezza fost il-pubbliku b'mod ġenerali;
- jisħaq li għandha tingħata attenzjoni sistematika lill-effetti soċjali tal-politiki tal-UE. Pereżempju, l-effetti soċjali tas-suq intern tal-UE f'xi waqtiet ma setgħux jitbassru u ma kienx dejjem possibbli li jkun hemm tħejija biżżejjed għalihom;
- iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiġbor riżultati ta' riċerka komparabbli u multidimensjonali dwar it-tisħiħ tal-effettività ta' sistemi tas-sigurtà soċjali, u b'mod partikolari jiġbed l-attenzjoni lejn il-kundizzjonijiet ġenerali fil-livell lokali u reġjonali bħala l-fornitur ewlieni tas-servizzi soċjali u tas-saħħa.

Rapporteur: Is-Sur Veikko Kumpumäki (FI/PES), Membru tal-Kunsill Reġjonali tal-Lapland

Dokument ta' referenza

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Aġenda soċjali mġedda: Opportunitajiet, aċċess u solidarjetà fl-Ewropa tas-seklu 21

COM(2008) 412 finali

I. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

1. jilqa' l-mod kif l-aġenda ssaħħaħ il-ħidma tal-Kummissjoni dwar il-politika soċjali. L-aġenda mġedda u l-miżuri li tipproponi jikkonsistu essenzjalment f'xogħol prattiku ta' thejjiha li l-Kummissjoni diġà bdiet. Għalhekk l-aġenda tinkludi relattivament ftit inizjattivi ġodda għat-tisħiħ tal-viżibbiltà jew il-kontenut sostanzjali tal-politika soċjali tal-UE;

2. ifakkar li l-konsultazzjoni pubblika li tmexxiet għall-inventarju tar-realtà soċjali tal-UE għenet biex tenfasizza li l-fiduċja tal-pubbliku fl-UE, b'xi mod jew ieħor, tiddependi mill-fatt li jkun hemm politika soċjali Ewropea kredibbli li hija element importanti tal-mudell soċjali Ewropew. It-trawwim ta' din il-fiduċja huwa essenzjali għall-progress, it-tiġdid u d-dispożizzjoni għall-bidla;

3. jenfasizza l-importanza tal-koeżjoni soċjali u reġjonali biex jinkisbu l-oġettivi tal-Istrateġija mġedda ta' Liżbona u jiġbed l-attenzjoni għar-rwol tal-livell lokali u reġjonali f'dan il-qasam;

Id-dimensjoni soċjali tal-Ewropa

4. ifakkar li l-attivitajiet soċjali u ekonomiċi ma jsostnux u ma jikkomplementawx lil xulxin b'mod awtomatiku, iżda għandu jiġi żgurat bilanċ effettiv u reċiproku b'mod kontinwu bejn l-oġettivi u l-mezzi tagħhom. Dan huwa partikolarment importanti issa meta l-bidliet b'pass mgħaġġel fl-ekonomija dinjija qed iżidu l-inċertezza fost il-pubbliku b'mod ġenerali;

5. jisħaq li għandha tingħata attenzjoni sistematika lill-effetti soċjali tal-politiki tal-UE. Pereżempju, l-effetti soċjali tas-suq intern tal-UE f'xi waqtiet ma setgħux jtbassru u ma kienx dejjem possibbli li jkun hemm thejjiha biżżejjed għalihom;

6. jagħraf l-importanza tad-dikjarazzjoni fl-aġenda soċjali dwar il-permanenza tal-oġettivi soċjali fundamentali u l-impenn tal-UE għal soċjetajiet armonjużi, koeżivi u inklussivi;

7. ifakkar li l-politika soċjali għandha titqies ukoll bħala fattur li jħares u jsostni l-iżvilupp armonjuż tas-soċjetà u mhux biss bħala aġent ta' flessibilità u bidla;

8. jammetti li hemm bżonn ta' aġenda soċjali usa' u jagħraf l-importanza ta' tagħlim tul il-ħajja bħala element ewlieni għal dan il-għan. Madankollu, it-tagħlim m'għandux jitqies biss bħala fattur kompetittiv, iżda r-rwol soċjali sostanzjali tiegħu għandu jiġi rikonoxxut ukoll. Barra l-għoti ta' opportunitajiet sabiex l-individwi jirnexxu, jeħtieġ li jiġi żgurat il-ħarsien soċjali u l-inklużjoni ta' nies li ma jkollhomx suċċess kbir;

9. jenfasizza l-importanza tas-solidarjetà bejn il-gruppi differenti tal-popolazzjoni, bejn il-ġenerazzjonijiet u r-reġjuni differenti. Id-dibattitu dwar il-bidliet fl-istruttura tal-età tal-popolazzjoni u l-adekwatezza u s-sostenibilità tas-sistemi tas-sigurtà soċjali għandu jitwessa' biex jinkludi l-gruppi tal-etajiet kollha u tal-popolazzjoni kollha, u hawnhekk għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-parteċipazzjoni attiva ta' nies b'diżabbiltà u b'diżabbiltà parzjali;

10. iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiġbor riżultati ta' riċerka komparabbli u multidimensjonali dwar it-tisħiħ tal-effettività ta' sistemi tas-sigurtà soċjali, u b'mod partikolari jiġbed l-attenzjoni lejn il-kundizzjonijiet ġenerali fil-livell lokali u reġjonali bħala l-fornitur ewlieni tas-servizzi soċjali u tas-saħħa;

11. jippromovi t-tisħiħ tal-kooperazzjoni fl-Ewropa biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tal-immigranti u jenfasizza li l-għarfien espert tal-awtoritajiet lokali u reġjonali jista' jintuża f'dawn l-isforzi;

L-oġettivi tal-aġenda soċjali mġedda

12. b'rabta mat-tliet oġettivi ġenerali u interrelatati, jinnota li:

— l-konċentrazzjoni fuq il-ħolqien ta' *opportunitajiet* indaqs m'għandhiex tnaqqas mill-importanza tal-ugwaljanza fir-riżultat tal-politika;

— l-għoti ta' *aċċess* m'għandux ifisser li ssir wisq enfasi fuq eżami tal-mezzi għal servizzi u benefiċċji; minflok l-oportunitajiet ta' aċċess universali għandhom ikunu viżibbli u mħarsa;

— it-turija ta' *solidarjetà* tfisser ukoll li wieħed iqis il-ħtiġijiet diversi ta' reġjuni differenti b'mod flessibbli meta jkunu mmirati l-politiki u l-fondi Ewropej;

13. jinnota li l-livell lokali u reġjonali jista' jagħti kontribut sostanzjali għall-innovazzjoni u l-iżvilupp biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-UE. Skont l-aġenda soċjali mġedda, għandu jkun possibbli li jsir użu effettiv mill-għarfien espert tagħhom;

L-objettivi ewlenin

14. jqis li ta' min ikompli b'firxa ta' attivitajiet li jiffokaw fuq it-tfal u ż-żgħażaġh, u jiġbed l-attenzjoni b'mod partikolari lejn l-importanza ta' miżuri preventivi f'dan il-qasam;

15. jinnota li meta titjeb u tiġi evalwata l-kwalità ta' sistemi edukattivi, il-benesseri, is-sigurtà u l-kuntentizza tat-tfal għandhom jiġu enfasizzati flimkien mal-kisbiet edukattivi tagħhom. Għandha tingħata attenzjoni partikolari wkoll lill-ħiliet pedagoġiċi tal-għalliema u l-objettiv tal-ugwaljanza f'kull livell tal-edukazzjoni;

16. iħeġġeġ biex il-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni jiffoka fuq it-teħid ta' rendikont u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet u prattika lokali u reġjonali tajbin, kif ukoll fuq it-tixrid tal-informazzjoni bil-għan li dawn jiġu applikati b'mod usa'; f'dan il-kuntest, il-KtR jfakkar li l-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni huwa l-kooperazzjoni volontarja bejn l-Istati Membri;

17. jinnota li t-tkabbir u l-impjeg biss mhumiex biżżejjed biex jiggarrantixxu soċjetà ġusta soċjalment, iżda jeħtieġ ukoll li jkun hemm politika soċjali effettiva u responsabbli fil-livelli kollha;

18. jenfasizza l-ħtieġa li tinġabar u tiġi ċċirkulata informazzjoni wiesgħa u diversa biex ikun hemm mudelli effikaċi ta' flessigurtà;

19. jisħaq li t-tagħlim tul il-ħajja kollha għandu jkun fl-interess tal-gruppi tal-etajiet u l-popolazzjoni kollha u aċċessibbli għall-kulħadd — għalkemm f'dan il-qasam għad hemm bżonn li titqajjem kuxjenza akbar fost il-pubbliku — u li l-iżvilupp ta' edukazzjoni ta' kwalità għolja għall-adulti jitlob kooperazzjoni wiesgħa fil-livelli kollha governattivi u bejn id-diversi partijiet interessati. Fir-rigward tat-taħriġ vokazzjonali, huwa ta' importanza partikolari li jiġi żgurat li l-edukazzjoni tipprovdi l-ħiliet meħtieġa għall-impjeg u fejn meħtieġ li s-sistema tal-edukazzjoni tkun tista' tindirizza minnufih il-ħtiġijiet edukattivi li jinqalgħu. Jekk ikun possibbli, għandu jiġi żviluppat ukoll it-tbassir tal-ħtiġijiet edukattivi permezz ta' kollaborazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali;

20. ifakkar li s-soċjetà għandha bżonn ukoll ta' persuni kapaċi li jassistu u jikkuraw lill-oħrajn, u għalhekk dil-kapaċità għandha tidħol ukoll bħala parti kruċjali mis-"sett ta' kompetenzi ġodda" msemmi fl-aġenda soċjali;

21. jenfasizza l-ħtieġa ta' għamliet ġodda ta' edukazzjoni li jikkombinaw ix-xogħol u t-tagħlim, u jħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi, lil min iħaddem u lil individwi biex iżommu diskussjoni miftuħa dwar ir-responsabbiltajiet tagħhom fir-rigward ta' dawn l-arranġamenti li jikkombinaw ix-xogħol u t-tagħlim;

22. jiġbed attenzjoni partikolari lejn l-objettiv li jitjebu kemm il-kwalità tax-xogħol kif ukoll il-mod kif jitwettagħ, u jemmaen li huwa importanti li jinxtardu data ta' riċerka rilevanti u l-aħjar prattika;

23. jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni biex tiżgura li ma jkunx hemm kontradizzjoni bejn id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tat-Trattat, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tieħu nota tal-esperjenzi f'dan ir-rigward, anki flivell lokali u reġjonali;

24. jinnota li meta jkunu qed jiġu analizzati u żviluppati sistemi Ewropej għall-kura tas-saħħa, għandhom jitqiesu l-aspetti usa' tagħhom, inklużi l-ippjanar, il-kwalità u l-aċċessibbiltà tas-servizzi u l-ħaddiema. Bħala l-organizzaturi ewlenin ta' servizzi pubbliċi soċjali u tas-saħħa, l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma msieħba importanti f'dan l-isforz;

25. jilqa' b'mod partikolari l-impenn tal-Kummissjoni biex tiżgura li s-suq uniku u r-regoli tal-kompetizzjoni jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' servizzi soċjali ta' kwalità tajba u li jkunu aċċessibbli minn kulħadd. Dan ifisser li għandha tiġi żgurata bażi legali soda għas-servizzi ta' interess ġenerali, filwaqt li jinħolqu l-kuntatti meħtieġa għal diskussjoni miftuħa u t-teħid ta' deċiżjonijiet dwar problemi relatati mal-koordinazzjoni ta' servizzi soċjali mar-regoli tas-suq intern. L-esperjenza fil-livell lokali u reġjonali għandha tinġabar b'mod sistematiku biex jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli u li l-prattiki t-tajba jintużaw b'mod aktar wiesa'. Madankollu, dan l-impenn ma jinkludi l-ebda obbligu ta' rappurtar iddetaljat għall-Istati Membri, u għaldaqstant m'għandux joħloq piż amministrattiv sproporzjonat għall-awtoritajiet lokali

26. jirrakkomanda li tingħata prijorità lid-drittijiet soċjali u li jkun hemm solidarjetà fl-isforzi tal-UE għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, u li jitqies b'mod serju jekk il-programmi tal-ikel u l-banek tal-ikel għandhomx jagħmlu parti mill-istat assistenzjali Ewropew fis-seklu 21;

27. jemmaen li huwa importanti li tiġi promossa l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, li neghbu d-differenzi fil-pagi tagħhom u li naslu għal konċiljazzjoni effettiva bejn il-ħajja professjonali u dik tal-familja;

28. japprova l-enfasi li qed issir fuq il-prijorità tal-politika l-ġdida dwar in-nuqqas ta' diskriminazzjoni u jirrimarka l-potenzjal sinifikanti tal-Unjoni Ewropea li tkun minn ta' quddiem f'dan il-qasam;

Il-fehmiet ewlenin tal-Kumitat tar-Reġjuni

29. japprova l-ambitu komprensiv tal-aġenda, li jiġbor fih l-attivitajiet ta' diversi setturi; madankollu jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżgura li dan l-approċċ ma jhux post l-isfidi importanti tal-politika soċjali tradizzjonali, bħat-tweessigh ta' differenzi fid-dħul finanzjarju u l-inugwaljanza dejjem tikber u l-miżuri meħtieġa biex dawn jiġu indirizzati;

30. jinnota li l-azzjonijiet imressqa fl-aġenda ta' sikwit ikollhom ħafna dimensjonijiet differenti, u f'xi waqtiet jidħlu f'kunflitt u jitolbu kunsiderazzjoni dettaljata. Pereżempju b'rabta mal-promozzjoni tal-mobbiltà, għandha tingħata attenzjoni lill-problemi kkawżati minn zghażaġh li jħallu fejn joqogħdu u d-distorsjoni li jkun hemm wara fl-istruttura tal-età f'ċerti żoni. Il-Kumitat jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi mħarsa s-sezzjoni "mhux mobbli" tal-popolazzjoni u jiġu żgurati opportunitajiet indaqs f'żoni anqas attraenti. Fatturi bħall-impatt ambjentali ta' mobbiltà akbar ukoll għandhom jitqiesu;

31. jenfasizza li l-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni— bħal kull metodu ieħor Ewropew ta' politika soċjali — għandu jiġi żviluppat fuq il-bażi tal-ħtiġijiet tal-politika soċjali tal-Istati Membri nni-fishom, li jinftiehm u l-aħjar fil-prattika flivell lokali u reġjonali. Minħabba l-fatt li l-Istati Membri u ċ-ċirkustanzi tar-reġjuni tagħhom ivarjaw ħafna, l-introduzzjoni ta' objettivi kwantitattivi

fil-politika soċjali tista' toħloq problemi. Il-koordinazzjoni miftuħa fil-livell Ewropew għandha titjeb primarjament billi tiġi appllikata għal ċerti kwistjonijiet importanti, bit-titjib tal-effettività tar-rappurtar u tax-xogħol ta' riċerka, u billi jżied ir-rwol tal-għarfien speċifiku tal-livell lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni u l-iżvilupp ta' proċessi ta' koordinazzjoni. Dan jista' jsaħħaħ b'mod sinifikanti l-impatt u l-viżibbiltà tal-metodu u għaldaqstant il-kwalità tal-politika soċjali Ewropea — li hija element importanti tal-proġett Ewropew għall-integrazzjoni. Ir-rabtiet bejn il-metodu ta' kordinazzjoni miftuħa u l-gvern lokali u reġjonali għadhom wisq dgħajfa għalissa;

32. ifakkar ir-rwol u l-potenzjal tad-djalogu soċjali fil-livell Ewropew fit-tħejji ta' inizjattivi u fl-implimentazzjoni tagħhom fil-livell ta' gvern lokali u reġjonali skont l-aġenda, u jemmaen li huwa importanti li dan id-djalogu jissaħħaħ.

Brussell, it-22 ta' April 2009.

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Luc VAN DEN BRANDE

III

(Atti preparatorji)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

ID-79 SESSJONI PLENARJA IL-21 U T-22 TA' APRIL 2009

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-enerġija: analiżi strateġika u prestazzjoni tal-bini

(2009/C 200/09)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

- jiddispijaċih mill-fatt li ma tressqet l-ebda proposta għall-introduzzjoni ta' strument leġiżlattiv vinkolanti speċifikament immirat biex jinkiseb l-oġġettiv ta' titjib fl-effiċjenza tal-enerġija b'20 %;
- jisħaq fuq is-soluzzjonijiet possibbli li jorbtu lill-attivitajiet industrijali mal-produzzjoni tal-enerġija (l-irkupru tas-sħana mitlufa, it-tkessiħ, il-produzzjoni tal-enerġija, it-tekniki tal-koġenerazzjoni u l-multiġenerazzjoni, eċċ.);
- ifakkar fl-importanza tal-ħidma mwettqa mill-aġenziji reġjonali u lokali tal-enerġija fl-Unjoni kollha. Dawn huma msieħba strateġiċi tal-politika Ewropea tal-enerġija, u l-azzjonijiet tagħhom iridu jkunu aktar sostnuti u valorizzati mill-Unjoni Ewropea;
- jenfasizza l-importanza li jkun hemm aċċess imħaffef għall-fondi strutturali għall-investiment fil-qasam tal-effiċjenza tal-enerġija fil-bini;
- jappoġġja l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea li tawtorizza b'mod permanenti l-applikazzjoni ta' rati mnaqqa fuq il-valur miżjud fis-settur tal-bini, inkluż għal xogħlijiet ta' rinnovazzjoni;
- jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea għall-iżvilupp ta' strumenti finanzjarji bil-għan li ttejjeb l-effiċjenza tal-enerġija, bi sħubija mal-BEI (il-Bank Ewropew tal-Investment) u l-BERŻ (il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp). Ifakkar li waħda mill-kwistjonijiet essenzjali meta jinħolqu dawn l-istrumenti finanzjarji hija li jsiru aċċessibbli għall-awtoritajiet lokali u reġjonali, sabiex dawn tal-aħħar jiġu appoġġjati fir-rwol tagħhom ta' atturi ċentrali għall-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini.

Rapporteur: Is-Sur Jean-Louis Joseph (FR/PSE), Sindku tal-Bastidonne

Dokumenti ta' referenza

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — It-tieni Analiżi Strateġika dwar l-Enerġija. Pjan ta' Azzjoni tal-UE għas-sigurtà u s-solidarjetà tal-enerġija — COM (2008) 781 finali

u

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini (riformulazzjoni) COM (2008) 780 finali — 2008/0223/COD

I. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

A. It-tieni analiżi strateġika tal-politika tal-enerġija tal-Unjoni Ewropea

1. jaħseb li l-isfidi marbutin mal-politika tal-enerġija tal-Unjoni Ewropea huma essenzjali kemm għall-preżent u l-ġejjieni tal-UE u taċ-ċittadini tagħha, kif ukoll għall-kwistjonijiet klimatiki fil-livell globali. Ifakkar ir-rwol prinċipali li jaqdu l-atturi lokali u reġjonali bħala msieħba fid-definizzjoni, l-ippjanar u l-implimentazzjoni b'suċċess tal-politika Ewropea tal-enerġija. Għalhekk, jiddipsjaċih li r-rwol tal-atturi reġjonali u lokali ma tantx jitqis fit-tieni analiżi strateġika;

2. jirrikonoxxi l-importanza tas-sigurtà tal-provvista li tinsab fil-qalba tat-tieni analiżi strateġika u li hija suġġett estremament sensitiv politikament. Jirrikonoxxi wkoll li l-Istati Membri jesperjenzaw sitwazzjonijiet differenti relatati ma' din il-kwistjoni. Dawn id-differenzi, li fost oħrajn huma dovuti minħabba raġunijiet storiċi, jeħtieġu azzjoni kkoordinata fil-livell Ewropew sabiex jitnaqqsu l-iżbilanċi, jissaħħu r-rabtiet bejn l-imsieħba u jitnaqqsu r-riskji għall-Unjoni kollha;

3. jirrikonoxxi li sar progress importanti wara l-ewwel analiżi strateġika, b'mod partikulari bid-definizzjoni tal-oġġettivi msejħa "20-20-20", u l-ewwel progress leġiżlattiv konkluż bil-ftehim reċenti bejn il-Parlament u l-Kunsill dwar il-pakkett għall-enerġija u l-klima;

4. jikkunsidra li dan il-progress, għalkemm rimarkabbli, huwa biss l-ewwel pass. Għalhekk huwa importanti li l-oġġettivi "20-20-20" jibqgħu l-prijorità prinċipali tal-politika Ewropea tal-enerġija sabiex jiġu assigurati l-koerenza u l-kontinwità li hemm b'żonn għas-suċċess tal-azzjoni mibdija;

5. jenfasizza li konsegwentement l-effiċjenza tal-enerġija għandha tkun fuq quddiem tat-tħassib tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-enerġija. Ifakkar il-mudell tat-"trias enerġetika", li jistabbilixxi, f'ordni mnaqqsa ta' importanza, il-politiki li jistgħu jnaqqsu l-impatt klimatiku tal-konsum tal-enerġija: effiċjenza

tal-enerġija, promozzjoni tal-enerġiji rinnovabbli u ottimizzazzjoni tal-użu tal-enerġija fossili. L-effiċjenza tal-enerġija mhix biss il-muftieħ għall-oġġettivi "20-20-20", iżda taqdi wkoll rwol essenzjali fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista. Madankollu, hija ħasra li l-effiċjenza tal-enerġija hija l-unika fost it-3 oġġettivi "20-20-20" li għadha ma ġietx tradotta fi strument leġiżlattiv vinkolanti;

6. f'dan l-isfond, jilqa' b'mod favorevoli l-miżuri relatati mal-effiċjenza tal-enerġija proposti mill-Kummissjoni fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni tat-tieni analiżi strateġika (b'mod partikulari r-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini — ara hawn taħt), iżda jiddispaċih li:

6.1 b'mod ġenerali, l-effiċjenza tal-enerġija tinsab biss fir-raba' post minn fost il-ħames prijoritajiet li jiffurmaw il-Pjan ta' Azzjoni ta' Sigurtà u Solidarjetà tal-Enerġija tal-UE;

6.2 ma tressqet l-ebda proposta għall-introduzzjoni ta' strument leġiżlattiv vinkolanti speċifikament immirat biex jinkiseb l-oġġettiv ta' titjib fl-effiċjenza tal-enerġija bl-20 %. Madankollu, għandu jkun hemm rabta aktar ċara mal-oġġettivi u l-istrumenti li huma r-riżultat tad-Direttiva dwar effiċjenza fl-użu finali tal-enerġija u dwar servizzi ta' enerġija (2006/32/KE). Dan kollu jsarraf f'għodda konkreta biex isir l-ewwel pass lejn il-ksib tal-oġġettiv ta' 20 %;

6.3 skont il-previżjonijiet ippreżentati fl-anness tat-tieni analiżi strateġika, il-Kummissjoni Ewropea tiddependi f'parti minn fenomenu indipendenti mill-azzjoni tagħha (iż-żjieda fil-prezzijiet taż-żejt) sabiex tilħaq l-oġġettivi tagħha ta' 20 % fir-rigward tal-effiċjenza fl-enerġija. Dan juri nuqqas ta' rieda politika kif ukoll nuqqas ta' investment fl-effiċjenza tal-enerġija. Attitudni bħal din hija aktar ta' diżappunt peress li l-benefiċċji mistennija mill-investimenti fl-effiċjenza tal-enerġija jistgħu jsarrfuhom fi strumenti b'saħħithom biex jagħtu spinta 'l quddiem lill-ekonomija u lill-impjegji li huma essenzjali fil-kuntest attwali ta' kriżi;

6.4 il-proposti relatati mal-effiċjenza fl-enerġija li jakkumpanjaw it-tieni analiżi strateġika ma jinkludux miżuri speċifiċi għall-industrija, minkejja li hija l-akbar konsumatur tal-enerġija. Fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista, huwa għaldaqstant importanti li jiġu enfasizzati s-soluzzjonijiet possibbli li jorbtu lill-attivitajiet industrijali mal-produzzjoni tal-enerġija (l-irkupru tas-sħana mit-lufa, it-tkessiħ, il-produzzjoni tal-enerġija, it-tekniki tal-koġenerazzjoni u l-multiġenerazzjoni, eċċ.);

6.5 jilqa' r-rikonoxximent tar-rwol kruċjali li s-settur tat-trasport jaqdi sabiex jinkisbu l-oġġettivi tal-enerġija. Madankollu, fid-dawl tad-dipendenza kbira li s-settur tat-trasport Ewropew għandu fuq iż-żejt, jiddispaċih li t-tieni reviżjoni strateġika dwar l-enerġija ma tressaqx strateġija għal dan is-settur li waħdu jirrappreżenta aktar minn 30 % tal-konsum finali tal-enerġija fl-Unjoni u huwa direttament milqut mill-problema tas-sigurtà tal-provvista peress li jiddependi kważi esklużivament miż-żejt, li aktar minn 80 % minnu huwa importat mill-Unjoni Ewropea. Il-Kumitat għalhekk ihegġegħ lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tressaq proposti dwar l-effiċjenza fit-trasport b'mod parallel għall-pakkett ta' miżuri dwar l-effiċjenza fl-enerġija. Dan is-settur fih riżorsi kbar ħafna li għad ma sarx użu minnhom fir-rigward tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, u tal-miżuri adottati fil-qasam tal-mezzi tat-trasport li jużaw il-linji tal-ferrovija u mezzi oħra ta' trasport pubbliku, vetturi li huma effiċjenti fl-użu tal-enerġija, l-użu konġunt tal-karozzi, is-sewqan ekoloġiku, aktar użu tar-roti, eċċ.;

7. jenfasizza r-rwol essenzjali li jaqdu l-awtoritajiet reġjonali u lokali fil-qasam tal-effiċjenza tal-enerġija. F'dan ir-rigward:

- a. itenni l-appoġġ tiegħu għall-Patt tas-Sindki u jfakkar l-opinjoni ta' prospettiva tiegħu fuq dan is-suġġett, fejn fost affarijiet oħra ġie enfasizzat "li l-azzjoni fuq livell lokali hija fattur determinanti għall-ksib tal-mira tal-20 % effiċjenza fl-użu tal-enerġija. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew jagħrfu sew ir-rwol importanti li għandhom ir-reġjuni u l-bliet biex jilhqqu din il-mira ⁽¹⁾;
- b. l-ippjanar tal-ispazju fil-livell lokali huwa qasam importanti biex tinholq struttura soċjali globali li tirrispetta l-ambjent u li tagħmel użu effiċjenti mill-enerġija. Dan ifisser li l-infrastruttura, il-postijiet tax-xogħol, in-negozji u d-djar jiġu ppożizzjonati b'tali mod li jnaqqsu l-użu tat-trasport u jħeġġu l-użu ta' mezzi ta' trasport b'konsum baxx tal-enerġija u l-użu aktar mifruq tas-sistema tat-tisħin distrettwali, l-enerġija mir-riħ u l-enerġija ġeotermali;
- c. ġeneralment, l-użu tal-enerġija fis-settur pubbliku jista' jtnaqqas ħafna; dan jirrappreżenta potenzjal sostanzjali li s'issa għadu ma ġiex sfruttat. Bis-saħħa ta' sussidji u inċentivi mfasslin tajjeb, tista' tiżdied l-effiċjenza tal-enerġija, jtnaqqsu l-ispejjeż marbuta mal-enerġija u tingħata spinta lill-impjiegi;
- d. jilqa' b'mod favorevoli l-pjan ta' inizjattiva ġdida għall-finanzjament tal-enerġija sostenibbli, u jitlob li din tiddedika parti sinjifikanti mill-istrumenti tagħha ta' azzjoni għall-finanzjament ta' proġetti mwettqa fil-livelli reġjonali u lokali waqt li tingħata prijorità lill-effiċjenza tal-enerġija;
- e. ifakkar fl-importanza tal-ħidma mwettqa mill-aġenziji reġjonali u lokali tal-enerġija fl-Unjoni kollha. Dawn huma msieħba strateġiċi tal-politika Ewropea tal-enerġija, u l-azzjonijiet tagħhom iridu jkun aktar sostnuti u valorizzati mill-Unjoni Ewropea;
- f. jitlob li jinholq grupp ta' ħidma li jgħaqqad lill-Kummissjoni u lir-rappreżentanti tal-awtoritajiet reġjonali u lokali u n-netwerks tagħhom sabiex tiġi żviluppata perspettiva ġdida għall-effiċjenza tal-enerġija, ibbażata fuq approċċ minn isfel għal fuq;

⁽¹⁾ CdR 241/2008 fin

8. Fir-rigward tas-sitt proġetti prijoritarji identifikati bħala essenzjali mill-UE, il-KtR, mingħajr ma jiddikjara xejn dwar il-kontenut tal-proġetti proposti, jinnota li:

- a. tajjeb li jiġu pprovvuti stimi tal-ispejjeż ta' dawn il-proġetti sabiex ikun jista' jsir paragun raġunat ma' inizjattivi oħra qabel ma jiġu approvati formalment il-proġetti proposti bħala "prijoritarji". Fil-fatt, hemm ir-riskju li dawn il-proġetti jużaw parti konsiderevoli mill-baġit disponibbli;
 - b. xi wħud mis-6 proġetti proposti jidhru li jibbenefikaw minn livell ogħla ta' prijorità minn oħrajn, peress li diġà ġew previsti dispożizzjonijiet pjuttost preċiżi għall-implimentazzjoni tagħhom (it-tħejija ta' komunikazzjonijiet u tal-pjan ta' azzjoni li jinkludu l-mezzi ta' finanzjament) filwaqt li proġetti oħrajn jippreżentaw skeda għall-implimentazzjoni ħafna aktar vaga;
 - c. jirrikonoxxi li l-interkonnessjoni hija essenzjali sabiex jinfirxu r-riskji u tissaħħaħ is-solidarjetà bejn l-Istati Membri. Jaqbel ukoll li hemm bżonn li jsiru bidliet kbar fl-infrastruttura interna tal-enerġija tal-UE sabiex tiġi garantita l-provvista kemm tal-gass kif ukoll tad-dawl għaċ-ċittadini kollha tal-UE. Jenfasizza li dawn il-bidliet fl-infrastruttura tal-enerġija ser ikunu meħtieġa wkoll fil-qafas tal-iżvilupp tal-produzzjoni deċentralizzata tal-enerġija u tal-enerġija rinnovabbli fl-Ewropa. Kull deċiżjoni dwar l-investiment fl-infrastrutturi tal-enerġija Ewropej trid tqis l-oġġettivi tal-Unjoni f'dan il-qasam. Mingħajr ma jikkummenta dwar is-sustanza tas-sitt proġetti proposti dwar l-infrastruttura tal-enerġija, jantiċipa li l-bżonnijiet finanzjarji ddedjalati li ser jiġu identifikati fl-2009-2010 ser ikunu enormi u jhegġegħ li fil-baġits futuri tal-UE tingħata l-prijorità lill-proġetti tal-effiċjenza tal-enerġija u lit-tnaqqis tal-impatt tal-vjaġġi internazzjonali;
9. dejjem fuq is-suġġett tal-investiment, jenfasizza li l-bidla tas-sistema Ewropea tal-enerġija f'sistema aktar deċentralizzata teħtieġ investimenti sinjifikanti, djalogu mal-atturi lokali u reġjonali u rikonoxximent akbar tar-rwol tagħhom fil-politika tal-enerġija;
10. Fir-rigward tal-kapitolu ddedikat għar-riżorsi indiġeni tal-enerġija, jenfasizza li
- a. l-enerġiji rinnovabbli għandhom jingħataw rwol prinċipali, b'konformità mal-oġġettivi "20-20-20" u b'kunsiderazzjoni tal-benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali relatati. Ifakkar l-opinjoni tiegħu dwar "Il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli" ⁽²⁾. Barra minn hekk:
 - jilqa' b'mod favorevoli l-proposta bil-għan li titfassal Komunikazzjoni dwar "Ostakli li jingħelbu għal Enerġiji Rinnovabbli fl-UE". Jitlob li din il-proposta tiġi ppubblikata kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard mill-2010, u li tiġi regolamentar aġġornata u akkumpanjata mill-miżuri meħtieġa għall-eliminazzjoni tal-ostakli identifikati;

⁽²⁾ CdR 160/2008 fin

- ifakkar li l-problemi marbutin man-netwerks tat-trasport u tad-distribuzzjoni huma ċentrali fl-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tipprepara Komunikazzjoni dwar l-iżvilupp ta' sistema mill-aqwa ta' distribuzzjoni Ewropea, imsemmija fit-tieni analiżi strateġika. Primarjament, din il-Komunikazzjoni ser tiffoka fuq il-kwistjonijiet ta' infrastruttura u l-opportunitajiet offruti mit-teknoloġiji ta' "netwerks intelliġenti" (smart grids) bil-għan li jintlaħqu l-objettivi "20-20-20" tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll li ssir transizzjoni għal deċentralizzazzjoni akbar tal-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli. Barra minn hekk, hemm bżonn li l-proposti tat-tieni analiżi strateġika relatati man-netwerks tat-trasport u tad-distribuzzjoni jittqiegħdu fil-kuntest tal-Komunikazzjoni msemmija hawn fuq, sabiex ikun hemm approċċ tasew globali ta' dawn il-kwistjonijiet;
- b. l-enerġija nukleari tiddependi minn kombustibbli prinċipalment importat u għalhekk ma tistax titqies bħala "indigen". Min-naħa l-oħra, l-użu tal-enerġija nukleari għandu konsegwenzi "indiġeni" li huma ta' piż fuq l-awtoritajiet lokali u reġjonali, partikularment fir-rigward tar-riskji marbutin ma' din il-forma ta' enerġija u l-ġestjoni tal-iskart tagħha. F'dan il-kuntest, il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon il-pjanijiet għal "Proposta riveduta għal Direttiva li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sikurezza nukleari" u jissuġġerixxi li f'dan il-qafas għandha tiġi indirizzata wkoll il-kwistjoni tal-ġestjoni sostenibbli tal-iskart nukleari u tal-ispiża tiegħu.
- c. aktar ma jgħaddi ż-żmien anke l-faħam qiegħed isir kombustibbli importat u kemm it-trasport kif ukoll l-kombustjoni tiegħu, li jipproduċu r-residwi, qegħdin johlolqu problemi konsiderevoli relatati mal-emissjonijiet. L-użu kontinwu tiegħu għalhekk għandu jsir f'impjanti b'effiċjenza għolja u b'livelli baxxi ta' emissjonijiet;
- d. jitlob lill-Kummissjoni sabiex iżżomm l-ogħla standards ambjentali matul l-analiżi tal-opportunitajiet relatati mal-użu tar-riżervi indiġeni "mhux konvenzjonali" tal-enerġija fossili (kif imsemmi fil-punt 2.5, paragrafi 7 u 8 tat-tieni analiżi strateġika), u sabiex tqis il-fatturi esterni kollha marbutin mal-użu ta' dawn ir-riżervi matul l-evalwazzjoni tal-profitabilità tagħhom.
- e. jikkunsidra li għandha tingħata prijorità lill-appoġġ sabiex jittejjer r-riċerka u l-iżvilupp għall-isfruttar ta' enerġija maritimi nodfa u rinnovabbli, pereżempju l-enerġija mir-riħ, mill-mewġ, il-marea u l-kurrenti tal-oċean meta wieħed iqis li għalkemm l-enerġija mill-baħar għadhom ma ġewx sfruttati kummerċjalment, l-UE għandha l-potenzjal tikseb vantaġġ kompetittiv u tkun fuq quddiem nett fil-qasam ambjentali.

11. jilqa' b'mod favorevoli l-intenzjoni għal "Komunikazzjoni dwar l-Iffinanzjar ta' Teknoloġiji b'Karbonju Baxx". Peress li din ser tikkunsidra d-dħul iġġenerat fil-kuntest tar-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet, il-KtR jfakkar l-opinjoni tiegħu dwar dan is-suġġett fejn "jirakkomanda li

għall-inqas 30 % tad-dħul mill-irkant tal-kwoti jitwarrab mill-Istati Membri għall-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex jiġi mhegġegħ l-użu ta' enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika fl-użu finali [...]” (1).

Barra minn hekk, jenfasizza li, jekk għandu jsir l-aktar użu effiċjenti possibbli tar-riżorsi baġitarji disponibbli, it-teknoloġiji tal-qabda u l-ħażna tal-karbonju, li għadhom biss fil-bidu tal-iżvilupp tagħhom u għalhekk ma jistgħux isolvu l-problema tal-produzzjoni tal-enerġija jew tas-sigurtà tal-provvista, ma jistgħux jibbenefikaw minn finanzjament disproporzjonat meta mqabbla mat-teknoloġiji fil-qasam tal-effiċjenza tal-enerġija jew tal-enerġiji rinnovabbli.

12. jilqa' b'mod favorevoli l-proposta li tiġi definita aġenda politika sal-2030 u viżjoni għall-2050. Linji gwida strateġiċi ġenwini, deċiżjonijiet ta' investiment u proġetti ta' infrastruttura jistgħu jitqiesu validi biss f'perspettiva ta' perijodu fit-tul. Il-Kumitat jinsab sorpriż li fost il-lista — mhux eżawrjenti — ta' suġġetti msemmija fil-viżjoni għall-2050, jidher li tingħata prijorità lill-fatt li "sal-2050 il-provvista tal-elettriku tal-UE ma jkunx fiha karbonju", peress li huwa proposit li jiġi ttrattat fil-pjan strateġiku li jmiss għat-teknoloġiji tal-enerġiji. Minkejja li bla dubju dan is-suġġett huwa importanti u promettenti, hemm oħrajn li huma urġenti daqsu jekk mhux iktar. Id-definizzjoni ta' viżjoni għall-2050 għandha tippreżenta strateġija globali u mhux tikkonċentra fuq numru limitat ta' prijoritajiet tematiċi.

B. Tfassil mill-ġdid tad-Direttiva dwar il-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini

I. Rakkomandazzjonijiet ta' politika

13. jilqa' b'mod favorevoli l-prinċipju tat-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva dwar il-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini;

14. jenfasizza l-ħtieġa ta' azzjoni rapida u wiesgħa fis-settur tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini, peress li din twassal għal benefiċċji

— favur l-objettivi tal-Unjoni fir-rigward tal-enerġija u tal-klima;

— f'termini soċjali (minħabba il-fatt li ċ-ċittadini qed isibuha dejjem aktar iebes biex ilaħħqu mal-ispejjeż biex isaħħnu djarhom). Barra minn hekk, jenfasizza li ż-żmien ta' kriżi attwali jżid l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi eżistenti bejn iċ-ċittadini li jistgħu jħallsu għal xogħol ta' rinnovazzjoni enerġetika u jibbenefikaw minn tnaqqis fil-kontijiet tal-enerġija u l-għadd dejjem jikber ta' ċittadini li minħabba l-fatt li ma jifilhx għall-ispejjeż tar-rinnovazzjoni ikollhom jif-faċċjaw piżijiet dejjem akbar;

— f'termini ekonomiċi u ta' ħolqien ta' rikkezzi u ta' impjiegi fil-livell lokali;

15. jenfasizza l-urġenja ta' dawn il-kwistjonijiet u għalhekk jitlob lill-Kunsill u lill-Parlament sabiex jassiguraw li jittieħdu deċiżjonijiet rapidi u ambizzjużi rigward dan is-suġġett; jitlob ukoll lill-Istati Membri jevitaw li jirrepetu d-dewmien fit-traspożizzjoni u fl-implimentazzjoni li seħħ fl-ewwel verżjoni ta' din id-Direttiva;

(1) CdR 161/2008 fin

16. bil-għan li tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet fil-qasam tal-enerġija, il-Kummissjoni għandha tnedi programm għall-iskambju ta' prattiki tajbin u tal-użu ta' soluzzjonijiet tekniċi bejn l-Istati Membri, kif ukoll bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali tagħhom; għandu jintuża ukoll l-akkwist pubbliku għall-iżvilupp tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija;

17. ifakkar ir-rwol prinċipali li jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva:

- permezz tal-ġestjoni tal-bini tagħhom,
- bis-saħħa tal-kompetenzi tagħhom fir-rigward tal-ippjanar tat-territorju u l-ħruġ tal-permessi tal-bini, l-użu ta' materjali tal-bini li jiżolaw is-sħana u miżuri sabiex ikun żgurat bini u xogħol ta' żvilupp mill-ġdid ta' kwalità għolja;
- bil-għbir u r-riċiklar ta' materji primi sekondarji biex jiġu koperti l-ispejjeż li bihom ir-riżorsi tal-enerġija jiġu sfruttati b'mod aktar effettiv (għall-elettriku u s-sħana);
- permezz tal-fatt li huma qrib iċ-ċittadini.

Ġew adottati diversi inizjattivi fir-rigward tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini, fuq bażi volontarja, mill-awtoritajiet reġjonali u lokali fl-Ewropa, bl-introduzzjoni pereżempju ta' azzjonijiet bil-għan li jitnaqqas il-konsum tal-enerġija fid-djar u l-bini pubbliki, jew fil-qafas tal-istimolu mill-ġdid taż-żoni urbani. L-Istati Membri jridu jinkorporaw totalment lill-awtoritajiet u lill-atturi reġjonali u lokali bħala msieħba strateġiċi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, jippruvaw jibbenefikaw mill-esperjenza tagħhom u jassiguraw li jiġu promossi u ripetuti l-esperjenzi li taw l-aħjar riżultat. Il-Kumitat għalhekk jistieden lill-awtoritajiet reġjonali u lokali sabiex ikunu involuti fit-tħejija tal-Pjanijiet Nazzjonali ta' Azzjoni.

18. jikkunsidra li t-tfassil mill-ġdid propost isaħħaħ id-Direttiva f'diversi aspetti u b'sodisfazzjon partikulari jilqa':

- il-proposti li b'mod progressiv inaqqsu jew ineħħu l-limiti ta' 1 000m². Jilqa' ż-żamma ta' limitu massimu ta' 250 m² fl-Artikolu 12.1 (riformulazzjoni);
- it-titjib li sar fis-sistema taċ-ċertifikati tal-prestazzjoni tal-enerġija (b'mod partikulari r-reqwizit li jiġu ppubblikati dawn iċ-ċertifikati fir-reklami relatati mal-kiri jew mal-bejgħ tal-bini);

19. jixtieq jenfasizza l-importanza tal-iżvilupp tad-Direttiva fuq il-bażi tal-esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni prattika tagħha, li għandha tiġi analizzata u evalwata. Fost affarijiet oħra, trid tiġi valutata l-importanza ta' ċertifikati tal-prestazzjoni tal-enerġija u l-mod kif dawn jifasslu. Approċċ flessibbli jista' jgħin fir-riżoluzzjoni ta' problemi minħabba nuqqas ta' ħliet, f'każijiet fejn din kienet kwistjoni;

20. iqis li l-metodoloġija komparattiva proposta għall-kalkolu ta' livelli ta' spiża ottimali għar-reqwiziti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija tista' tikkostitwixxi strument ta' benchmarking effikaċi fil-livell Ewropew. Madankollu jistieden lill-Kummissjoni sabiex tqis il-fatturi esterni kollha matul it-tħejija ta' din il-metodoloġija, b'mod partikulari l-ispiża tal-inazzjoni (degradazzjoni tal-ambjent, tas-saħħa, tal-kompetittività, eċċ. iġġenerata minn investiment baxx fl-effiċjenza tal-enerġija) kif ukoll l-effetti pożittivi ta' investimenti fl-effiċjenza tal-enerġija (f'termini ta' ħolqien ta' impjieġ u ta' rikkezzi, ta' appoġġ għar-riċerka, tal-awtonomija tal-enerġija, tal-kwalità u tas-sostenibilità tal-bini mibni, eċċ.);

21. huwa importanti wkoll li tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li l-effiċjenza tal-enerġija tal-bini tittejjeb mingħajr l-ebda investiment, pereżempju billi jsir l-aħjar użu minnu u titħeġġeġ il-parteċipazzjoni tal-utenti. Jeżistu bosta awtoritajiet lokali u reġjonali li rnexxew f'dan il-qasam;

22. jenfasizza l-bżonn li l-pubbliku jkun infurmat kompletament dwar il-parametri użati għall-kalkolu tar-rabta bejn l-ispiża u l-effettività (cost effectiveness) tar-rakkomandazzjonijiet li jidhru fuq iċ-ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija, u dan sabiex ikun hemm fehim ċar tal-kalkolu li sar, u sabiex iċ-ċittadini jingħataw il-possibbiltà li jerġgħu jivvalutaw rabta bejn l-ispiża u l-effettività tal-miżuri tal-effiċjenza tal-enerġija bbażati fuq fatturi ġodda (tibdil fil-prezz tal-enerġija, inċentivi mogħtija mill-awtoritajiet pubbliċi, kemm idum jintuża t-tagħmir, eċċ.);

23. jenfasizza, fost il-miżuri proposti l-ġodda, l-utilità tar-rapporti mitluba lill-Istati Membri (fost oħrajn, fl-Artikoli 5(2) u 9(3)). Sabiex tiġi garantita r-rilevanza ta' dawn ir-rapporti, id-Direttiva trid timponi l-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali għat-tħejija tagħhom;

24. ifakkar l-opinjoni tiegħu dwar il-“Promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli”⁽¹⁾, u b'mod favorevoli jilqa' l-introduzzjoni ta' livelli ta' koordinazzjoni bejn din id-Direttiva u atti leġiżlattivi Ewropej importanti oħra f'dan il-qasam, b'mod partikulari d-Direttiva dwar servizzi ta' enerġija (2006/32/KE) kif ukoll fir-rigward tal-proposti eżistenti u tal-ġejjieni relatati mal-akkwist pubbliku li jirrispettaw l-ambjent. Dan il-livell ta' koordinazzjoni jsaħħaħ il-koerenza tal-leġiżlazzjoni kollha u jnaqqas il-piż minn fuq l-Istati Membri billi jgħaqqad ir-rapporti differenti li jridu jippreparaw;

25. jilqa' b'mod pożittiv l-oġettiv li jiżdied in-numru ta' “bini li għandu emissjonijiet tas-CO₂ u l-konsum tal-enerġija primarja li huma baxxi jew xejn” u l-bżonn li s-settur pubbliku jmexxi bl-eżempju f'dan il-qasam;

26. madankollu jfakkar li l-għan aħħari tad-Direttiva huwa li tiġi ffrankata l-enerġija sabiex jitnaqqas l-impatt fuq l-ambjent. L-istabbiliment ta' definizzjoni tal-“bini li għandu emissjonijiet tas-CO₂ u l-konsum tal-enerġija primarja li huma baxxi jew xejn” m'għandhiex twassal sabiex il-bini b'emissjonijiet baxxi ta' CO₂ jiġi preferut mill-bini b'konsum baxx ta' enerġija. Barra minn hekk, l-impatt ambjentali globali għandu dejjem jieħu preċedenza fuq l-uniku kriterju tal-emissjonijiet ta' CO₂;

⁽¹⁾ CdR 160/2008 fin

27. jenfasizza wkoll l-benefiċċji kif ukoll l-isfida li jirrappreżenta l-obbligu li jsir kontroll tal-kwalità taċ-ċertifikati ta' prestazzjoni tal-enerġija u tar-rapporti ta' spezzjoni. Din il-miżura ser tkun essenzjali għat-titjib sinjifikanti tal-kwalità tal-bini fl-Ewropa;

28. jenfasizza li l-kwistjoni tal-perijodu li matulu jitwettqu x-xogħlijiet ser taffettwa b'mod sostanzjali l-impatt globali tad-Direttiva. Għalhekk, il-Kumitat

- jilqa' b'mod favorevoli l-proposta tad-Direttiva li l-ghajjnuna kollha għall-kostruzzjoni jew għar-rinnovazzjoni tkun konformi mal-istandards tal-prestazzjoni tal-enerġija. Din għandha tiġi implimentata kemm jista' jkun malajr iżda jkun aħjar li din ir-rabta tiġi stabbilita mill-programmi speċifiċi nazzjonali u lokali;
- jipproponi li ssir riflessjoni fuq mekkaniżmu li jstabilixxi, matul iċ-ċiklu ta' ħajja tal-bini, mument ta' konformità obbligatorja tal-livell tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini. Dispożizzjoni bħal din għandha l-għan li tippromovi titjib rapidu tal-kwalità tal-bini eżistenti permezz tal-introduzzjoni ta' mument privileġġjat ta' rinnovazzjoni tal-enerġija;

29. jenfasizza li l-implimentazzjoni tad-Direttiva teħtieġ sforz konsiderevoli fit-taħriġ. F'dan ir-rigward, huwa propost li tiddaħħal dispożizzjoni li tistabilixxi

- obbligu għall-Istati Membri li jieħdu l-miżuri kollha neċesarji għall-evalwazzjoni u s-sodisfazzjon tal-bżonnijiet f'dan il-qasam b'mod adegwat u b'mod partikulari li jipprovdu fondi adegwati b'tali mod li tiġi assicurata d-disponibilità ta' persunal kwalifikat,
- obbligu li ssir referenza għal dan is-suġġett fil-Pjanijiet Nazjonali ta' Azzjoni relatati mal-effiċjenza tal-enerġija.

30. Fir-rigward tat-taħriġ professjonali, jenfasizza s-suċċess tan-numru ta' inizjattivi fil-livell lokali u reġjonali mmirati għall-katina tal-kostruzzjoni permezz tal-ħolqien ta' gruppi ta' diskussjoni li jiġbru korpi differenti ta' ħaddiema (plumbers, tile-layers, electricians, eċċ.) bil-għan li tiġi diskussa l-interazzjoni bejn ir-rwoli differenti fil-proċess tal-kostruzzjoni ta' bini. Dawn l-esperjenzi ħallew impatt pożittiv fuq il-kwalità tal-proċess tal-kostruzzjoni inġenerali, u minħabba f'hekk, tal-bini nnifsu. Fil-gruppi fejn l-effiċjenza tal-enerġija ġiet identifikata bħala objettiv li għandu jinkiseb, instabu soluzzjonijiet effikaċi u innovattivi permezz tal-interazzjoni bejn il-korpi differenti ta' xogħol;

31. jenfasizza l-bżonn li jiġu evalwati tajjeb l-ispejjeż reali inizjali li din id-Direttiva teħtieġ sabiex ikun hemm disponibbli strumenti finanzjarji adegwati bbażati fuq l-inċentivi sabiex tiġi sostnuta u titħaffef l-implimentazzjoni tad-Direttiva. F'dan il-kuntest,

- a. bi pjaċir jilqa' l-fatt li l-pjan ta' rkupru ekonomiku mressaq mill-Kummissjoni f'Diċembru 2008 jirrikonoxxi l-investimenti fl-effiċjenza tal-enerġija bħala opportunità għall-ekonomija Ewropea;

- b. jikkundanna bil-kbir madankollu li f'Marzu 2009, il-proposta ta' kompromess approvata mill-Kunsill Ewropew għall-finanzjament tal-proġetti ta' infrastruttura ppreżentati mill-Kummissjoni bħala parti mill-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku ma tinkludi l-ebda investment fi proġetti li għandhom l-għan li jtejbu l-effiċjenza fl-enerġija;

madankollu, proġetti bħal, pereżempju, l-Energy Smart Buildings Campaign (kampanja għall-bini enerġetikament intelliġenti), imħejjija mill-Kunsill Ewropew għall-Enerġiji Rinovabbli (EREC) fuq il-bażi ta' esperjenzi konkreti fis-settur tal-enerġiji rinnovabbli, teħtieġ biss investment limitat għal-livell tal-pjan ta' rkupru (EUR 300 miljun), u tħalli impatt prinċipali fir-rigward tal-enerġija, l-ambjent u l-ħolqien ta' impjeggi (stima ta' 150 000 impjeggi g'did), li malajr jiġġeneraw aktar attività ekonomika (b'riżultati mistennija wara l-2010) u jkollha effett multiplikatur importanti ħafna (kull EUR investit fil-kampanja jiġġenera sa EUR 33 f'investment f'bini iktar effiċjenti fl-enerġija).

Il-proġett Energy Smart Building Campaign huwa bbażat fuq ir-rabta ta' tliet kampanji promozzjonali favur bini enerġetikament intelliġenti, li huma immirati 1) għall-proprietarji; 2) għall-istrutturi b'effett multiplikatur u 3) għall-professjonijiet (inkluż attivitajiet ta' taħriġ);

- c. jenfasizza l-importanza li jkun hemm aċċess imħaffef għall-fondi strutturali għall-investment fil-qasam tal-effiċjenza tal-enerġija fil-bini. F'dan il-kuntest,

- jilqa' b'mod favorevoli l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea li temenda r-Regolamenti relatati mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali sabiex jiġu promossi l-investimenti relatati mal-effiċjenza fl-enerġija (1);

- jitlob lill-Istati Membri jikkunsidraw b'attenzjoni r-reviżjoni ta' ċerti partijiet tal-programmi tagħhom ta' tħaddim sabiex l-effiċjenza tal-enerġija fil-bini tingħata aktar prominenza, b'mod partikulari fil-bini soċjali;

- d. jappoġġja l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea li tawtorizza b'mod permanenti l-applikazzjoni ta' rati mnaqqsa fuq il-valur miżjud fis-settur tal-bini, inkluż għal xogħlijiet ta' rinnovazzjoni (2);

- e. jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea għall-iżvilupp ta' strumenti finanzjarji bil-għan li ttejjeb l-effiċjenza tal-enerġija, bi sħubija mal-BEI (il-Bank Ewropew tal-Investment) u l-BERŻ (il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp). Ifakkar li waħda mill-kwistjonijiet essenzjali meta jinħolqu dawn l-istrumenti finanzjarji hija li jsiru aċċessibbli għall-awtoritajiet lokali u reġjonali, sabiex dawn tal-aħħar jiġu appoġġjati fir-rwol tagħhom ta' atturi ċentrali għall-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini.

- f. jenfasizza l-bżonn li jkun hemm koordinazzjoni bejn il-fondi speċifiċi Komunitarji u l-fondi nazzjonali.

(1) COM(2008) 838/3 finali

(2) COM(2008) 428 finali

II. RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAL EMENDA

Emenda 1

Artikolu 5 (1)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sal-31 ta' Diċembru 2010 metodoloġija komparattiva għall-kalkolu tal-livelli ta' spiża ottimali għar-reqwiziti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija għall-bini jew partijiet minnu. Il-metodoloġija komparattiva għandha tidifferenzja bejn bini ġdid u eżistenti u bejn kategoriji differenti ta' bini.</p> <p>Dawn il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 19(2).</p>	<p>1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sal-31 ta' Diċembru 2010 metodoloġija komparattiva għall-kalkolu tal-livelli ta' spiża ottimali għar-reqwiziti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija għall-bini jew partijiet minnu. Il-metodoloġija komparattiva għandha tidifferenzja bejn bini ġdid u eżistenti u bejn kategoriji differenti ta' bini.</p> <p>Dawn il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 19(2).</p>

Raġuni

Emenda teknika li tikkoreġi żball ċar li jikkonċerna referenza interna fid-dokument.

Emenda 2

Artikolu 5 (2)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>2. L-Istati Membri għandhom jikkalkulaw il-livelli ta' spiża effettiva tar-reqwiziti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija billi jużaw il-metodoloġija komparattiva stabbilita skont il-paragrafu 1 u parametri rilevanti, bħall-kundizzjonijiet klimatiċi, u jqabblu r-riżultati ta' dan il-kalkolu mar-reqwiziti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija li stipulaw.</p> <p>Għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni d-dejta mdaħħla u l-assunzjonijiet kollha użati għal dawk il-kalkoli u r-riżultati kollha tal-kalkoli. Ir-rapport jista' jiġi inkluż fil-Pjani ta' Azzjoni għall-Effiċjenza tal-Enerġija msemmija fl-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2006/32/KE. L-Istati Membri għandhom iressqu dawn ir-rapporti lill-Kummissjoni kull tliet snin. L-ewwel rapport għandu jitressaq sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2011.</p>	<p>2. L-Istati Membri għandhom jikkalkulaw il-livelli ta' spiża effettiva tar-reqwiziti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija billi jużaw il-metodoloġija komparattiva stabbilita skont il-paragrafu 1 u parametri rilevanti, bħall-kundizzjonijiet klimatiċi, u jqabblu r-riżultati ta' dan il-kalkolu mar-reqwiziti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija li stipulaw.</p> <p>Għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni d-dejta mdaħħla u l-assunzjonijiet kollha użati għal dawk il-kalkoli u r-riżultati kollha tal-kalkoli. Ir-rapport <u>ser jitħejja f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet u l-atturi reġjonali u lokali, u jista' jiġi inkluż fil-Pjani ta' Azzjoni għall-Effiċjenza tal-Enerġija msemmija fl-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2006/32/KE.</u> L-Istati Membri għandhom iressqu dawn ir-rapporti lill-Kummissjoni kull tliet snin. L-ewwel rapport għandu jitressaq sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2011.</p>

Raġuni

Sabiex tiġi żgurata l-eżattezza tar-rapporti mitluba lill-Istati Membri fil-qafas ta' din id-Direttiva, huwa importanti li dawn jithejju f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet u l-atturi reġjonali u lokali.

Emenda 3

Artikolu 9 (3)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw il-pjani nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1 lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2001 u jirrapportaw lill-Kummissjoni kull tliet snin dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjani nazzjonali tagħhom. Il-pjani nazzjonali u r-rapporti dwar il-progress jistgħu jiġu inklużi fil-Pjani ta' Azzjoni għall-Effiċjenza ta' Enerġija msemmija fl-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2006/32/KE.</p>	<p>3. L-Istati Membri għandhom <u>jikkomunikawhejju</u> il-pjani nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1 <u>f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet u l-atturi reġjonali u lokali u jikkomunikawhom</u> lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2001 u jirrapportaw lill-Kummissjoni kull tliet snin dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjani nazzjonali tagħhom. Il-pjani nazzjonali u r-rapporti dwar il-progress jistgħu jiġu inklużi fil-Pjani ta' Azzjoni għall-Effiċjenza ta' Enerġija msemmija fl-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2006/32/KE.</p>

Raġuni

Sabiex tiġi żgurata l-eżattezza tar-rapporti mitluba lill-Istati Membri fil-qafas ta' din id-Direttiva, huwa importanti li dawn jithejju f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet u l-atturi reġjonali u lokali.

Emenda 4

Artikolu 10 (3)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>3. Ir-rakkomandazzjonijiet inklużi fiċ-ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija għandhom ikunu teknikament fattibbli għall-bini speċifiku u għandhom jipprovdu informazzjoni trasparenti fir-rigward tal-effettività tal-ispiża tagħhom. L-<u>evalwazzjoni tal-effettività tal-ispiża għandha tkun ibbażata fuq sett ta' kundizzjonijiet standard, bħal fuq il-valutazzjoni tal-iffrankar tal-enerġija u l-prezzijiet sottostanti tal-enerġija u r-rati tal-imgħax għall-investimenti meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet.</u></p>	<p>3. Ir-rakkomandazzjonijiet inklużi fiċ-ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija għandhom ikunu teknikament fattibbli għall-bini speċifiku u għandhom jipprovdu informazzjoni trasparenti fir-rigward tal-effettività tal-ispiża tagħhom u <u>ż-żmien stimat għall-ħlas lura (mingħajr ma jiġu inklużi l-inċentivi finanzjarji jew l-iskemi ta' appoġġ).</u> L-<u>evalwazzjoni tal-effettività tal-ispiża għandha tkun ibbażata fuq sett ta' kundizzjonijiet standard, bħal fuq il-valutazzjoni tal-iffrankar tal-enerġija u l-prezzijiet sottostanti tal-enerġija u r-rati tal-imgħax għall-investimenti meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet. Id-data, il-valuri u l-metodi ta' kalkolu użati għall-<u>evalwazzjoni tal-effettività tal-ispiża għandhom jidhru b'mod ċar fiċ-ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija.</u></u></p>

Raġuni

Iċ-ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija għandu jipprovdi lill-pubbliku rakkomandazzjonijiet ċari u li jinftehmha faċilment, u jagħmilha possibbli li fi kwalunkwe ħin isir paragun bejn l-evalwazzjonijiet tal-effettività tal-ispiża, kif ikkalkulati matul it-tħejjija taċ-ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija bil-kondizzjonijiet reali, b'kunsiderazzjoni tal-bidliet fis-sitwazzjoni (bidla fil-prezz tal-enerġija, fir-rati tal-interessi, fl-ispiża tat-tagħmir, eċċ.) u/jew tal-fatturi l-ġodda (inċentivi pprovduti mill-awtoritajiet pubbliċi, perijodu għall-użu tal-programm, eċċ.).

Emenda 5

Artikolu 12 (2)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri sabiex jiżguraw li meta l-erja totali utli tal-art ta' aktar minn 250 m² li għaliha jkun inħareġ ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija skont l-Artikolu 11(1) iżurha spiss il-pubbliku, jitpoġġa f'post viżibbli għal pubbliku <u>ċ-ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija.</u></p>	<p>2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri sabiex jiżguraw li meta l-erja totali utli tal-art ta' aktar minn 250 m² li għaliha jkun inħareġ <u>ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija skont l-Artikolu 11(1) iżurha spiss il-pubbliku, jitpoġġa f'post viżibbli għal pubbliku ċ-ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija ta' dak il-bini.</u></p>

Raġuni

Il-wiri taċ-ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija fil-bini li jżuru spiss il-pubbliku jkollu impatt importanti sabiex iċ-ċittadini jsiru konxji mill-importanza tal-kwistjonijiet marbutin mal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini.

Emenda 6

Artikolu 15 (2b)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>2b. rakkomandazzjonijiet għat-titjib bi spiża effettiva tal-prestazzjoni tal-enerġija tas-sistema tal-bini jew ta' partijiet minnu.</p> <p>Ir-rakkomandazzjonijiet imsemmija fil-punt (b) għandhom ikunu speċifiċi għas-sistema u għandhom jipprovdu informazzjoni trasparenti fir-rigward tal-effettività fl-ispiża tagħhom. L-<u>evalwazzjoni tal-effettività tal-ispiża għandha tkun ibbażata fuq sett ta' kundizzjonijiet standard, bħal fuq il-valutazzjoni tal-iffrankar tal-enerġija u l-prezzijiet sottostanti tal-enerġija u r-rati tal-imgħax għall-investimenti.</u></p>	<p>2b. rakkomandazzjonijiet għat-titjib bi spiża effettiva tal-prestazzjoni tal-enerġija tas-sistema tal-bini jew ta' partijiet minnu.</p> <p>Ir-rakkomandazzjonijiet imsemmija fil-punt (b) għandhom ikunu speċifiċi għas-sistema u għandhom jipprovdu informazzjoni trasparenti fir-rigward tal-effettività fl-ispiża tagħhom u <u>ż-żmien stimat għall-ħlas lura (mingħajr ma jiġu inklużi l-inċentivi finanzjarji jew l-iskemi ta' appoġġ).</u> L-<u>evalwazzjoni tal-effettività tal-ispiża għandha tkun ibbażata fuq sett ta' kundizzjonijiet standard, bħal fuq il-valutazzjoni tal-iffrankar tal-enerġija u l-prezzijiet sottostanti tal-enerġija u r-rati tal-imgħax għall-investimenti. Id-data, il-valuri u l-metodi ta' kalkolu użati għall-<u>evalwazzjoni tal-effettività tal-ispiża għandhom jidhru b'mod ċar fiċ-ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija.</u></u></p>

Raġuni

Ir-rapporti ta' spezzjoni għandhom jipprovdu lill-pubbliku rakkomandazzjonijiet ċari u li jinftexmu faċilment, u jagħmluha possibbli li fi kwalunkwe ħin isir paragun bejn l-evalwazzjonijiet tal-effettività tal-ispiża, kif ikkal-kulati matul it-tħejjija tar-rapporti ta' spezzjoni bil-kondizzjonijiet reali, b'kunsiderazzjoni tal-bidliet fis-sitwazzjoni (bidla fil-prezz tal-enerġija, fir-rati tal-interessi, fl-ispiża tat-tagħmir, eċċ.) u/jew tal-fatturi l-ġodda (inċentivi pprovduti mill-awtoritajiet pubbliċi, perijodu għall-użu tal-programm, eċċ.).

Emenda 7

Artikolu 17 (a) ġdid

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p>17 (a) <i>Taħriġ</i></p> <p>1. <u>L-Istati Membri, f'koordinazzjoni mal-awtoritajiet u l-atturi reġjonali u lokali, għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jassiguraw it-taħriġ tal-ispeċjalisti tas-settur tal-bini għat-teknoloġiji l-ġodda, metodi u materjali li jwasslu għal titjib fil-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini ġdid u eżistenti. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri għandhom jassiguraw taħriġ adegwat, kontinwu u aċċessibbli għall-ispeċjalisti kollha li huma diġà attivi f'dan il-qasam. Barra minn hekk, għandhom jassiguraw li l-korsijiet ta' taħriġ għall-ispeċjalisti tal-gejjeni jkunu riveduti u regolarment adattati kif meħtieġ. L-Istati Membri, f'koordinazzjoni mal-awtoritajiet u l-atturi lokali u reġjonali, għandhom jassiguraw ukoll li jeżisti taħriġ aċċessibbli għal kulħadd u b'kapaċità adegwata sabiex jiġi mħarreġ numru adegwat ta' esperti ċertifikati għall-ħruġ taċ-ċertifikati tal-prestazzjoni tal-enerġija u għall-ispezzjoni tas-sistemi tekniċi, kif imfissra fl-Artikoli 13 u 14 ta' din id-Direttiva.</u></p> <p>2. <u>L-Istati Membri ser jagħtu rapport dwar l-inizjattivi li ttieħdu u r-riżultati miksuba fil-qasam tat-taħriġ kif imfissra fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu, kif ukoll dwar il-miżuri ġodda li beħsiebhom jieħdu fejn ikun meħtieġ. Għall-iskopijiet ta' dan ir-rapport, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet u l-atturi reġjonali u lokali, l-Istati Membri ser iwettqu studju dwar il-ħtiġijiet fil-qasam tat-taħriġ bil-għan li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri ser iqabblu l-inizjattivi, meħuda jew ippjanati, u r-riżultati tagħhom fid-dawl tal-konklużjonijiet ta' dan l-istudju.</u></p> <p>3. <u>L-Istati Membri ser iħejju r-rapporti msemmija fil-paragrafu (2) ta' dan l-Artikolu b'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet u l-atturi reġjonali u lokali u ser jippreżentawhom mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2011. Jippreżentaw rapport ġdid kull 3 snin. Dan ir-rapport jista' jiġi inkluż fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Effiċjenza tal-Enerġija ddefinit fl-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2006/32/KE. Il-Kummissjoni ser tippubblika rapport dwar il-progress tal-Istati Membri fil-qasam tat-taħriġ tal-professionisti. Dan ir-rapport ser jinkludi paragun tal-istudji nazzjonali dwar il-ħtieġa tat-taħriġ. Fejn adegwat, ser tressaq ukoll rakkomandazzjonijiet u linji gwida fil-qasam tat-taħriġ tal-professionisti fil-kuntest ta' din id-Direttiva.</u></p>

Raġuni

L-implimentazzjoni b'suċċess ta' din id-Direttiva teħtieġ sforzi sinjifikanti fit-taħriġ, li jridu jitfissru u jsiru obbligatorji mid-Direttiva, inkluż id-definizzjoni ta' oġġettivi u obbligu ta' rappurtaġġ.

Emenda 8

Artikolu 19

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jinfurmaw lis-sidien jew l-okkupanti tal-binjiet jew partijiet minnhom dwar il-metodi differenti u l-prattiċi li jservu sabiex tkun imtejba l-prestazzjoni tal-enerġija.	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jinfurmaw lis-sidien jew l-okkupanti tal-binjiet jew partijiet minnhom dwar il-metodi differenti u l-prattiċi li jservu sabiex tkun imtejba l-prestazzjoni tal-enerġija.
L-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jipprovdu informazzjoni lis-sidien u lill-okkupanti tal-bini dwar iċ-ċertifikati tal-prestazzjoni tal-enerġija u r-rapporti tal-ispezzjoni, l-iksop u l-għanijiet tagħhom, modi ta' spiża effettivi għat-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini, u dwar konsegwenzi għaż-żmien mezzan u ż-żmien fit-tul jekk ma tittieħed ebda azzjoni biex tittejjeb il-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini.	L-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jipprovdu informazzjoni lis-sidien u lill-okkupanti tal-bini dwar iċ-ċertifikati tal-prestazzjoni tal-enerġija u r-rapporti tal-ispezzjoni, l-iksop u l-għanijiet tagħhom, modi ta' spiża effettivi għat-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini, u dwar konsegwenzi għaż-żmien mezzan u ż-żmien fit-tul jekk ma tittieħed ebda azzjoni biex tittejjeb il-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini.
	L-Istati Membri għandhom jinvolve u jikkonsultaw mal-awtoritajiet lokali fi stadju bikri, sabiex jiżviluppaw l-informazzjoni u l-programmi li jżidu l-għarfien.

Raġuni

Id-dispożizzjonijiet tar-riformulazzjoni tad-direttiva jħallu impatt fuq l-awtoritajiet lokali f'ħafna modi, meta tqis ir-responsabbiltajiet tagħhom fil-qasam tal-ippjanar, bħala sidien u maniġers ta' firxa wiesgħa u diversa ta' proprjetà, inkluża l-akkomodazzjoni soċjali. Il-fatt li l-gvernijiet lokali huma qrib iċ-ċittadini jagħtihom ukoll rwol ewlieni fl-għoti ta' informazzjoni u inċentivi sabiex ir-residenti u s-sidien ikunu jistgħu jtejjbu l-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini tagħhom, u biex ibiddlu l-imġieba tagħhom fil-konsum tal-enerġija. L-awtoritajiet lokali wkoll għandhom ħafna esperjenza u għarfien espert x'joffru f'dan il-qasam.

Brussell, il-21 ta' April 2009.

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
 Luc VAN DEN BRANDE

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar proposta għal deċiżjoni li tistabbilixxi l-programm “MEDIA Mundus”

(2009/C 200/10)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

- jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea biex twaqqaf il-programm MEDIA Mundus;
- huwa tal-fehma li t-twaqqif u l-implimentazzjoni ta' programm għall-promozzjoni ta' kooperazzjoni internazzjonali wiesgħa fis-settur awdjoviżiv, bil-għan li jissaħħu r-rabtiet kemm kulturali kif ukoll kummerċjali bejn l-industrija ċinematografika Ewropea u dik ta' pajjiżi terzi, huwa l-mod għust kif jiġu indirizzati l-isfidi attwali assoċjati mal-bidla fil-qasam awdjoviżiv internazzjonali;
- jinnota li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jaqdu rwol importanti fil-promozzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi lokali u reġjonali, u jistgħu tabilħaqq isaħħu l-produzzjoni awdjoviżiva u jikkontribwixxu b'mod attiv għall-promozzjoni tad-diversità kulturali u d-djalogu interkulturali;
- jenfasizza li s-settur awdjoviżiv, kif qed jiġi ssuġġerit hawn fuq, mhuwiex biss industrija ta' importanza ewlenija għall-iżvilupp, il-kompetittività u l-impjieg, iżda huwa wkoll sfera kruċjali li tħares u tippromovi l-identità kulturali u d-diversità lokali u reġjonali. Is-settur huwa magħmul b'tali mod li huwa fattur ewlieni fl-iżvilupp tal-valuri soċjali Ewropej u t-tħaddim tas-soċjetajiet demokratiċi, peress li x-xogħlijiet awdjoviżivi jistgħu jaqdu rwol importanti fit-tiswir ta' identità Ewropea.

Rapporteur: Is-Sur Ioannis Sgouros (EL/PSE), Prefett ta' Ateni

Dokument ta' referenza

Proposta għal deċizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm ta' kooperazzjoni fil-qasam awdjoviżiv ma' nies professjonisti minn pajjiżi terzi msejjaħ "MEDIA Mundus"

COM(2008) 892 finali

I. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

1. jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea biex twaqqaf il-programm MEDIA Mundus;

2. għalhekk jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal "programm ta' appoġġ sabiex ikun hemm promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn il-professjonisti tal-industrija awdjoviżiva Ewropea u l-professjonisti tal-industrija f'pajjiżi terzi għall-benefiċċju reċiproku tal-parteċipanti kollha";

3. huwa tal-fehma li t-twaqqif u l-implimentazzjoni ta' programm għall-promozzjoni ta' kooperazzjoni internazzjonali wiesgħa fis-settur awdjoviżiv, bil-għan li jissaħħu r-rabtiet kemm kulturali kif ukoll kummerċjali bejn l-industrija ċinematografika Ewropea u dik ta' pajjiżi terzi, huwa l-mod ġust kif jiġu indirizzati l-isfidi attwali assoċjati mal-bidla fil-qasam awdjoviżiv internazzjonali, speċjalment b'riżultat tal-iżviluppi teknoloġiċi u n-nuqqasijiet strutturali li jaffettwaw iċ-ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej fis-swieq ta' pajjiżi terzi, u li qed iwaqqfu s-settur awdjoviżiv Ewropew milli jahta opportunitajiet internazzjonali u jdgħajfu l-kompetittività tiegħu;

4. jinnota l-ħtieġa għal kooperazzjoni internazzjonali fis-settur awdjoviżiv u għall-ħarsien u l-promozzjoni tad-diversità ta' espressjonijiet kulturali, kif imfisser fil-Konvenzjoni tal-UNESCO rratifikata mill-Komunità Ewropea flimkien ma' 13-il Stat Membru fit-18 ta' Diċembru 2006;

5. jaqbel li d-deċizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea hija importanti ħafna, minħabba l-fatt li l-programmi Komunitarji eżistenti fil-qasam tal-appoġġ awdjoviżiv (MEDIA 2007, Euromed Audiovisual II jew il-programm UE-AKP għaċ-ċinema) ma jistgħux jindirizzaw l-isfidi kollha li jinħolqu mill-internazzjonalizzazzjoni rapida tas-settur awdjoviżiv (jew għax tfasslu għal kooperazzjoni fi ħdan l-Unjoni Ewropea jew għax iwiegħbu għall-ħtiġijiet tal-politika tal-iżvilupp u mhux għal dawk tal-politika industrijali);

6. jaħseb ukoll li r-reazzjoni pożittiva ħafna tal-professjonisti tal-industrija, li tidher biċ-ċar mill-konsultazzjoni miftuħa li saret bl-Internet bejn l-10 ta' April u l-25 ta' Ġunju 2008, tagħti prova li hemm bżonn li jitwaqqaf il-programm MEDIA Mundus;

7. jaħseb ukoll li huwa importanti li — skont ir-riżultati tal-konsultazzjoni miftuħa — il-prijoritajiet għal azzjoni magħżula huma t-taħriġ, l-iffaċilitar tal-koproduzzjonijiet u d-distribuzzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi u l-għarfien ċinematografiku;

8. jaċċetta l-konklużjoni tal-evalwazzjoni tal-impatt li tgħid li "l-ħolqien ta' strument ġdid huwa l-iktar mod effettiv u effiċjenti biex jiġu ssodisfati l-għanijiet ġenerali u speċifiċi u biex ikun hemm rispons għall-isfidi li ġejjin mill-internazzjonalizzazzjoni tas-swieq awdjoviżivi";

L-għanijiet ewlenin tal-programm MEDIA Mundus

9. jaqbel li l-programm MEDIA Mundus ser jgħin biex tissaħħa il-kompetittività tas-settur awdjoviżiv Ewropew fis-swieq internazzjonali, u fl-istess ħin biex jissaħħa ir-rwol kulturali u politiku tal-Ewropa fid-dinja; jaqbel li d-distribuzzjoni dinjija tax-xogħlijiet awdjoviżivi ser tiġi ffaċilitata b'mod konsiderevoli billi tiġi estiża l-għażla għall-konsumatur, iżda wkoll billi tissaħħa b'mod sostanzjali d-diversità kulturali;

10. jemmen li l-iskambju ta' għarfien espert tas-suq ser isahħa kemm il-kompetittività tas-settur awdjoviżiv Ewropew kif ukoll dik ta' pajjiżi terzi, filwaqt li ser ikun hemm żieda fid-domanda pubblika għad-diversità kulturali;

11. jenfasizza l-importanza partikulari tal-objettiv marbut mal-iffaċilitar tal-koproduzzjonijiet, li l-professjonisti identifikaw bħala prijorità fil-konsultazzjoni miftuħa;

12. jinnota wkoll il-ħtieġa li jiddaħħal fil-prattika l-prinċipju tat-trattament pożittiv għal Stati Membri b'settur awdjoviżiv żgħir; għaldaqstant jemmen li għandha tingħata attenzjoni partikulari lil dawk il-pajjiżi li ma jipproduċux numru kbir ta' xogħlijiet awdjoviżivi u li jiffaċċjaw ostakoli ikbar minħabba l-karatteristiċi ġeografiċi u lingwistiċi tagħhom;

13. jiġbed l-attenzjoni għar-rwol tal-MEDIA Mundus bħala mezz għall-promozzjoni tad-diversità kulturali u d-djalogo interkulturali fil-livell Ewropew u internazzjonali; għaldaqstant jenfasizza d-differenza bejn MEDIA Mundus u programmi Komunitarji oħrajn relatati mas-settur awdjoviżiv, li ġejja mill-fatt li l-għanijiet tal-programm MEDIA Mundus jikkonċentraw fuq il-kooperazzjoni internazzjonali bil-għan li tiġi promossa l-kompetittività tal-industrija awdjoviżiva fuq livell globali;

14. japprova l-mod kif jaħdem il-programm, jiġifieri skont il-prinċipju tal-benefiċċju reċiproku, li jinvolvi proposti konġunti għal proġetti ma' professjonisti minn pajjiżi terzi;

15. jikkunsidra bħala sodisfaċenti l-kundizzjonijiet li jistipulaw li xogħlijiet prodotti minn konsorzji biss jingħataw fondi, sabiex ikun żgurat netwerking internazzjonali;

16. għandu d-dubbi dwar ir-rekwiżit li "kull proġett għandu jkollu minimu ta' tliet imsieħba";

17. jikkumenta wkoll li fir-rigward tal-finanzjament ta' proġetti, il-burokrazija u l-formalitajiet għat-tressiq tal-proposti, għall-ħolqien u t-tħaddim ta' netwerks ta' kooperazzjoni kif ukoll għar-rappurtar għandhom jinżammu kemm jista' jkun limitati;

18. jenfasizza wkoll li għandha tiġi ggarantita trasparenza totali fil-proċess tal-għażla ta' xogħlijiet li għandhom jingħataw il-fondi u li jista' jkun li l-kriterji ta' evalwazzjoni jkollhom jiġu rfinati;

Kummenti ġenerali dwar l-oġettivi tal-programm MEDIA Mundus

19. jinnota li MEDIA Mundus jipprovdi reazzjoni effettiva għall-problema tal-frammentazzjoni tal-industrija ċinematografika Ewropea, bil-promozzjoni ta' inizjattivi għal netwerking u kooperazzjoni bejn l-operaturi fis-settur awdjoviżiv; għaldaqstant, jemma b'mod partikulari li dan il-programm joffri opportunità tajba sabiex jiġu appoġġjati l-SMEs;

20. għaldaqstant jemma li jagħmel sens li niffokaw fuq il-ħolqien ta' impjeggi speċjalizzati u fuq il-provvista ta' iktar taħriġ għall-professjonisti tal-oqsma tal-programmazzjoni, it-tekniki tax-xandir, id-distribuzzjoni u l-bejgħ internazzjonali, kif ukoll fuq il-promozzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi;

21. jemma ukoll li l-promozzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u għarfien tekniku bejn il-professjonisti tgħin ħafna l-ħolqien ta' netwerks ta' kooperazzjoni, issaħħaħ l-aċċess għal swieq esterni u ttipromovi t-twaqqif ta' sħubijiet fit-tul, u b'hekk issaħħaħ mhux biss il-kompetittività tal-industrija awdjoviżiva Ewropea iżda wkoll ir-rwol kulturali u politiku globali tal-Ewropa;

22. huwa tal-fehma li MEDIA Mundus ser jagħti kontribut deċiżiv għat-titjib taċ-ċirkolazzjoni internazzjonali ta' xogħlijiet awdjoviżivi, u għaż-żieda fid-domanda pubblika għal diversità kulturali ikbar fir-rigward tal-kontenut awdjoviżiv;

23. b'rabta ma' dan jinnota l-benefiċċji ta' żieda fil-wirjiet tax-xogħlijiet, kif ukoll antepremi esklużivi ta' xogħlijiet awdjoviżivi;

24. għalhekk jemma li MEDIA Mundus jista' jservi biex iheg-geġ lis-sidien tal-istabbilimenti ċinematografiċi fl-Ewropa u f'pajjiżi terzi biex isaħħu b'mod reċiproku l-kundizzjonijiet ta' programmazzjoni u ta' preżentazzjoni, kif ukoll it-tul ta' żmien li fih jintwera x-xogħol, il-wiri ta' reklami u n-numru ta' wirjiet ta' antepremi esklużivi ta' xogħlijiet awdjoviżivi;

25. jemma li, b'mod simili, għandu jkun possibbli li jiżiedu u jittejjbu l-kundizzjonijiet għax-xandir ta' kontenut awdjoviżiv Ewropew f'pajjiżi terzi u, bl-istess mod, ta' kontenut awdjoviżiv minn pajjiżi terzi fl-Ewropa;

26. japprova wkoll il-fatt li l-Unjoni Ewropea taġti prijorità liż-żgħażaġh bħala l-ġejjieni tas-settur awdjoviżiv Ewropew. Permezz tal-promozzjoni ta' xogħlijiet ta' żgħażaġh Ewropej ta' talent, MEDIA Mundus jiżgura l-promozzjoni ta' potenzjal ġdid, il-mobilità taż-żgħażaġh, u l-ksib ta' għarfien mis-swieq Ewropej u internazzjonali, filwaqt li fl-istess ħin jimplementa l-ekonomija msejsa fuq l-għarfien u d-djalogu interkulturali;

27. jinnota li r-rwol taż-żgħażaġh li joħolqu kontenut awdjoviżiv jerġa' juri li jagħmel sens għal MEDIA Mundus li jaħdem b'mod parallel bħala programm ta' taħriġ, kif ukoll li jgħin biex jiġbed dejjem iktar żgħażaġh għal wirjiet ta' xogħlijiet awdjoviżivi;

28. jemma ukoll li s-settur awdjoviżiv jagħti kontribut ewlieni għall-ekonomija Ewropea msejsa fuq il-kreattività u l-għarfien, u jaqdi rwol kruċjali fil-promozzjoni tad-diversità kulturali u l-pluraliżmu;

29. jenfasizza li l-isfera kulturali bla dubju tikkontribwixxi b'mod deċiżiv għas-suċċess tal-għanijiet tal-Istrateġija ta' Liżbona, iżda ma tistax titqies biss bħala forza ekonomika għaliex taġti kontribut meqjus daqstant importanti għall-kultura permezz tal-ħolqien ta' ambjent dinamiku u sostenibbli, li huwa kundizzjoni minn qabel għall-prospertà u l-iżvilupp tal-bniedem ⁽¹⁾;

Ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali

30. jinnota li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jaqdu rwol importanti fil-promozzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi lokali u reġjonali, u jistgħu tabilħaqq isaħħu l-produzzjoni awdjoviżiva u jikkontribwixxu b'mod attiv għall-promozzjoni tad-diversità kulturali u d-djalogu interkulturali;

⁽¹⁾ Ara l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni "Aġenda Ewropea għall-kultura f'dinja li qiegħda tiġi globalizzata" dwar il-Komunikazzjoni mill-Kommissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar Aġenda Ewropea għall-kultura f'dinja li qiegħda tiġi globalizzata, COM(2007) 242 finali, CdR 172/2007 fin, pġ. 1. Disponibbli fuq <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:C:2008:053:0025:01:MT:HTML>

31. jemmen li bis-saħħa tal-promozzjoni tal-produtturi lokali u reġjonali ta' xogħlijiet awdjoviżivi, l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu wkoll, b'rabta mal-produzzjoni nazzjonali, joħlqu bilanċ fir-rigward tal-produzzjoni enormi ta' films minn pajjiżi terzi;

32. jinnota li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jaqdu rwol deċiżiv kemm fl-edukazzjoni u fit-taħriġ, kif ukoll fl-ġħoti ta' appoġġ finanzjarju lil organizzazzjonijiet kulturali u lil partijiet interessati;

33. jinnota wkoll li b'dan il-mod l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jgħinu biex jissaħħu l-SMEs, u b'hekk jippromovu l-kompetittività tas-suq awdjoviżiv Ewropew ifframmentat, u fl-istess waqt jiżguraw il-vijabilità ta' dawn il-kumpaniji;

34. barra minn hekk, jemmen li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jaqdu rwol importanti kemm fit-taħriġ ta' żgħażaġh li joħlqu kontenut awdjoviżiv kif ukoll biex jiġbdu udjenza żaġħżuġha ikbar għal wirjiet ta' xogħlijiet awdjoviżivi li jippromovu d-diversità kulturali u d-djalogo interkulturali;

35. għaldaqstant jaħseb li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jagħtu kontribut deċiżiv kemm għall-produzzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi fil-livell lokali u reġjonali, kif ukoll għall-ħolqien ta' identità Ewropea b'saħħitha, speċjalment fost iż-żgħażaġh;

36. jemmen li permezz tal-organizzazzjoni ta' festivals, avvenimenti tematiċi u seminars ta' taħriġ, l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jieħdu inizjattivi importanti u jaqdu rwol kruċjali fl-iżvilupp tas-settur awdjoviżiv sabiex ikun fattur ewlieni fil-ħolqien tal-kultura, it-tiswir ta' identità Ewropea multikulturali, u l-appoġġ għall-edukazzjoni ċinematografika, speċjalment għall-udjenza żaġħżuġha;

37. għalhekk jemmen li jkun utli għall-ambitu usa' tal-programm MEDIA Mundus li tiddaħħal referenza speċifika fl-Artikolu 7 għar-rwol li l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma mitluba jaqdu permezz ta' programmi u attivitajiet speċjali fl-isforzi tagħhom biex isaħħu l-kompetittività tas-suq Ewropew. Bl-istess mod, ikun xieraq u utli ħafna li jissaħħu u jiġu aġġornati l-uffiċċji tal-informazzjoni li joperaw fil-livell reġjonali, għaliex huma sors bażiku ta' taġhrif dwar l-iżviluppi kollha fil-qasam awdjoviżiv għall-pubbliku ġenerali Ewropew;

38. jinnota wkoll li b'rabta diretta mal-punt li ssemma qabel, ikun ta' ġid għall-awtoritajiet lokali u reġjonali li jkunu iktar involuti fl-isforzi favur kooperazzjoni bejn networks fl-industrija awdjoviżiva, u li konsorzji reġjonali jissaħħu, speċjalment fir-rigward tat-taħriġ, il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi;

39. jenfasizza li s-settur awdjoviżiv, kif qed jiġi ssuġġerit hawn fuq, mhuwiex biss industrija ta' importanza ewlenija għall-iżvilupp, il-kompetittività u l-impjieg, iżda huwa wkoll sfera kruċjali li tħares u tippromovi l-identità kulturali u d-diversità lokali u reġjonali. Is-settur huwa magħmul b'tali mod li huwa fattur ewlieni fl-iżvilupp tal-valuri soċjali Ewropej u t-tħaddim tas-soċjetajiet demokratiċi, peress li x-xogħlijiet awdjoviżivi jistgħu jaqdu rwol importanti fit-tiswir ta' identità Ewropea;

Kummenti u proposti tal-aħħar

40. jemmen li dan il-programm speċifiku huwa ta' importanza partikulari għaliex jikkombina l-promozzjoni tal-kultura mat-tiswir tal-kompetittività, jiġifieri l-valur kummerċjali u ekonomiku tas-settur awdjoviżiv Ewropew, waqt li l-industrija awdjoviżiva Ewropea tingħata dimensjoni internazzjonali b'mod li huwa ħafna iktar effettiv u mmirat minn MEDIA International, li jista' jitqies bħala l-prekursur ta' MEDIA Mundus;

41. jinnota li l-programm jibda bħala proġett fuq medda qasira ta' żmien (2011-2013) b'baġit limitat (EUR 15-il miljun, li minn-hom EUR 13.5-il miljun huma allokati lil azzjonijiet), li jfisser li la l-perijodu ta' żmien u lanqas ir-riżorsi mhuma ser jippermettu li jiġu żviluppati ammont kbir ta' inizjattivi jew li jiġu implimentati l-azzjonijiet;

42. għaldaqstant huwa tal-fehma, u fl-istess waqt jittama, li r-riżultati ser ikun informattivi u ser jitqiesu bħala pożittivi, sabiex il-programm mhux biss jtkompla iżda wkoll jingħata iktar fondi fil-ġejjieni;

43. jenfasizza l-bżonn li niffokaw fuq l-istrateġija ta' komunikazzjoni tal-programm u jemmen li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jaqdu rwol daqstant vitali billi jippromovuh. Ikun partikolarment utli li l-uffiċċji tal-informazzjoni jikkooperaw ma' assoċjazzjonijiet u konfederazzjonijiet ta' professjonisti awdjoviżivi, u mal-ACE (Assoċjazzjoni tal-Arkivji Ċinematografiċi Ewropej) u l-FIAF (Federazzjoni Internazzjonali tal-Arkivji Ċinematografiċi), kif ukoll mal-arkivji ċinematografiċi nazzjonali;

44. Għandha ssir enfasi partikulari — jekk mhux immedjatament, ċertament matul l-istadju li jmiss tal-programm — fuq id-dimensjoni edukattiva ta' MEDIA Mundus, li għandha tmur lil hinn minn taħriġ addizzjonali għal professjonisti u tim-mira wkoll lejn studenti żgħażaġh. Dan l-oġġettiv jista' jintlaħaq kemm permezz ta' koordinazzjoni ma' programmi oħra fil-qafas MEDIA kif ukoll bis-saħħa ta' kooperazzjoni ma' uffiċċji tal-informazzjoni li żviluppaw attivitajiet simili għal programmi, fakultajiet universitarji u dipartimenti tal-istudji awdjoviżivi, u ma' arkivji ċinematografiċi li jkollhom kuntatt ma' studenti, riċerkaturi u professjonisti fis-settur. Barra minn hekk, attivitajiet edukattivi u workshops tematiċi jistgħu jkunu sors importanti ta' informazzjoni, kif ukoll opportunità tajba ħafna għal laqgħat ma' professjonisti mill-Unjoni Ewropea u minn pajjiżi terzi.

II. L-EMENDI PROPOSTI

Emenda I

Artikolu 3(3)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-Kumitat tar-Reġjuni
(3) "Xogħlijiet Ewropej" ifissru xogħlijiet awdjoviżivi li ġeġjin mill-pajjiżi msemmija fl-Artikolu 2(1), (2) jew (3).	(3) "Xogħlijiet Ewropej" ifissru xogħlijiet awdjoviżivi li ġeġjin mill-pajjiżi msemmija fl-Artikolu 2(1), (2) jew (3) <u>b'attenzjoni speċjali għal produzzjonijiet awdjoviżivi lokali u reġjonali.</u>

R a ġ u n i

Il-KtR għandu jenfasizza li l-fornituri reġjonali u lokali tas-servizzi tal-mezzi tax-xandir, kif ukoll operatori tas-servizz pubbliku li jagħti kopertura reġjonali, għandhom responsabbiltajiet soċjali u kulturali ċari, u d-dmir li jipprovdu servizz liċ-ċittadini. Fir-rigward tal-promozzjoni tal-industrija awdjoviżiva Ewropea, permezz tal-produzzjoni tagħhom stess li ta' sikwit tkun iktar intensiva, jistgħu jikkontribwixxu b'mod aktar dirett għall-iżvilupp u l-kompetittività tas-settur.

Emenda II

Artikolu 5(2)(b)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-Kumitat tar-Reġjuni
li jitjiebu l-kompetittività u t-tqassim transnazzjonali tax-xogħlijiet awdjoviżivi fid-dinja;	li jitjiebu l-kompetittività u t-tqassim transnazzjonali tax-xogħlijiet awdjoviżivi fid-dinja <u>permezz ta' inċentivi favur il-kooperazzjoni bejn kumpaniji li joperaw fil-qasam awdjoviżiv Ewropew kif ukoll f'dak dinji;</u>

R a ġ u n i

Kif jidher biċ-ċar mill-istudji rilevanti kif ukoll mill-kundizzjonijiet reali, id-dgħufija tas-sistema ta' distribuzzjoni hija ostakolu bażiku li jxekkel iċ-ċirkolazzjoni ta' films Ewropej fis-suq internazzjonali.

Emenda III

Artikolu 5(2)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-Kumitat tar-Reġjuni
	d) <u>għandha tingħata attenzjoni partikulari lill-promozzjoni tad-diversità lingwistika, b'mod partikulari dawk l-ilsna li huma mitkellma l-inqas.</u>

R a ġ u n i

Jeħtieġ li l-isfidi attwali jiġu indirizzati mhux biss mill-UE u l-Istati Membri, iżda wkoll mill-awtoritajiet lokali u reġjonali. Huma involuti meta jiġestixxu l-wirt kulturali u lingwistiku tagħhom, meta jippromovu mudella ġodda tan-negozju f'industrija kreattiva u mezzi tax-xandir lokali, u meta jippromovi xogħlijiet kreattivi (ko)finanzjati minn istituzzjonijiet/organizzazzjonijiet kulturali u medjatiċi.

Emenda IV

Artikolu 6(1)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-Kumitat tar-Reġjuni
jissaħħu l-ħiliet tal-professionisti Ewropej u ta' dawk mill-pajjiżi msemmijin fl-Artikolu 2(4) sabiex jitjeb il-fehim tagħhom b'mod partikulari tal-kundizzjonijiet tal-operat, tal-oqfsa legali, tas-sistemi ta' finanzjament u tal-possibilitajiet ta' kooperazzjoni tas-swieq awdjoviżivi rispettivi tagħhom u, b'mod partikulari permezz tal-boroż ta' studju. B'hekk jitħaffu l-ħolqien u ż-żamma tal-kuntatti kif ukoll it-twelid ta' relazzjonijiet kummerċjali fit-tul. Jitjeb il-livell ta' informazzjoni u l-għarfien tas-swieq awdjoviżivi sabiex tiġi żgurata u ffaċilitata l-kooperazzjoni awdjoviżiva bejn il-professionisti.	jissaħħu l-ħiliet tal-professionisti Ewropej u ta' dawk mill-pajjiżi msemmijin fl-Artikolu 2(4) sabiex jitjeb il-fehim tagħhom b'mod partikulari tal-kundizzjonijiet tal-operat, tal-oqfsa legali, tas-sistemi ta' finanzjament u tal-possibilitajiet ta' kooperazzjoni tas-swieq awdjoviżivi rispettivi tagħhom u, b'mod partikulari permezz tal-boroż ta' studju. B'hekk jitħaffu l-ħolqien u ż-żamma tal-kuntatti kif ukoll it-twelid ta' relazzjonijiet kummerċjali fit-tul. Jitjeb il-livell ta' informazzjoni u l-għarfien tas-swieq awdjoviżivi sabiex tiġi żgurata u ffaċilitata l-kooperazzjoni awdjoviżiva bejn il-professionisti. <u>Il-boroż ta' studju għandhom jirrikonoxxu l-ħtieġa biex tiżdied il-kompetittività tas-settur awdjoviżiv Ewropew ifframmentat fix-xena globali u fl-istess ħin isaħħu l-istrutturi produttivi tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fl-UE li fil-prattika huma s-sinsla tas-suq Ewropew.</u>

Raġuni

Il-programm MEDIA Mundus jipprovdi potenzjal qawwi għal tkabbir ekonomiku u opportunità biex jinħolqu impjiegi ta' livell għoli li jirrikjedu kwalifiki avvanzati fl-industrija awdjoviżiva. L-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju għandhom ikunu involuti bis-sħiħ.

Emenda V

Artikolu 7(1)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-Kumitat tar-Reġjuni
Jitħaffef it-tiftix għall-imsieħba barranin għax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej. Il-programm għandu jappoġġa l-organizzazzjoni tas-swieq tal-koproduzzjoni kif ukoll l-avvenimenti ta' tfittxija tal-imsieħba (il-preżentazzjoni fil-qosor tal-ideat għall-film (il-"pitching")), bil-ħsieb li jgħaqqad flimkien l-imsieħba possibbli (l-awturi tal-iskritti, id-diretturi, il-produtturi u d-distributuri).	Jitħaffef it-tiftix għall-imsieħba barranin għax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej. Il-programm għandu jappoġġa l-organizzazzjoni tas-swieq tal-koproduzzjoni kif ukoll l-avvenimenti ta' tfittxija tal-imsieħba (il-preżentazzjoni fil-qosor tal-ideat għall-film (il-"pitching")), bil-ħsieb li jgħaqqad flimkien l-imsieħba possibbli (l-awturi tal-iskritti, id-diretturi, il-produtturi u d-distributuri) <u>u partijiet interessati lokali u reġjonali mill-industrija awdjoviżiva.</u>

Raġuni

Fil-qasam speċifiku tax-xogħol awdjoviżiv, reġjuni madwar l-Ewropa jistgħu, b'appoġġ xieraq, jikkostitwixxu forza ewlenija għall-kreattività oriġinali u l-ħarsien tad-diversità kulturali, u jgħinu l-kompetittività tas-suq Ewropew.

Emenda VI

Artikolu 8(3)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-Kumitat tar-Reġjuni
Iħaffu l-organizzazzjoni tal-avvenimenti u tal-inizjattivi għall-għarfien dwar il-films, speċjalment dawk immirati għal udjenza żagħżuġha, maħsuba għall-promozzjoni internazzjonali tad-diversità tax-xogħlijiet awdjoviżivi u għaż-żieda tad-domanda pubblika għall-kontenut awdjoviżiv li jkun kulturalment divers.	Iħaffu l-organizzazzjoni tal-avvenimenti u tal-inizjattivi għall-għarfien dwar il-films, speċjalment dawk immirati għal udjenza żagħżuġha, maħsuba għall-promozzjoni internazzjonali tad-diversità tax-xogħlijiet awdjoviżivi u għaż-żieda tad-domanda pubblika għall-kontenut awdjoviżiv li jkun kulturalment divers. <u>L-appoġġ finanzjarju għandu jingħata b'mod espliċitu għall-promozzjoni ta' festivals awdjoviżivi reġjonali u lokali li jaqdu rwol importanti fil-promozzjoni tad-djalogu interkulturali u d-diversità kulturali.</u>

Emenda VII
Artikolu 12(1)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-Kumitat tar-Reġjuni
Il-Kummissjoni għandha tkun meħġuna minn kumitat magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri u mmexxi mir-rappreżentant tal-Kummissjoni.	Il-Kummissjoni għandha tkun meħġuna minn kumitat magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri <u>u tal-awtoritajiet lokali u reġjonali</u> u mmexxi mir-rappreżentant tal-Kummissjoni.

Brussell, il-21 ta' April 2009.

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Luc VAN DEN BRANDE

**Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar is-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà fl-amministrazzjonijiet
pubbliċi ewropej (ISA)**

(2009/C 200/11)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

- Il-KtR jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea biex tkompli l-programmi preċedenti permezz tal-programm ta' segwitu ISA (Soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà fl-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej).
- Fil-fehma tal-KtR, l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jieħdu sehem f'kooperazzjoni wiesgħa sabiex itejbu l-interoperabbiltà tal-amministrazzjoni pubblika u l-effikaċja tas-servizzi pubbliċi.
- Il-KtR jenfasizza li l-programm m'għandux jissepara għal kollox l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej mid-dinja ta' barra, u jipproponi li l-istandards tal-interoperabbiltà għandhom jiġu żviluppati fuq il-bażi ta' kooperazzjoni internazzjonali wiesgħa.
- Il-KtR jinnota li l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn ir-reġjuni u l-awtoritajiet lokali mhux biss huwa siewi imma, fil-fatt, huwa parti essenzjali mill-programm ISA.

Rapporteur: Is-Sinjura Veronica Ionita (RO/PPE), Sindku ta' Gorgota

Dokument ta' referenza

Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà fl-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej (ISA)

COM(2008) 583 finali

I. RAKKOMANDAZZJONIJET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

1. jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea biex tkompli l-programmi preċedenti IDA (Skambju ta' data bejn l-amministrazzjonijiet) u IDABC (Twassil interoperabbli ta' servizzi ta' eGovernment pan-Ewropej lill-amministrazzjonijiet pubbliċi, negozji u ċittadini) permezz tal-programm ta' segwitu ISA (Soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà fl-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej). L-ewwel żewġ programmi pprovdew valur miżjud ċar għall-iskambju tal-informazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet, u m'hemmx dubju li l-programm il-ġdid ser jikkontribwixxi għall-iżvilupp lokali u reġjonali billi jiffaċilita l-iskambju tal-ideat u l-esperjenzi f'diversi oqsma, bħax-xogħol, is-sajd, il-biedja, is-saħħa, il-ħarsien tal-konsumatur kif ukoll il-ġustizzja u l-affarijiet interni;

2. b'konformità mal-istrateġija i2010 għal soċjetà tal-informazzjoni Ewropea, jisħaq fuq l-importanza tal-amministrazzjonijiet lokali u reġjonali billi dawn l-awtoritajiet jixprunaw it-tkabbir ekonomiku fil-livell lokali;

3. jemmen li fil-kuntest tal-Proposta l-awtoritajiet lokali u reġjonali m'għandhomx jitqiesu biss bħala utenti tas-servizzi elettroniċi pan-Ewropej, iżda wkoll bħala fornituri ewlenin tas-servizzi;

4. iħoss li l-Kummissjoni Ewropea għandha tiffoka aktar fuq il-proċess ta' netwerking bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej fil-livelli kollha — li għandu jiġi rikonoxxut mill-Istati Membri fil-livell nazzjonali — billi fl-imgħoddi nħolqu xi diffikultajiet minħabba d-differenzi fl-approċċi kulturali u politiċi, l-ostakli lingwistiċi u l-kwistjonijiet baġitarji;

5. għaldaqstant, fil-fehma tiegħu l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jieħdu sehem f'kooperazzjoni wiesgħa sabiex itejbu l-interoperabilità tal-amministrazzjoni pubblika u l-effikaċja tas-servizzi pubbliċi;

6. jenfasizza li l-programm m'għandux jissepara għalkollox l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej mid-dinja ta' barra, u jipproponi li l-istandards tal-interoperabilità għandhom jiġu żviluppati fuq il-bażi ta' kooperazzjoni internazzjonali wiesgħa;

7. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li diversi programmi Komunitarji (IST, eTEN, eContent) ġew marbuta mal-verżjoni preċedenti tal-IDABC. Il-kollaborazzjoni mal-programmi attwali (FP7, CIP, Fondi Strutturali) tista' toħloq riżorsi siewja;

8. jinnota li l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn ir-reġjuni u l-awtoritajiet lokali mhux biss huwa siewi imma, fil-fatt, huwa parti essenzjali mill-programm ISA;

9. iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tevalwa aħjar ir-rilevanza tal-oġettivi u l-miżuri tal-programm ISA għall-awtoritajiet lokali u reġjonali;

10. iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jallokaw il-fondi għall-awtoritajiet ċentrali, reġjonali u lokali li huma responsabbli mill-implimentazzjoni tal-ISA, inkluż il-finanzjament tat-taħriġ maħsub għall-uffiċjali tal-gvern. B'hekk il-programm ikun jista' jindirizza aħjar il-bżonnijiet taċ-ċittadini Ewropej.

II. RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦALL-EMENDI

Emenda 1

Premessa (11)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Il-programm ISA għandu jkun ibbażat fuq l-esperjenza mill-programmi IDA u IDABC li wrew li metodu kkoordinat jista' jikkontribwixxi biex jagħti riżultati aktar malajr, bi kwalità ogħla u li jilħaq il-ħtiġiet tan-negozju, permezz ta' soluzzjonijiet komuni u kondiviżi stabbiliti u operati f'kooperazzjoni mal-Istati Membri. Dawn l-attivitajiet diġà taw kontribuzzjoni importanti biex tkun żgurata l-interoperabbiltà b'appoġġ għall-iskambju elettroniku tal-informazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej u qed ikomplu jagħmlu dan.	Il-programm ISA għandu jkun ibbażat fuq l-esperjenza mill-programmi IDA u IDABC. <u>Għandhom jitqiesu wkoll ir-riżultati misluta mir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-implimentazzjoni tal-programm IDABC b'rabta mar-rilevanza, l-effiċjenza, l-effikaċja, l-utilità u l-koerenza tal-istess programm; u għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-bżonnijiet li indikaw l-utenti tal-programm. li wrew Intwera li metodu kkoordinat jista' jikkontribwixxi biex jagħti riżultati aktar malajr, bi kwalità ogħla u li jilħaq il-ħtiġiet tan-negozju, permezz ta' soluzzjonijiet komuni u kondiviżi stabbiliti u operati f'kooperazzjoni mal-Istati Membri. Dawn l-attivitajiet diġà taw kontribuzzjoni importanti biex tkun żgurata l-interoperabbiltà b'appoġġ għall-iskambju elettroniku tal-informazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej u qed ikomplu jagħmlu dan.</u>

Raġuni

Billi l-programm ISA jkompli ma' dak li nbeda bil-programm IDA u ssokta bil-programm attwali IDABC, li ser jintemm fi tmiem l-2009, ta' min jirrakkomanda li jitqiesu r-riżultati taż-żewġ programmi sabiex jinbnew is-sisien għall-implimentazzjoni tal-ISA fil-ġejjieni għaliex dan jista' jkun ta' għajjnuna. Għaldaqstant, ir-rapporti ta' evalwazzjoni u ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea għandhom ikunu disponibbli għall-analiżi.

Emenda 2

Premessa (27a)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<u>Tajjeb li wieħed janalizza aktar fid-dettall il-possibbiltà ta' kompatibbiltà mal-Fondi Strutturali u l-possibbiltà ta' kofinanzjament mill-istess fondi għall-utenti sabiex jintużaw l-oqfsa komuni u l-għodod ġeneriċi stabbiliti jew imtejba mill-programm ISA.</u>

Raġuni

Il-programm ISA ser jifinanzja l-ħolqien u t-titjib tal-oqfsa komuni u l-għodod ġeneriċi, iżda l-użu ta' dawn l-oqfsa u l-għodod ser jitħallas mill-utenti. Għalhekk, għandha tiġi analizzata aktar fid-dettall il-possibbiltà ta' kofinanzjament mill-Fondi Strutturali.

Emenda 3

Artikolu 1

Test Propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(2) L-għan tal-programm ISA huwa li jappoġġja l-kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej billi jiffaċilita l-interazzjoni transkonfinali u transsettorjali elettronika effiċjenti u effettiva bejn dawn l-amministrazzjonijiet li tippermetti t-twassil ta' servizzi pubbliċi elettroniċi li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet Komunitarji.	(2) L-għan tal-programm ISA huwa li jappoġġja l-kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej, fosthom l-amministrazzjonijiet lokali u reġjonali, billi jiffaċilita l-interazzjoni transkonfinali u transsettorjali elettronika effiċjenti u effettiva bejn dawn l-amministrazzjonijiet li tippermetti t-twassil ta' servizzi pubbliċi elettroniċi li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet Komunitarji.

R a ġ u n i

Skont l-Istrateġija ta' Liżbona, il-promozzjoni ta' soċjetà tal-informazzjoni inklużiva u ekwa mil-lat reġjonali u lokali li tuża l-ICT sabiex iżżid il-kompetittività u ttejjeb is-servizzi pubbliċi hija objettiv prinċipali tal-politika tal-UE, u dan jista' jintlaħaq bl-aħjar mod bis-saħħa tal-awtoritajiet lokali u reġjonali. Għaldaqstant, nemmnu li għandna nisħqu fuq il-parteċipazzjoni tal-amministrazzjonijiet lokali u reġjonali.

Emenda 4

Artikolu 2

Test Propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	(h) "Amministrazzjoni pubblika Ewropea" tfisser il-korpi pubbliċi kollha fil-livell ċentrali, reġjonali u lokali, li huma rikonoxxuti legalment fil-leġislazzjonali nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE;

R a ġ u n i

Flimkien mad-definizzjonijiet l-oħra fl-Artikolu 2, naħsbu li ta' min jinkludi definizzjoni ġdida ta' "amministrazzjoni pubblika Ewropea" fid-dawl tas-sehem tal-amministrazzjonijiet pubbliċi fil-Proposta għal Deċiżjoni li qed tressaq il-Kummissjoni.

Emenda 5

Artikolu 3

Test Propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	(d) approċċ multidimensjonali li jkopri l-aspetti tekniċi li bis-saħħa tagħhom l-amministrazzjonijiet ikunu jistgħu jagħmlu dan it-titjib.

R a ġ u n i

Barra mill-attivitajiet proposti, l-armonizzazzjoni tal-kwistjonijiet tekniċi hija siewja meta wieħed jikkunsidra s-servizzi differenti li jipprovdu l-amministrazzjonijiet.

Emenda 6

Artikolu 8

Test Propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(4) Sabiex tkun evitata d-duplikazzjoni u jitħaffef l-istabbiliment tas-soluzzjonijiet, ir-riżultati miksuba permezz ta' inizjattivi oħra rilevanti Komunitarji jew ta' Stati Membri għandhom ikunu kkunsidrati, fejn jixraq. Sabiex ikunu massimizzati s-sinerġiji u jkunu żgurati sforzi komplementarji u kkombinati, l-azzjonijiet għandhom, fejn jixraq, ikunu kkordinati ma' inizjattivi Komunitarji oħra.	(4) Sabiex tkun evitata d-duplikazzjoni u jitħaffef l-istabbiliment tas-soluzzjonijiet, ir-riżultati miksuba permezz ta' inizjattivi oħra rilevanti Komunitarji jew ta' Stati Membri għandhom ikunu kkunsidrati, fejn jixraq. Sabiex ikunu massimizzati s-sinerġiji u jkunu żgurati sforzi komplementarji u kkombinati, l-azzjonijiet għandhom, fejn jixraq, ikunu kkordinati ma' inizjattivi Komunitarji oħra. <u>L-iskambju tal-aħjar Prattiki bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi għandu jiġi mħeġġeġ b'kull mod possibbli.</u>

R a ġ u n i

Sabiex jinkisbu l-aqwa riżultati u jingħataw servizzi pubbliċi effikaċi, l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jitgħallmu minn xulxin billi jaqsmu l-aktar esperjenzi li rnexxew filwaqt li, fl-istess ħin, jitttejbu l-kwistjonijiet ta' interoperabbiltà transkonfinali u l-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni.

Emenda 7

Artikolu 12

Test Propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(1) Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat, imsejjaħ il-Kumitat dwar l-Interoperabbiltà Transkonfinali (minn hawn 'il quddiem "il-Kumitat CIO"), kompost minn rappreżentanti tal-Istati Membri u ppreśedut mill-Kummissjoni.	(1) Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat, imsejjaħ il-Kumitat dwar l-Interoperabbiltà Transkonfinali (minn hawn 'il quddiem "il-Kumitat CIO"), kompost minn rappreżentanti tal-Istati Membri, fosthom rappreżentant minn awtorità reġjonali u rappreżentant minn awtorità lokali, u ppreśedut mill-Kummissjoni.

Raġuni

Il-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-kumitat tista' tkun siewja għall-implimentazzjoni tal-oġġettivi msemmija fl-Artikolu 1 għaliex is-servizzi pubbliċi fl-Ewropa jiġu pprovduti l-aktar mill-awtoritajiet lokali u reġjonali, u huma dawn is-servizzi li għandhom sehem importanti fil-ħajja ta' kuljum u l-moviment liberu tan-negozji u l-persuni.

Emenda 8

Artikolu 14

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(2) Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi oħrajn u organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali għandha tkun imħeġġa, b'mod partikolari fil-qafas tas-Sħubija Ewro-Mediterranja u ma' pajjiżi ġirien, b'mod partikolari l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent. L-ispejjeż relatati m'għandhomx ikunu koperti mill-programm ISA.	(2) Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi oħrajn u organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali għandha tkun imħeġġa, b'mod partikolari fil-qafas tas-Sħubija Ewro-Mediterranja u ma' pajjiżi ġirien, b'mod partikolari l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, <u>il-pajjiżi tar-reġjun tal-Baħar l-Iswed u l-pajjiżi tar-reġjun tal-Baħar Baltiku</u> . L-ispejjeż relatati m'għandhomx ikunu koperti mill-programm ISA.

Raġuni

Il-kooperazzjoni mal-imsieħba lil hinn mill-fruntieri tal-Unjoni Ewropea m'għandux ikollha limitazzjonijiet stretti, għalkemm l-ispejjeż li toħloq il-parteċipazzjoni ta' dawn l-imsieħba ser jiġihallu mir-riżorsi tagħhom stess.

Brussell, il-21 ta' April 2009

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
 Luc VAN DEN BRANDE

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar is-sikurezza tal-pazjenti

(2009/C 200/12)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI JIRRAKKOMANDA

- definizzjoni aħjar tar-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-ambitu tal-azzjonijiet proposti, konformi mar-rwol imwettaq minnhom fl-ambiti tal-liġijiet nazzjonali li jirregolaw l-għoti tas-servizzi tas-saħħa;
- definizzjoni aħjar tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u l-assoċjazzjonijiet tagħhom fil-proċessi ta' ppjanar u teħid tad-deċiżjonijiet marbuta mal-ġestjoni tar-riskji;
- l-inklużjoni ta' referenza għall-proċessi, l-indikaturi u l-livelli tal-ġestjoni tar-riskji u s-sikurezza tal-pazjenti fl-ambitu tas-sistemi tal-awtorizzazzjoni, l-akkreditar u ċ-ċertifikazzjoni tal-istrutturi sanitarji;
- id-definizzjoni tal-mezzi speċifiċi ta' garanzija legali u regolamentari li jaġevolaw il-komunikazzjoni min-naħa tal-operaturi sanitarji tal-iżbalji, l-inċidenti sfavorevoli u s-sitwazzjonijiet li jkun għoddhom wasslu għal inċidenti;
- l-inklużjoni tal-qasam tal-ġestjoni tar-riskji u s-sikurezza tal-pazjenti fl-oqsma tal-formazzjoni univertarja u t-taħriġ kontinwu għall-professjoni medika u l-professjonijiet l-oħra mediċi;
- l-inklużjoni ta' rakkomandazzjonijiet supplimentari li jsaħħu l-impenn, li diġà għaddej fil-livell ta' kumitati xjentifiċi individwali, biex jiġu definiti strumenti leġiżlattivi u proċedurali ddedikati speċifikament għas-sikurezza fl-użu tal-mediċini.

Rapporteur: Is-Sur Piero Marrazzo (IT/PSE), President tar-Regjun tal-Lazio

Dokumenti ta' referenza

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-sikurezza tal-pazjent, inklużi l-prevenzjoni u l-kontroll ta' infezzjonijiet relatati mal-kura tas-saħħa

COM(2008) 836 finali

Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar is-sikurezza tal-pazjent, inkluż il-ħarsien minn u l-kontroll ta' infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa

COM(2008) 837 finali

I. RAKKOMANDEZZJONIJET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Rakkomandazzjonijiet ġenerali

1. Jenfasizza bħalma diġà għamel diversi drabi l-Kumitat stess, li wera ruħu sensitiv, attent u interessat dwar is-suġġett, u appella lill-istess Kummissjoni tadatta proposti speċifiċi, fil-konsiderazzjoni li kooperazzjoni strutturata u koordinata fl-ivell Ewropew f'dawk li huma qsim ta' esperjenzi, kondiviżjoni tal-għarfien u l-iżvilupp ta' teknoloġiji sanitarji [tista'] tikkostitwixxi valur miżjud sostanzjali għall-Istati Membri (ara Opinjoni CDR 153/2004 fin);

2. Jikkunsidra li organizzazzjonijiet oħra bħad-WHO fl-Ewropa u l-OECD u l-Kunsill tal-Ewropa diġà enfasizzaw u ttrattaw is-suġġett tas-sikurezza fis-servizz tas-saħħa;

3. Jirrikonoxxi li l-proposta tal-Kummissjoni toqgħod tajjeb f'dan il-perkors u tippromwovi b'mod sinifikanti l-involviment effikaċi tal-Istati Membri fil-qasam, billi tenfasizza l-arma tassussidjarjetà bħala fattur deċiżiv għall-għarfien sħiħ tal-fenomeni u bħala strument possibbli ta' approċċ għas-soluzzjoni tiegħu;

4. Isostni li l-għażla tal-Kummissjoni li tippromwovi t-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri permezz ta' Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, tilqa' t-talba tal-Kumitat tar-Reġjuni;

5. Jirrikonoxxi li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u l-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar is-sikurezza tal-pazjenti, huma kif jixraq immirati biex jiksbu l-impenn politiku tal-Istati Membri li kull wieħed minnhom japplika, waħdu jew mal-Istati l-oħra, ir-rakkomandazzjonijiet proposti bl-appoġġ tal-Kummissjoni, u jadotta miżuri konkreti għat-titjib tas-sikurezza tal-pazjenti;

6. Jikkunsidra li l-elementi ewlenin tal-proposta huma b'mod ċar marbuta:

— mal-importanza politika u l-viżibbiltà tal-kwistjoni tas-sikurezza tal-pazjenti li kapaċi tagħti proposta Komunitarja speċifika;

— mal-possibbiltà tat-tisħiħ tal-għarfien dwar il-fenomeni min-naħa tal-Istati Membri individwalment permezz tad-databases miġbura b'mod omoġenju u kondiviżi bejniethom;

— mal-possibbiltà li l-Istati Membri individwali jaqsmu bejniethom Prattiki tajba sabiex itejbu u jsaħħu s-sikurezza tal-pazjenti;

7. Jirrikonoxxi li l-inizjattiva ma tneħħi l-ebda kompetenza tal-Istati Membri fil-qasam tas-saħħa, billi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill hija strument ġuridiku li jippermetti biżżejjed liberta lill-Istati Membri li, kif diġà qed jagħmlu, jorganizzaw is-sistemi sanitarji individwali tagħhom fl-ivell nazzjonali, reġjonali u lokali.

Kummenti ġenerali dwar il-Proposta u r-Rakkomandazzjoni

8. Jinnota li diversi rapporti juru li s-sikurezza fl-ambitu tal-proċessi dijanjostiċi u ta' kura u r-riskju li wieħed ikorri bħala riżultat tal-kura tas-saħħa jitqiesu mill-pubbliku Ewropew inġenerali bħala waħda mill-ikbar problemi, u ma jorbtu homx biss mas-sikurezza ta' saħħithom u tal-qraba, iżda b'mod aktar ġenerali saħansitra mas-sikurezza pubblika;

9. Jenfasizza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma, f'ħafna pajjiżi, direttament responsabbli għall-għoti tas-servizzi tas-saħħa u għalhekk għandhom interess partikolari fit-titjib tas-sistemi tas-sikurezza u l-kwalità tas-servizzi tas-saħħa;

10. Iqis li l-implikazzjonijiet negattivi ta' korriment li jirriżulta mill-kura tas-saħħa għandhom impatt dirett fuq il-perċezzjoni li ċ-ċittadini jkollhom dwar il-kwalità u s-sikurezza tas-servizzi mogħtija, u dan huwa, f'ħafna Stati, wieħed mill-fatturi ewlenin li jaqsmu ċ-ċittadini fil-valutazzjoni tagħhom tal-effikaċja tal-gvernijiet lokali u reġjonali;

11. Isostni li l-firxa ta' danni sanitarji kif riflessa fiż-żieda fir-rikorsi quddiem il-qrati hija, għall-amministrazzjonijiet responsabbli direttament għall-għoti tas-servizzi tas-saħħa, problema mhux biss etika, soċjali u sanitarja iżda wkoll ekonomika, meta jitqiesu l-ispejjeż dejjem jikbru tal-poloż tal-assigurazzjoni u t-tendenza ta' żieda fil-kumpensi mħallsa għad-danni sofruti miċ-ċittadini;

12. Isostni li minkejja li diġà jeżistu inizzjattivi speċifiċi (sikurezza tal-mediċini u tat-tagħmir mediku, reżistenza kontra aġenti antimikrobiċi, eċċ.) fl-oqsma numerużi tas-sikurezza tal-pazjenti u tal-prevenzjoni tar-riskji tas-sanità, jidher li tkun ta' htiġa kbira inizzjattiva bħal dik espota fil-Proposta u r-Rakkomandazzjoni, maħsuba biex tiddefinixxi approċċ integrat li jgħin biex jitnaqqsu komplessivament id-diversi kawżi tal-korrimenti li jirriżultaw mill-kura tas-saħħa;

13. Isostni li l-proposti u l-prinċipji li hemm fil-Proposta u r-Rakkomandazzjoni jwieġbu għat-talbiet magħmula qabel mill-Kumitat tar-Reġjuni dwar is-servizzi tas-saħħa, jew aħjar, it-thegħiġ tal-iskambju ta' Prattiki tajba ta' sikurezza tal-pazjenti fir-rispett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u jikkontribwixxu biex titnaqqas id-disparità fid-disponibilità u l-kwalità tas-servizzi tal-kura tas-saħħa.

14. Iqis li l-emendi u ż-żidiet fir-rakkomandazzjonijiet indikati hawn taħt jstgħu jkunu utli biex jikkompletawha, billi jenfasiszaw u jsaħħu ċerti elementi ta' interess partikolari għall-Kumitat tar-Reġjuni, u **speċifikament jirrakomanda:**

— L-aħjar definizzjoni tar-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-ambitu tal-azzjonijiet proposti, konformi mar-rwol imwettaq minnhom fl-ambiti tal-liġijiet nazzjonali li jirregolaw l-għoti tas-servizzi tas-saħħa;

— L-aħjar definizzjoni tal-elementi tal-parteciċipazzjoni taċ-ċittadini u l-assoċjazzjonijiet tagħhom fil-proċessi ta' ppjanar u teħid tad-deċiżjonijiet marbuta mal-ġestjoni tar-riskji;

— L-inklużjoni ta' referenza għall-proċessi, indikaturi u standards tal-ġestjoni tar-riskji u s-sikurezza tal-pazjenti fl-ambitu tas-sistemi tal-awtorizzazzjoni, l-akkreditar u ċ-ċertifikazzjoni tal-istrutturi sanitarji;

— Id-definizzjoni tal-mezzi speċifiċi ta' garanzija legali u regolamentari li jaġevolaw il-komunikazzjoni min-naħa tal-operaturi sanitarji tal-iżbalji sanitarji, inċidenti sfavorevoli u sitwazzjonijiet li jkun għodhom wasslu għal inċidenti;

— L-inklużjoni tal-qasam tal-ġestjoni tar-riskji u s-sikurezza tal-pazjenti fl-oqsma tal-formazzjoni universitarja u t-taħriġ addizzjonali għall-professjoni medika u l-professjonijiet l-oħra mediċi;

— L-inklużjoni ta' rakkomandazzjonijiet supplimentari li jsaħħu l-impenn, li diġà għaddej fil-livell ta' kumitati xjentifiċi individwali, biex jiġu definiti strumenti leġiżlattivi u proċedurali ddedikati speċifikament għas-sikurezza fl-użu tal-mediċini;

— L-integrazzjoni tal-Anness 2, dwar l-azzjonijiet ta' appoġġ, bl-inklużjoni ta' azzjonijiet speċifiċi ulterjuri li joħorġu mill-aċċettazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet u l-emendi proposti hawnhekk.

II. RAKKOMANDEZZJONIJET SABIEX JITRESSQU EMENDI

Emenda 1

Premessa 15

Test Propost mill-kummissjoni	Emenda tal-KtR
(15) Id-dejta disponibbli dwar infezzjonijiet assoċjati mal-kura għas-saħħa mhijiex biżżejjed biex tippermetti t-tqabbil bejn l-istituzzjonijiet permezz ta' networks ta' sorveljanza, il-monitoraġġ tal-epidemjoloġija ta' patoġeni assoċjati mal-kura għas-saħħa u l-valutazzjoni u t-tmexxija ta' linji politiċi dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa. Għalhekk, is-sistemi ta' sorveljanza għandhom jiġu stabbiliti jew imsaħħa fil-livell tal-istituzzjonijiet tal-kura għas-saħħa u fl-livell reġjonali u nazzjonali.	(15) Id-dejta disponibbli dwar infezzjonijiet assoċjati mal-kura għas-saħħa mhijiex biżżejjed biex tippermetti t-tqabbil bejn l-istituzzjonijiet permezz ta' networks ta' sorveljanza, il-monitoraġġ tal-epidemjoloġija ta' patoġeni assoċjati mal-kura għas-saħħa u l-valutazzjoni u t-tmexxija ta' linji politiċi dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa. Għalhekk, is-sistemi ta' reġistrazzjoni u valutazzjoni sorveljanza għandhom jiġu stabbiliti jew imsaħħa fil-livell tal-istituzzjonijiet tal-kura għas-saħħa u fl-livell reġjonali u nazzjonali.

Raġuni

Il-frażi "networks ta' sorveljanza" ma żżid xejn għajr li tista' toħloq konfużjoni.

Emenda 2

Taqsima I, Titolu II, Artikolu 1

Test Propost mill-kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>(1) L-Istati Membri għandhom jappoġġjaw l-istabbiliment u l-iżvilupp ta' linji politiċi u programmi nazzjonali permezz ta':</p> <p>(a) Ħatra tal-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-sikurezza tal-pazjenti fuq it-territorju tagħhom;</p> <p>(b) Integrazzjoni tas-sikurezza tal-pazjenti bħala kwistjoni ta' prijorità fil-linji politiċi u l-programmi dwar is-saħħa flivell nazzjonali kif ukoll reġjonali u lokali;</p> <p>(c) Appoġġ tal-iżvilupp ta' sistemi, proċessi u għoddod aktar siguri, inkluż l-użu ta' teknoloġija tal-informatika u l-komunikazzjoni.</p>	<p>(1) L-Istati Membri għandhom jappoġġjaw l-istabbiliment u l-iżvilupp ta' linji politiċi u programmi nazzjonali permezz ta':</p> <p>(a) Ħatra tal-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-sikurezza tal-pazjenti fuq it-territorju tagħhom <u>anki flivell reġjonali jew lokali;</u></p> <p>(b) Integrazzjoni tas-sikurezza tal-pazjenti bħala kwistjoni ta' prijorità fil-linji politiċi u l-programmi dwar is-saħħa flivell nazzjonali kif ukoll reġjonali u lokali;</p> <p>(c) Appoġġ tal-iżvilupp ta' sistemi, proċessi u għoddod aktar siguri, inkluż l-użu ta' teknoloġija tal-informatika u l-komunikazzjoni <u>u wkoll billi jiġu definiti standards stabbiliti għat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-protokoll tal-komunikazzjoni.</u></p> <p>(d) <u>L-integrazzjoni tal-qasam tas-sikurezza tal-pazjenti u tal-proċessi relattivi, indikaturi u standards fl-ambitu tal-kriterji definiti fl-ambiti Statali, għall-awtorizzazzjoni, l-akkreditar u ċertifikazzjoni tal-istrutturi sanitarji;</u></p>

Raġuni

- (a) biex tinstab l-aħjar definizzjoni tar-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-ambitu tal-azzjonijiet proposti, konformi mar-rwol inwettaq minnhom fl-ambiti tar-regoli nazzjonali tal-kontroll fl-għoti tas-servizzi tas-saħħa;
- (c) il-modalitajiet tekniċi tal-ġbir u t-trażmissjoni tad-data jsiru uniformi.
- (d) l-inklużjoni flivell ta' awtorizzazzjoni, akkreditar jew ċertifikazzjoni tal-elementi marbuta mhux biss mal-istandards strutturali jew l-attrezzatura teknoloġika, iżda wkoll mal-elementi operattivi li jobbligaw l-adozzjoni tal-aħjar Prattiki, tikkostitwixxi garanzija konkreta għas-sikurezza tal-pazjenti.

Emenda 3

Taqsima I, Titolu II, Artikolu 2

Test Propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>(2) L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw u jgħarrfu liċ-ċittadini u l-pazjenti u jpoġġuom f'pożizzjoni li jaġixxu attivament permezz ta':</p> <p>(a) L-involviment ta' organizzazzjonijiet u ta' rappreżentanti tal-pazjenti fl-iżvilupp ta' linji politiċi u programmi dwar is-sikurezza tal-pazjenti fil-livelli kollha;</p> <p>(b) It-tixrid tat-tagħrif lill-pazjenti dwar ir-riskju, il-livelli ta' sikurezza u miżuri fis-seħħ biex jinaqqsu jew jiġu evitati l-iżbalji, u għall-garanzija ta' kunsens infurmat fir-rigward tat-trattament, biex l-għażla u t-teħid ta' deċiżjoni min-naħa tal-pazjenti ikunu faċilitati.</p>	<p>(2) L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw u jgħarrfu liċ-ċittadini u l-pazjenti u jpoġġuom f'pożizzjoni li jaġixxu attivament permezz ta':</p> <p>(a) L-involviment ta' organizzazzjonijiet u ta' rappreżentanti tal-pazjenti fl-iżvilupp ta' linji politiċi u programmi dwar is-sikurezza tal-pazjenti fil-livelli kollha, <u>anki billi tiġi speċifikament prevista l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u l-assoċjazzjonijiet tagħhom fl-organi konsultattivi li se jitwaqqfu, inklużi dawk imsemmija fl-artikolu (1)(a);</u></p> <p>(b) It-tixrid tat-tagħrif lill-pazjenti dwar ir-riskju, il-livelli ta' sikurezza u miżuri fis-seħħ biex jinaqqsu jew jiġu evitati l-iżbalji, u għall-garanzija ta' kunsens infurmat fir-rigward tat-trattament, biex l-għażla u t-teħid ta' deċiżjoni min-naħa tal-pazjenti ikunu faċilitati, <u>billi jiġu definiti flivell Statali, lokali jew reġjonali s-set minimu u l-modalitajiet tal-indikazzjonijiet li għandhom jin-għataw lill-pazjenti biex jiggarrantixxu l-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-ħarsien previsti.</u></p>

Raġuni

- (a) il-parteċipazzjoni ta' ċittadini u l-assoċjazzjonijiet tagħhom issir obbligatorja.
- (b) fir-rigward tal-ħtieġa ta' kunsens infurmat mill-pazjenti, ikun xieraq li l-modalitajiet tal-komunikazzjoni magħhom jiġu orjentati u ppariġġati ma' dawg diġà previsti fir-rigward tal-informazzjoni dwar l-użu tal-mediċini.

Emenda 4

Taqsim I, Titolu II, Artikolu 4

Test Propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>(4) L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-edukazzjoni u t-taħriġ għall-ħaddiema fil-kura tas-saħħa dwar is-sikurezza tal-pazjenti permezz ta':</p> <p>(a) L-inkoraġġiment ta' edukazzjoni u taħriġ multidixxiplinarju fir-rigward tas-sikurezza tal-pazjenti għall-professjonisti kollha fil-qasam tas-saħħa, għal ħaddiema oħra tal-kura tas-saħħa u għall-manigiment rilevanti u l-istaff amministrattiv li għandhom x'jaqsmu mal-kura għas-saħħa;</p> <p>(b) Il-kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet involuti fl-edukazzjoni professjonali fil-kura għas-saħħa biex ikun żgurat li s-sikurezza tal-pazjenti tingħata l-attenzjoni mistħoqqa fil-kurrikula tal-edukazzjoni ogħla u fl-edukazzjoni u t-taħriġ attwali tal-professjonijiet fil-qasam tas-saħħa.</p>	<p>(4) L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-edukazzjoni u t-taħriġ għall-ħaddiema fil-kura tas-saħħa dwar is-sikurezza tal-pazjenti permezz ta':</p> <p>(a) L-inkoraġġiment ta' edukazzjoni u taħriġ multidixxiplinarju fir-rigward tas-sikurezza tal-pazjenti għall-professjonisti kollha fil-qasam tas-saħħa, għal ħaddiema oħra tal-kura tas-saħħa u għall-manigiment rilevanti u l-istaff amministrattiv li għandhom x'jaqsmu mal-kura għas-saħħa;</p> <p>(b) Il-kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet involuti fl-edukazzjoni professjonali fil-kura għas-saħħa biex ikun żgurat li s-sikurezza tal-pazjenti tingħata l-attenzjoni mistħoqqa fil-kurrikula tal-edukazzjoni ogħla u fl-edukazzjoni u t-taħriġ attwali tal-professjonijiet fil-qasam tas-saħħa.</p> <p>(c) <u>L-introduzzjoni ta' taħlim speċifiku dwar is-sikurezza tal-pazjenti u l-ġestjoni tar-riskji fil-kurrikulu (tal-istudji universitarji) għall-professjoni medika u l-professjonijiet l-oħra marbuta mas-saħħa u t-taħriġ addizzjonali;</u></p>

Raġuni

- (c) jeħtieġ li l-problema tat-tixrid tal-għarfien u t-tħaddim tat-tekniki tal-ġestjoni tar-riskji tiġi ffaċċjata b'mod organiku u speċifiku fi ħdan ir-rekwiżiti universitarji, bħala element qawwi ta' tixrid tal-għarfien u l-kompetenzi fl-oqsma tas-sikurezza tal-pazjenti.

Emenda 5

Taqsim I, Titolu III, Artikolu 1(c)

Test Propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>(1) L-Istati Membri għandhom jadottaw u jimplementaw strateġija nazzjonali għall-ħarsien minn u l-kontroll ta' infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa, waqt li jsegwu dawn l-għanijiet li ġejjin:</p> <p>(c) L-istabbiliment jew it-tisħiħ tas-sistemi ta' sorveljanza attivi fil-livell tal-Istat Membru u fil-livell tal-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa;</p>	<p>(1) L-Istati Membri għandhom jadottaw u jimplementaw strateġija nazzjonali għall-ħarsien minn u l-kontroll ta' infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa, waqt li jsegwu dawn l-għanijiet li ġejjin:</p> <p>(c) L-istabbiliment jew it-tisħiħ tas-sistemi ta' sorveljanza <u>attivi ta' reġistrazzjoni u monitoraġġ u valutazzjoni fil-livell tal-Istat Membru u fil-livell tal-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa;</u></p>

Raġuni

Huwa importanti li l-Istati Membri jirreġistraw u jissorveljaw xi infezzjonijiet marbuta mal-kura tas-saħħa biex ir-riżultati jintużaw għal raġunijiet ta' titjib fil-kura. L-użu tal-kelma "sorveljanza" ma twassalx din l-idea bl-istess mod. Biex ikun hemm titjib ġenwin, trid tiddaħħal ukoll il-valutazzjoni.

Emenda 6

Taqsimi I, Titolu III, Artikolu 2

Test Propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(2) L-Istati Membri għandhom jaħsbu għall-istabbiliment, possibilment fi żmien sena wara l-adozzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, ta' mekkaniżmu inter-settorjali għall-implimentazzjoni koordinat tal-istrateġija nazzjonali kif ukoll għall-għanijiet tal-iskambju ta' tagħrif u ta' koordinazzjoni mal-Kummissjoni, mal-ECDC u mal-Istati Membri l-oħra.	(2) L-Istati Membri għandhom jaħsbu għall-istabbiliment, possibilment fi żmien sena wara l-adozzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, ta' mekkaniżmu inter-settorjali għall-implimentazzjoni koordinat tal-istrateġija nazzjonali kif ukoll għall-għanijiet tal-iskambju ta' tagħrif u ta' koordinazzjoni mal-Kummissjoni, mal-ECDC u mal-Istati Membri l-oħra anki permezz tal-involvement dirett tal-istituzzjonijiet reġjonali u lokali li jkollhom kompetenzi speċifiċi fl-ambitu sanitarju.

Raġuni

- (2) id-determinazzjoni tal-aħjar definizzjoni tar-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-ambitu tal-azzjonijiet proposti, konformi mar-rwol imwettaq minnhom fl-ambitu tal-liġijiet nazzjonali li jirregolaw l-għoti tas-servizzi tas-saħħa;

Emenda 7

Taqsimi I, Titolu IV, Artikolu 3

Test Propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(3) L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni fi żmien sentejn mill-adozzjoni tagħha u sussegwentement fuq talba tal-Kummissjoni bil-ħsieb li jsir kontribut fis-segwitu ta' din ir-Rakkomandazzjoni fuq livell Komunitarju.	(3) L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni fi żmien sentejn <u>sentejn</u> mill-adozzjoni tagħha u sussegwentement fuq talba tal-Kummissjoni bil-ħsieb li jsir kontribut fis-segwitu ta' din ir-Rakkomandazzjoni fuq livell Komunitarju. <u>Fejn ikun possibbli, dan għandu jsir permezz ta' data li diġà teżisti.</u>

Raġuni

- (3) l-isforzi Komunitarji biex tiġi ffaċċjata l-problema u l-konsiderazzjoni tar-relevanza tagħha għandhom jiġu appoġġjati b'azzjoni aktar mgħaġġla. Biex ikun hemm titjib ġenwin, trid tiddaħħal ukoll il-valutazzjoni.

Emenda 8

Anness 2, Taqsimi 2, Artikolu 1 (c)

Test Propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(c) L-istabbiliment jew it-tisħiħ tas-sistemi attivi ta' sorveljanza permezz ta':	(c) L-istabbiliment jew it-tisħiħ tas-sistemi attivi ta' <u>sorveljanza ta' reġistrazzjoni, monitoraġġ u valutazzjoni</u> permezz ta':

Raġuni

Huwa importanti li l-Istati Membri jirreġistraw u jissorveljaw xi infezzjonijiet marbuta mal-kura tas-saħħa biex ir-riżultati jintużaw għal raġunijiet ta' titjib fil-kura. L-użu tal-kelma "sorveljanza" ma twassalx din l-idea bl-istess mod. Biex ikun hemm titjib ġenwin, trid tiddaħħal ukoll il-valutazzjoni.

Brussell, il-21 ta' April 2009.

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Luc VAN DEN BRANDE

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-istabbiliment tal-fond ewropew ta' aġġustament għall-globalizzazzjoni

(2009/C 200/13)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI JRESSAQ DAWN IR-RAKKOMANDEZZJONIJIET:

- jitlob lill-Kummissjoni u l-Istati Membri sabiex jaħdmu mal-awtoritajiet lokali u reġionali u partijiet interessati oħra u biex jimplementaw l-EGF b'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità;
- huwa konxju tan-natura ċiklika tal-kriżijiet ekonomiċi u għalhekk jipproponi li l-limitu taż-żmien tal-EGF jiġi aġġustat għall-qafas multiannwali finanzjarju sabiex tissaħħaħ is-sigurtà tal-ippjanar;
- jinnota li l-miżuri li huma eliġibbli għall-fondi tal-EGF jistgħu jiġu ffinanzjati b'rata ta' kofinanzjament ta' 85 % mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE). Din l-għajnuna tiffinanzja prinċipalment il-miżuri tas-suq tax-xogħol tal-FSE. Għalhekk bosta bliet, reġjuni u awtoritajiet lokali u reġionali m'għandhomx għalfejn iduru fuq l-EGF għal kofinanzjament ta' 50 jew saħansitra 75 %. Għaldaqstant huwa suġġerit li r-rata ta' kofinanzjament tal-EGF toġhla mill-inqas sa 85 %;
- jinnota li skont l-Artikolu 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda ⁽¹⁾ l-EGF ma jistax jaqbeż l-ammont annwali ta' EUR 500 miljun; jilqa' l-aħbar tal-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku li ser tevalwa l-mezzi baġitarji disponibbli għall-EGF fid-dawl tal-implimentazzjoni tar-regoli riveduti.

(¹) ĠU C 139, 14.6.2006 (Mhux disponibbli bil-Malti).

Rapporteur: Dr Silberg (EE-UEN-AE) President tal-kunsill muniċipali ta' Kose

Dokument ta' referenza

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni COM(2008) 867 finali.

I. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

bħala l-istituzzjoni Ewropea li, b'konformità mat-Trattat tal-Unjoni Ewropea, tirrappreżenta l-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-Istati Membri,

Kummenti ġenerali

1. **jilqa'** l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) u **jitolb** lill-Kummissjoni u l-Istati Membri sabiex jaħdmu mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u partijiet interessati oħra u biex jimplementaw l-EGF b'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità;

2. **jagħraf** li l-għan tal-miżuri proposti huwa li jbiddu l-istruttura tal-EGF sabiex juru solidarjetà mal-ħaddiema li tilfu xogħolhom b'konsegwenza tal-bidliet kbar li ġabet magħha l-globalizzazzjoni u li jinkludu dispożizzjoni temporanja li tappoġġja l-ħaddiema li nġataw is-sensja b'riżultat tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali; huwa konxju tan-natura ċiklika tal-kriżijiet ekonomiċi u għalhekk jipproponi li l-limitu taż-żmien jiġi aġġustat għall-qafas multiannwali finanzjarju sabiex tissaħħaħ is-sigurtà tal-ippjanar;

3. **jfakkar** li l-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (ĠU C 51, 6.3.2007, p. 1) innotat ir-rwol attiv li jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-ġestjoni tal-konsegwenzi ta' telf kbir ta' xogħol u li diġà saru l-proposti li ġejjin: in-nefsqa massima annwali tal-fond għandha tammonta għal EUR 1 000 miljun sa kemm dan jikkonforma mad-deċiżjonijiet li ttieħdu fil-qafas tal-perspettiva finanzjarja għall-perijodu 2007-2013; l-EGF m'għandux jostakola r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jsibu l-mezzi tagħhom għall-ġestjoni tar-ristrutturar ekonomiku; l-EGF japplika meta jkun hemm telf ta' mill-anqas 500 post tax-xogħol f'reġjun fejn il-qgħad, skont il-livell NUTS-III, jaqbeż ir-rata medja tal-Istat Membru kkonċernat, jew fil-każ ta' mill-anqas 500 sensja f'perijodu ta' tnax-il xahar f'intrapriża waħda jew aktar minn waħda tal-istess settur, skont il-livell NACE-2, li tolqot lil mill-inqas 1 % tal-postijiet tax-xogħol tar-reġjun, jew fejn il-postijiet tax-xogħol tar-reġjun, skont il-livell NUTS-II, jonqsu b'10 % fl-istess perijodu ta' żmien;

4. **jiġbed l-attenzjonali għall-fatt** li fl-2007 u l-2008, l-EGF fi li xejn intuża (intużaw biss 7.3 % tal-fondi disponibbli) u dan juri biċ-ċar li l-użu tal-fondi huwa llimitat mill-kriterji attwali li japplikaw sabiex tkun tista' titressaq applikazzjoni;

5. **jappoġġja** l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tirrevedi r-regoli tal-EGF biex ikun jista' jintervjeni b'mod aktar rapidu f'setturi ċentrali pereżempju billi jikkofinanzja taħriġ professjonali u l-allokazzjoni ta' impjiegi għal dawk li sfaw bla xogħol b'riżultat tal-kriżi ekonomika;

6. **jemmen** li l-problemi li kkawżat il-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali biż-żmien ser jiżviluppaw fi kriżi soċjali u nuqqas ta' fiduċja u li l-awtoritajiet lokali u reġjonali ser ikollhom iġorru l-piż tal-effetti u l-ġestjoni tal-kriżi sħiħa. Għalhekk kemm l-EGF u l-għanijiet il-ġodda tiegħu kif ukoll il-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali huma fatturi importanti ħafna aktar minn qatt qabel;

7. **jenfasizza** li l-għanijiet tal-EGF għandhom jikkonformaw mal-għanijiet tal-Istrateġija ta' Liżbona għat-tkabbir u l-impjiegi: aktar impjiegi, it-tnaqqis tal-qgħad u l-inattività, it-titjib tal-kwalità u l-produttività tax-xogħol, xogħol aktar attraenti u t-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali u territorjali;

8. **huwa tal-fehma** li mill-perspettiva tal-politika tal-impjeg, l-SMEs għandhom potenzjal li għadu ma ġiex sfruttat għall-ħolqien u ż-żamma tal-impjiegi; **jemmen** ukoll li l-EGF jista' joffri opportunitajiet oħra u jsaħħaħ il-fiduċja fis-settur tal-intrapriża tal-Ewropa;

9. **jinsab imħasseb** dwar il-fatt li fid-dawl tal-kriżi ekonomika u finanzjarja globali, ir-reġjuni l-aktar imbiegħda u r-reġjuni u l-pajjiżi ekonomikament aktar dgħajfa ma jistgħux jissodisfaw il-kundizzjonijiet neċessarji sabiex ikollhom aċċess għall-EGF; b'mod partikolari r-reqwiżit ta' kofinanzjament ta' 50 % u għalhekk hemm ir-riskju li l-użu tal-EGF ser jirriżulta f'aktar differenzi bejn iż-żoni taċ-ċentru u l-periferija;

10. **jinnota** li l-miżuri li huma eliġibbli għall-fondi tal-EGF jistgħu jiġu ffinanzjati b'rata ta' kofinanzjament ta' 85 % mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE). Din l-għajnuna tiffinanzja prinċipalment il-miżuri tas-suq tax-xogħol tal-FSE (inklużi l-proġetti li jikkonċernaw il-ġestjoni tal-konsegwenzi tas-sensja). Għalhekk bosta bliet, reġjuni u awtoritajiet lokali u reġjonali m'għandhomx għal-fejtn iduru fuq l-EGF għal kofinanzjament ta' 50 jew 75 %. Għaldaqstant huwa rakkomandat li r-rata ta' kofinanzjament tal-EGF togħla mill-inqas sa 85 %;

11. **jaqbel** li l-kriżi finanzjarja globali diġà kkawżat u ser tikkawża telf kbir ta' xogħol f'numru dejjem jiddejjem ta' setturi ekonomiċi għax is-sitwazzjoni tiddependi wkoll mid-disponibbiltà limitata tal-kreditu u l-kapaċità ta' akkwist imnaqqsa tal-konsumatur; dan huwa fattur li ser ikompli jżviluppa fil-futur qarib; **jappoġġja** l-għan tal-Kummissjoni li tadotta miżuri li jtejbju l-kapaċità tal-EGF li jirreaġixxi għal dawn il-problemi;

12. **jinnota** li skont Artikolu 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda ⁽¹⁾ l-EGF ma jistax jaqbeż l-ammont annwali ta' EUR 500 miljun; **jilqa'** l-aħbar tal-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku li ser tevalwa l-mezzi baġitarji disponibbli għall-EGF fid-dawl tal-implimentazzjoni tar-regoli riveduti;

13. **jenfasizza** li b'mod ġenerali, il-globalizzazzjoni għandha impatt pożittiv fuq it-tkabbir ekonomiku tal-Komunità u **jenfasizza** għalhekk li fond maħsub biex itaffi l-konsegwenzi negattivi tal-globalizzazzjoni għandu jingħata l-mezzi adegwati;

14. **jinsab imħasseb** fir-rigward tal-fatt li f'bosta pajjiżi, il-kofinanzjament tal-programmi tal-UE inkluż il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni jaqa' f'idejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali li fl-istess waqt qed jiffaċċjaw tnaqqis fil-baġit tagħhom;

Kummenti speċifiċi dwar il-proposta

15. **jaqbel** li hemm bżonn li jitnaqqas l-ammont minimu ta' nies li jingħataw is-sensja minn 1 000 għal 500 biex b'hekk jiġu indirizzati l-kwistjonijiet li qamu dwar il-kriterji ta' intervent u tiġi introdotta definizzjoni ġuridika tas-sensja; madanakollu **jemmen** li hemm bżonn definizzjoni aktar preċiża tas-sensja u applikazzjoni ċara tagħha fl-Istati Membri ⁽²⁾;

16. **jappoġġja** l-emenda proposta bil-għan li tiżgura trattament ġust u mhux diskriminatorju tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja qabel jew wara l-perijodu ta' referenza ta' erba' xhur iżda li hija marbuta b'mod ċar mal-istess episodju li wassal għas-sensja;

17. **jilqa'** l-emendi proposti li jiċċaraw il-bażi għall-kalkolu tal-ammont disponibbli għall-assistenza teknika u l-firxa tal-attivitajiet li jistgħu jiġu finanzjati skont Artikolu 13;

18. **jappoġġja** l-bidla proposta li jiddejjem il-perijodu ta' implimentazzjoni ta' kontribut tal-EGF minn 12-il xahar għal 24 xahar u **jemmen** li din il-miżura tgħin lill-ħaddiema li jkunni tilfu xogħolhom sabiex jispiċċaw programmi ta' taħriġ ġodda, li fil-kuntest ekonomiku attwali wisq probabbli jieħdu aktar ħin, u li jiksbu kwalifiki ġodda;

19. **huwa tal-fehma** li abbażi tal-evalwazzjoni ta' nofs it-term prevista f'Artikolu 17, paragrafu 1(a), il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jirrevedu r-regolament tal-EGF, inkluża d-deroga temporanja prevista f'Artikolu 1 fuq proposta mill-Kummissjoni.

II. PROPOSTI KONKRETI GĦAT-TITJIB

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni.

Test propost mill-Kummissjoni	Proposta għal emenda
(5) Biex jiġi żgurat li l-kriterji ta' intervent japplikaw b'mod trasparenti, għandha tiġi introdotta definizzjoni tal-episodju li jikkostitwixxi s-sensja. Bl-għan li tingħata aktar flessibilità lill-Istati Membri li jippreżentaw l-applikazzjonijiet u biex jiġi sodisfatt aħjar l-għan ta' solidarjetà, għandu jonqos il-limitu massimu tas-sensji.	(5) Biex jiġi żgurat li l-kriterji ta' intervent japplikaw b'mod trasparenti, għandha tiġi introdotta definizzjoni <u>aktar preċiża</u> tal-episodju li jikkostitwixxi s-sensja u li <u>tiġi applikata</u> fl-Istati Membri b'mod ċar. Bl-għan li tingħata aktar flessibilità lill-Istati Membri li jippreżentaw l-applikazzjonijiet u biex jiġi sodisfatt aħjar l-għan ta' solidarjetà, għandu jonqos il-limitu massimu tas-sensji.

Raġuni

L-għan għandu jkun l-armonizzazzjoni tad-definizzjoni tas-sensja u l-applikazzjoni tagħha fl-Istati Membri.

⁽¹⁾ ĠU C 139, 14.6.2006 (Mhux disponibbli bil-Malti).

⁽²⁾ Il-Kumitat tar-Reġjuni jemmen li l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jkollu it-tnaqqis fil-pagi u s-salarji fl-oqsma tas-setturi li l-aktar li ntaqtu mill-kriżi.

Test propost mill-Kummissjoni	Proposta għal emenda
<p>Artikolu 1</p> <p>Ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 qed jiġi emendat kif ġej:</p> <p>1. Fl-Artikolu 1 jiddaħħal paragrafu 1a ġdid:</p> <p>“1a. Permezz ta’ deroga mill-paragrafu 1, l-EGF għandu wkoll jipprovdi appoġġ lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja b’riżultat tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, sakemm l-applikazzjonijiet jikkonformaw mal-kriterji stipulati fl-Artikolu 2(a), (b) jew (c).</p> <p>Din id-deroga għandha tapplika għall-applikazzjonijiet kollha mressqa qabel il-31 ta’ Diċembru 2010.”</p>	<p>Artikolu 1</p> <p>Ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 qed jiġi emendat kif ġej:</p> <p>1. Fl-Artikolu 1 jiddaħħal paragrafu 1a ġdid:</p> <p>“1a. Permezz ta’ deroga mill-paragrafu 1, l-EGF għandu wkoll jipprovdi appoġġ lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja b’riżultat tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, sakemm l-applikazzjonijiet jikkonformaw mal-kriterji stipulati fl-Artikolu 2(a), (b) jew (c).</p> <p>Din id-deroga għandha tapplika għall-applikazzjonijiet kollha mressqa qabel il-31 ta’ Diċembru 2010 <u>l-2013</u>.”</p>

Raġuni

L-iskop wara l-aġġustament tal-perijodu ta’ żmien skont il-qafas finanzjarju multiannwali jidher neċessarju sabiex isir pjanar xieraq tal-EGF.

Test propost mill-Kummissjoni	Proposta għal emenda
<p>L-Artikolu 2 huwa ssostitwit bit-test li ġej:</p> <p>“Artikolu 2</p> <p>Il-kriterji ta’ intervent</p> <p>Għandha tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-EGF meta bidliet strutturali kbar fis-sistemi kummerċjali dinjija jwasslu għal disturb ekonomiku serju, partikolarment żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea, jew deklin rapidu tas-sehem mis-suq tal-UE f’settur partikolari jew delokalizzazzjoni lejn pajjiżi terzi, li jirriżultaw.”</p>	<p>L-Artikolu 2 huwa ssostitwit bit-test li ġej:</p> <p>“Artikolu 2</p> <p>Il-kriterji ta’ intervent</p> <p>Għandha tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-EGF meta bidliet strutturali kbar fis-sistemi kummerċjali dinjija jwasslu għal disturb ekonomiku serju, partikolarment żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea, jew deklin rapidu tas-sehem mis-suq tal-UE f’settur partikolari jew delokalizzazzjoni lejn pajjiżi li jkollhom spejjeż iktar baxxierzi, li jirriżultaw.”</p>

Test propost mill-Kummissjoni	Proposta għal emenda
<p>L-Artikolu 2 jinbidel b’dan li ġej:</p> <p>“Artikolu 2</p> <p>Il-kriterji ta’ intervent</p> <p>(b) f’mill-inqas 500 sensja f’perjodu ta’ disa’ xhur, b’mod partikolari f’intrapriżi ta’ daqs żgħir jew medju, f’diviżjoni NACE 2 f’reġjun wieħed jew f’żewġ reġjuni kontigwi fil-livell NUTS II, jew</p> <p>(c) fi swieq tax-xogħol żgħar jew f’ċirkustanzi eċċezzjonali, fejn debitament motivati mill-Istat Membru kkonċernat, applikazzjoni għal kontribuzzjoni mill-EGF tista’ tiġi kkunsidrata ammissibbli wkoll jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) jew (b) ma jiġux sodisfatti kompletament, meta s-sensji għandhom impatt serju fuq l-impjieg u l-ekonomija lokali. L-Istat Membru se jispeċifika li l-applikazzjoni tiegħu ma tissodisfax kompletament il-kriterji ta’ intervent stabbiliti fil-punt (a) jew fil-punt (b). L-ammont aggregat tal-kontribuzzjonijiet f’ċirkustanzi eċċezzjonali ma jistax jaqbeż il-15 % tal-EGF kull sena.”</p>	<p>L-Artikolu 2 jinbidel b’dan li ġej:</p> <p>“Artikolu 2</p> <p>Il-kriterji ta’ intervent</p> <p>(b) f’mill-inqas 500 sensja f’perjodu ta’ disa’ xhur, b’mod partikolari f’intrapriżi ta’ daqs żgħir jew medju, f’diviżjoni NACE 2 f’reġjun wieħed jew f’żewġ reġjuni kontigwi fil-livell NUTS II, jew</p> <p>(c) fi swieq tax-xogħol żgħar jew f’ċirkustanzi eċċezzjonali, fejn debitament motivati mill-Istat Membru kkonċernat, applikazzjoni għal kontribuzzjoni mill-EGF tista’ tiġi kkunsidrata ammissibbli wkoll jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) jew (b) ma jiġux sodisfatti kompletament, meta s-sensji għandhom impatt serju fuq l-impjieg u l-ekonomija lokali. L-Istat Membru se jispeċifika li l-applikazzjoni tiegħu ma tissodisfax kompletament il-kriterji ta’ intervent stabbiliti fil-punt (a) jew fil-punt (b). L-ammont aggregat tal-kontribuzzjonijiet f’ċirkustanzi eċċezzjonali ma jistax jaqbeż il-15 % tal-EGF kull sena.”</p>

Raġuni

(c) Filwaqt li l-ippjanar tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) isir fuq perijodu fit-tul u b’mod pjuttost strett, il-problemi jistgħu jiġu solvuti każ b’każ permezz tal-mudell aktar flessibbli ta’ intervent tal-EGF.

Test propost mill-Kummissjoni	Proposta għal emenda
<p>L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:</p> <p>Fil-paragrafu 2 il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:</p> <p>“(a) analiżi motivata tal-konnessjoni bejn is-sensji u l-bidliet strutturali maġġuri fit-tendenzi tal-kummerċ dinji jew il-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, prova tal-għadd ta' sensji, u spjegazzjoni tan-natura mhux prevista ta' dawk is-sensji. Is-sensji li saru qabel jew wara l-perjodu li hemm provediment għalih fl-Artikolu 2(a) jew fl-Artikolu 2(c) fil-każ li applikazzjoni li taqa' taħt dan imsemmi l-aħħar tidderoga mill-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2 (a), jistgħu jiġu koperti mill-miżuri ta' kofinanzjament, diment li s-sensji saru wara d-dikjarazzjoni ġenerali tas-sensji proġettati u li tista' tiġi stabbilita konnessjoni funzjonali ċara mal-avveniment li wassal għas-sensji matul il-perjodu ta' riferenza;”</p>	<p>L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:</p> <p><u>L-ewwel paragrafu għandu jkun hekk:</u></p> <p>1. F'konsultazzjoni mal-awtoritajiet lokali u/jew reġjonali u mal-imsieħba soċjali, l-Istat Membru għandu jressaq it-talba tiegħu lill-Kummissjoni għal kontribut finanzjarju mill-EGF fi żmien 10 ġimgħat mid-data prevista f'Artikolu 2 li fiha jintlaħqu l-kundizzjonijiet stabbiliti għal intervent tal-EGF. Applikazzjonijiet addizzjonali jistgħu jitressqu mill-Istat Membru(i) kkonċernat(i).</p> <p>Fil-paragrafu 2 il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:</p> <p>“(a) analiżi motivata tal-konnessjoni bejn is-sensji u l-bidliet strutturali maġġuri fit-tendenzi tal-kummerċ dinji jew il-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, prova tal-għadd ta' sensji, u spjegazzjoni tan-natura mhux prevista ta' dawk is-sensji. Is-sensji li saru qabel jew wara l-perjodu li hemm provediment għalih fl-Artikolu 2(a) jew fl-Artikolu 2(c) fil-każ li applikazzjoni li taqa' taħt dan imsemmi l-aħħar tidderoga mill-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2 (a), jistgħu jiġu koperti mill-miżuri ta' kofinanzjament, diment li s-sensji saru wara d-dikjarazzjoni ġenerali tas-sensji proġettati u li tista' tiġi stabbilita konnessjoni funzjonali ċara mal-avveniment li wassal għas-sensji matul il-perjodu ta' riferenza;”</p>

Raġuni

- 1) Il-konsegwenzi tar-riallokazzjoni u l-għeluq ta' intrapriża jolqtu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-popolazzjonijiet tagħhom u għalhekk huma għandhom ikunu involuti fit-tfassil ta' strateġiji sabiex negħlbu sitwazzjoni bħal din. Huma għandhom jipparteċipaw fil-proċedura tal-applikazzjoni sabiex il-miżuri li jittieħdu fil-livelli lokali, reġjonal, nazzjonali u Ewropej jikkomplementaw lil xulxin.
- 2) Il-kontentut tal-ewwel sentenza ta' Paragrafu 2 punt (a) mhux iċar.

Test propost mill-Kummissjoni	Proposta għal emenda
<p>Fl-Artikolu 10 l-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:</p> <p>“1. Il-Kummissjoni għandha, fuq il-bażi tal-valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 5(5), b'mod partikolari wara li tieħu inkunsiderazzjoni l-għadd ta' ħaddiema li jridu jingħataw sostenn, l-azzjonijiet proposti u l-istima tal-ispejjeż, tiv-valuta u tipproponi malajr kemm jista' jkun l-ammont ta' kontribuzzjoni finanzjarja, jekk teżisti, li tista' ssir fi ħdan il-limiti tar-riżorsi disponibbli. L-ammont ma jistax jeċċedi l-75 % tat-total tal-prezz stmat imsemmi fl-Artikolu 5(2)(d).”</p>	<p>Fl-Artikolu 10 l-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:</p> <p>“1. Il-Kummissjoni għandha, fuq il-bażi tal-valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 5(5), b'mod partikolari wara li tieħu inkunsiderazzjoni l-għadd ta' ħaddiema li jridu jingħataw sostenn, l-azzjonijiet proposti u l-istima tal-ispejjeż, tiv-valuta u tipproponi malajr kemm jista' jkun l-ammont ta' kontribuzzjoni finanzjarja, jekk teżisti, li tista' ssir fi ħdan il-limiti tar-riżorsi disponibbli. L-ammont ma jistax jeċċedi l-78.5 % tat-total tal-prezz stmat imsemmi fl-Artikolu 5(2)(d).”</p>

Raġuni

Jekk nikkunsidraw is-sensji filwaqt li nqisu l-kriterji ta' intervent attwali u dawk li qed jiġu proposti fl-emenda, malajr nagħrfu li numru żgħir ta' sensji m'għandux impatt sinifikanti fuq il-kapaċità tar-reġjuni periferali li japplikaw għar-riżorsi finanzjarji mil-fond.

Minkejja li b'riżultat tal-qagħda ekonomika ħażina, l-ammont ta' sensji kollettivi u n-numru ta' ħaddiema li tilfu xogħolhom qed jiżdiedu, il-figura ta' 500 sensja hija għolja wisq meta titqabbel mas-swieq tax-xogħol żgħar ta' dawn ir-reġjuni. Għlahekk ir-reġjuni periferali jippreferu japplikaw għall-fondi tal-FSE. Madanakollu dan il-fond jista' jibda jonqos aktar malajr jekk il-kriżi tkompli tinfirex.

Fl-istess waqt ir-reġjuni periferali li huma ifqar mhumiex kapaċi jipprovdu kofinanzjament. Għaldaqstant jista' jagħti l-każ li l-gvernijiet, li b'riżultat tal-kriżi ekonomika, jinsabu f'qagħda dgħajfa, ma jagħtux l-attenzjoni mistħoqqa lir-reġjuni u/jew l-awtoritajiet lokali u regionali li m'għandhomx wisq poter ta' lobbying

Brussell, it-22 ta' April 2009

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Luc VAN DEN BRANDE

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar id-drittijiet tal-konsumatur

(2009/C 200/14)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

- jappoġġja l-għanijiet ta' politika ta' armonizzazzjoni ikbar fis-suq intern u ta' relazzjonijiet kummerċjali aktar effiċjenti bejn il-konsumaturi u l-imprezi, b'mod partikolari l-SMEs;
- fl-istess waqt huwa jappoġġja bis-sħiħ ukoll l-għan li jkompli jissaħħaħ il-ħarsien tal-konsumatur fi ħdan l-UE u li jkompli jitmexxa 'l quddiem l-iżvilupp tiegħu; u dan huwa kondizzjoni meħtieġa għall-funzjonament tas-suq uniku;
- huwa tal-fehma li l-proposta għal Direttiva fl-għamla preżenti tagħha mhix adattata biex issaħħaħ il-fiduċja tal-konsumatur fin-negozju transkonfinali;
- ma jaqbilx mal-prinċipju ta' armonizzazzjoni komprensiva u sħiħa. Dan jista' jwassal għar-riskju li xi wħud mill-Istati Membri jwarrbu ċerti regoli tal-ħarsien tal-konsumatur favur l-armonizzazzjoni;
- jistenna li anki fil-futur ikun possibbli li l-Istati Membri jitħallew imorru lil hinn mill-istandards komunitarji armonizzati;
- għal din ir-raġuni huwa favur approċċ differenzjat, li skontu għar-regoli li huma tekniċi, tista' tiġi adottata l-armonizzazzjoni sħiħa, waqt li għall-bqija jingħata ċertu spazju għar-regolamenti tal-Istati Membri;
- jenfasizza li l-informazzjoni ċentrali li tapplika għall-kuntratti kollha għandha tiġi definita b'mod aktar konkret;
- jara ċerta ħtieġa ta' kjarifika u ta' adattament fir-rigward tal-kuntratti mill-bogħod.

Rapporteur: Is-Sur Wolfgang G. Gibowski (DE/PPE) Segretarju tal-Istat u rappreżentant tal-Land ta' Niedersachsen

Dokument ta' referenza

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar drittijiet tal-konsumatur

COM(2008) 614 finali — 2008/0196 (COD)

I. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Punti ġenerali

1. jappoġġja l-għanijiet ta' politika ta' armonizzazzjoni ikbar fis-suq intern u ta' relazzjonijiet kummerċjali aktar effiċjenti bejn il-konsumaturi u l-impriżi, b'mod partikolari l-SMEs;
2. fl-istess waqt huwa jappoġġja bis-sħiħ ukoll l-għan li jkompli jissaħħaħ il-ħarsien tal-konsumatur fi ħdan l-UE u li jkompli jitmexxa 'l quddiem l-iżvilupp tiegħu; u din hija kondizzjoni meħtieġa għall-funzjonament tas-suq uniku;
3. għalhekk jilqa' b'sodisfazzjon l-għan tal-proposta kkonċernata li d-direttivi eżistenti dwar il-ħarsien tal-konsumatur jinġabru f'korpus ta' regoli wieħed, li għandu japplika b'mod orizzontali għall-kuntratti kollha nneozjati bejn il-konsumaturi u l-kummerċjanti li jissemmew fil-proposta għal Direttiva;
4. madanakollu huwa jinnota b'dispaċir li l-proposta ma tinkludix id-direttivi kollha dwar il-ħarsien tal-konsumatur u li l-proposta tal-Kummissjoni tillimita ruħha biss għar-reviżjoni ta' erba' direttivi. B'hekk il-Kummissjoni ma tisfruttax l-opportunità li toħloq qafas komuni għad-drittijiet tal-konsumatur kollha fis-suq intern;
5. jiddispaċih ukoll għall-fatt li l-proposta ma tneħħix għal kollox il-kontradizzjonijiet u n-nuqqas ta' ċarezza fl-atti legali eżistenti u b'hekk lanqas ma żżid it-trasparenza ġenerali tad-dispożizzjonijiet tal-Acquis tal-Konsumatur;
6. juri tħassib dwar id-differenzi (li qed jiżdiedu) bejn ir-regolamenti tal-UE u tal-pajjiżi terzi fir-rigward tal-ħarsien tal-konsumatur u jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti aktar attenzjoni lil din il-kwistjoni;

Kompetenza, sussidjarjetà u proporzjonalità

7. jenfasizza li d-direttivi attwali pprovdew għal standard minimu Ewropew. L-Istati Membri kellhom għalhekk il-libertà li setgħu jmorru lil hinn mil-livell tal-ħarsien tal-konsumatur stabbilit fl-UE. Diversi pajjiżi sfruttaw tajjeb din il-possibbiltà; jittama li din l-opportunità twassal għal żieda globali fil-ħarsien tal-konsumatur fl-Istati Membri kollha;
8. ma jaqbilx mal-prinċipju ta' armonizzazzjoni komprensiva u sħiħa. Dan jista' jwassal għar-riskju li xi wħud mill-Istati Membri jwarrbu ċerti regoli tal-ħarsien tal-konsumatur favur l-armonizzazzjoni, minkejja li dawn ir-regoli jkunu ta' ġid għall-pajjiż ikkonċernat;

9. huwa jemmen li l-prinċipju tal-armonizzazzjoni minima, li kien ta' suċċess u li jikkorrispondi wkoll mal-Artikolu 153(5) tat-TKE dwar il-Ħarsien tal-Konsumatur, għandu jinżamm. L-Istati Membri għandu jkollhom il-flessibbiltà li jadattaw il-liġi dwar id-dritt tal-konsumatur għas-sistema legali nazzjonali tagħhom billi jsaħħu l-miżuri ta' protezzjoni tagħhom;

10. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-armonizzazzjoni komprensiva u sħiħa hija fenomenu ġdid fil-qasam tal-ħarsien tal-konsumatur tal-Ewropa. Jidher għalhekk li mhux bilfors hemm bżonn li l-prinċipju jiġi introdott. L-armonizzazzjoni sħiħa għandha tapplika biss f'każijiet partikolari bħal pereżempju f'każijiet tekniċi speċifiċi, fejn jista' jiġi ppruvat li d-dispożizzjonijiet nazzjonali differenti li jeżistu qegħdin ixekklu l-impriżi transkonfinali jew joħlqu limitazzjonijiet kbar għat-twertiq tal-erba' libertajiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

11. jiddubita kemm l-armonizzazzjoni komprensiva u sħiħa tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. S'issa l-Kummissjoni għadha ma tat l-ebda raġuni li tispjega l-pass li ħadet favur kompetenza regolatorja sħiħa f'dan il-qasam. L-armonizzazzjoni sħiħa għandha għalhekk tiġi applikata f'ċerti oqsma prinċipali tas-suq intern biss;

12. jiddubita kemm l-armonizzazzjoni sħiħa ser iżżid il-fiduċja tal-konsumatur u tagħti spinta lill-kompetizzjoni. Il-problemi li qegħdin jiffaċċjaw il-konsumaturi x'aktarx ġejjin min-nuqqas ta' sigurtà u mill-kumplikazzjonijiet fil-qasam tal-infurzar tal-liġi fil-kummerċ transkonfinali (ostakli lingwistiċi, spejjeż tal-avukati u tal-qrati eċċ.). Fir-rigward ta' dawn il-punti d-Direttiva ma tipprovdix l-ebda titjib;

13. jemmen li l-għan tal-proposta għal Direttiva tal-Kummissjoni, jiġifieri li tirregola kemm il-kummerċ transkonfinali kif ukoll in-negozju intern fl-Istati Membri, għandu jiġi skrutinizzat. Fil-fatt m'hemmx prova li turi li d-differenzi bejn ir-regoli interni jostakolaw il-kummerċ transkonfinali;

14. jenfasizza wkoll li kull r-regola armonizzata għandha tistrieħ fuq provi empiriċi ċari u tkun soġġetta għal stima realistika tal-impatt;

15. huwa tal-fehma li l-istħarriġ tal-Ewrobarometru, li serva ta' bażi għal din il-proposta, ma jipprovdix raġuni suffiċjenti għad-dħul fis-seħħ tal-proposta għal Direttiva. Hemm bżonn li l-Kummissjoni tipprovdix bażi empirika u raġunijiet koerenti li jispjegaw il-bżonn ta' azzjoni fir-rigward ta' kull dispożizzjoni kkonċernata. L-istima tal-impatt s'issa tagħti biss indikazzjoni astratta tal-konsegwenzi tad-diversi azzjonijiet li jistgħu jittieħdu;

Osservazzjonijiet speċifiċi

Definizzjonijiet

16. huwa tal-fehma li n-nuqqas ta' ċarezza fit-termini użati fid-direttivi preċedenti dwar id-drittijiet tal-konsumatur, li kkontribwixxa għal nuqqas kbir ta' trasparenza, ma ġiex ittrattat b'mod suffiċjenti fil-proposta għal Direttiva. Hemm bżonn ta' definizzjonijiet ċari anki ta' termini bħal "konsumatur" u "kummerċjant";

Informazzjoni għall-konsumatur

17. huwa tal-fehma li d-dispożizzjonijiet rigward l-obbligu li tingħata l-informazzjoni mhumiex ċari biżżejjed u jista' jkun li jir-rizultaw f'inċertezzi legali sinifikanti; jiġifieri l-limitazzjoni fuq l-obbligu li tingħata informazzjoni ("il-kummerċjant għandu jagħti lill-konsumatur l-informazzjoni li ġejja, jekk mhijiex diġà evidenti mill-kuntest") hija vaga u futit li xejn tista' sservi ta' bażi li fuqha jistgħu jsiru ċerti distinzjonijiet;

18. jenfasizza li l-informazzjoni ċentrali li tapplika għall-kuntratti kollha għandha tiġi definita b'mod aktar konkret;

Informazzjoni għall-konsumatur u d-dritt ta' rtirar fil-każ tal-kuntratti li jsiru mill-bogħod u daww in-negozjati barra mil-lok tan-negozju

19. jenfasizza li hemm intrapriżi, partikularment daww żgħar, li qegħdin jilmentaw li diġà mhumiex kapaċi jikkonformaw mal-obbligu li tingħata informazzjoni mingħajr pariri legali. Formola standardizzata tista' tgħin kemm lill-intrapriżi kif ukoll lill-konsumaturi. Daww l-intrapriżi li jużaw il-formola pprovduta fid-Direttiva jistgħu jkunu ċerti li l-informazzjoni tagħhom tikkonforma mar-rekwiżiti tad-Direttiva. Il-konsumaturi għandu jkollhom aċċess għal din l-informazzjoni fl-istess format fl-Ewropa kollha. Il-formola pprovduta fl-appendiċi hija limitata f'dan ir-rigward;

20. barra minn hekk jara ċerta hteġa ta' kjarifika u ta' adattament fir-rigward tal-kuntratti mill-bogħod. F'dan ir-rigward il-proposta tmur lil hinn mid-dispożizzjonijiet nazzjonali li qegħdin fis-seħħ bħalissa iżda ma tinkludix l-eċċezzjoni inkluża fid-Direttiva ta' qabel dwar il-bejgħ mill-bogħod, jiġifieri li l-merkanzija, li "minħabba l-kondizzjoni tagħha ma tkunx tista' tiġi rritornata" tiġi eskluża mid-dritt ta' rtirar;

21. jqis problematiku l-fatt li l-bejgħ bieb bieb se jkun inkluż fl-armonizzazzjoni sħiħa. Il-biċċa l-kbira taż-żjarat tal-kummerċjanti fid-djar u l-kuntratti li jsiru l-barra mill-post tan-negozju, isiru fil-livell nazzjonali;

22. jistaqsi għaliex id-dritt tal-irtirar m'għandux japplika fil-każ tal-abbonamenti frivisti u perjodiċi, is-servizzi tal-logħob u l-lotteriji. L-istess jgħodd għall-irkanti privati ta' fuq l-internet, li f'ċerti pajjiżi membri (għall-anqas fil-Ġermanja) jitqiesu bħala kuntratti tal-bejgħ normali. Għalhekk għandu jkun hemm dispożizzjoni nazzjonali għall-irregolaritajiet;

Drittijiet oħra tal-konsumatur fir-rigward tal-kuntratti ta' bejgħ

23. jilqa' b'sodisfazzjon is-suġġerimenti relatati mal-bejgħ lill-konsumatur, għax donnhom jaqdu tajjeb il-bżonnijiet ta' min ibiġh (dritt ta' twettiq supplimentari, termini ta' skadenzi għas-servizzi);

24. min-naħa l-oħra jqis b'mod kritiku s-suġġerimenti relatati ma' prodotti difettużi, speċjalment daww relatati mal-limitu taż-żmien li fih tista' titressaq talba ta' kumpens għall-prodotti difettużi;

Drittijiet tal-konsumatur fir-rigward tal-kondizzjonijiet kuntrattwali

25. iqis problematiċi s-suġġerimenti relatati mal-kondizzjonijiet kuntrattwali stabbiliti peress li partijiet mid-dispożizzjonijiet proposti jimplikaw tnaqqis fid-drittijiet tal-konsumatur. Mhuwiex aċċettabbli standard aktar baxx minn dak attwali mill-acquis legali tal-Istati Membri;

Konklużjonijiet

26. huwa tal-fehma li l-proposta għal Direttiva fl-għamla preżenti tagħha mhix adattata biex issaħħaħ il-fiducia tal-konsumatur fin-negozju transkonfinali. Jekk il-leġiżlazzjoni proposta tfisser bidliet neċessarji fil-leġiżlazzjoni nazzjonali għal livell aktar baxx sabiex din tkun tista' tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-UE, dan jista' jwassal ukoll biex tkompli tiddgħajef it-talba min-naħa tal-konsumatur, peress li standards aktar baxxi fil-ħarsien tal-konsumatur jista' jkun li jwasslu biex il-konsumaturi jżommu lura aktar għax iħossuhom inċerti;

27. jopponi l-armonizzazzjoni komprensiva u sħiħa u jistenna li anki fil-futur ikun possibbli li l-Istati Membri jitħallew imorru 'lil hinn mill-istandards komunitarji armonizzati;

28. għal din ir-raġuni huwa favur approċċ differenzjat, li skontu għar-regoli li huma x'aktarx tekniċi tista' tiġi adottata l-armonizzazzjoni sħiħa, waqt li għall-bqija jingħata ċertu spazju għar-regolamenti tal-Istati Membri. B'hekk huma jingħataw il-possibbiltà li jirreaġixxu aktar malajr għal żviluppi mhux mix-tieqa milli jista' jirreaġixxi l-leġiżlatur Ewropew;

29. huwa tal-fehma li hemm bżonn ta' approċċ integrat li permezz tiegħu jinstabu definizzjonijiet u dispożizzjonijiet adatti mhux biss għall-oqsma inklużi fil-proposta għal Direttiva, iżda anke għat-titjib tal-bqija tal-Acquis tal-Konsumatur;

30. iqis li fir-rigward tal-Acquis eżistenti se jkun hemm bżonn ta' aktar kjarifika u konsultazzjonijiet. Matul in-negozjati għandu jintlaħaq bilanċ bejn livell għoli fil-ħarsien tal-konsumatur u l-kompetittività tal-intrapriżi. Għandhom jiġu evitati kemm piżijiet sproporzjonati b'mod partikulari fuq l-intrapriżi ta' daqs medju kif ukoll tnaqqis fil-livell tal-ħarsien tal-konsumatur, li f'xi wħud mill-Istati Membri diġà huwa distint ħafna. Ikun xieraq li wieħed japprofitta min-negozjati anki sabiex l-informazzjoni għall-konsumatur issir aktar uniformi u sempliċi u aktar faċli biex tintfieh;

31. interessat ferm fil-kumpliment tad-diskussjoni u beħsiebu jsegwiha b'mod pożittiv.

Brussell, 22 ta' April 2009

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Luc VAN DEN BRANDE

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 000 EUR fis-sena (*)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	100 EUR fix-xahar (*)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	700 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	70 EUR fix-xahar
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	40 EUR fix-xahar
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	500 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

(*) Il-prezz kull kopja: bi 32 paġna: 6 EUR
minn 33 sa 64 paġna: 12 EUR
aktar minn 64 paġna: Prezz fiss għal kull każ

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali* L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-*Ġurnal Uffiċjali* (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-*Ġurnal Uffiċjali*. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġjiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-Leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Blex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>